# KAPITOLU 354

## ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI

*Biex jipprovdi dwar il-kwalifika ta' eletturi, il-qsim tad-Distretti Elettorali, il-metodu ta' reġistrazzjoni ta' eletturi u l-Elezzjoni u l-Elezzjoni bil-għażla ta' Membri tal-Parlament.*

27 ta' Settembru, 1991

*L-ATT XXI ta' l-1991, kif emendat bl-Atti XXIV ta' l-1995 u XV ta' l-1996; bl-Avviż Legali 178 ta' l-1996; bl-Atti VI ta' l-2001, XVI ta' l-2002 u XXI ta' l-2007; bl-Avviż Legali 425 ta' l-2007; u bl-Att VII ta' l-2009.*

TAQSIM TA' L-ATT


| | | Artikoli |
|---|---|---|
| TAQSIMA I. | Disposizzjonijiet Ġenerali | 1-6 |
| TAQSIMA II. | Il-Kummissjoni u l-Uffiċċju Elettorali | 7-14 |
| TAQSIMA III. | Eletturi | 15-16 |
| TAQSIMA IV. | Distretti Elettorali u Metodu ta' l-Elezzjoni | 17-18 |
| TAQSIMA V. | Reġistrazzjoni ta' Eletturi | 19-29 |
| TAQSIMA VI. | Pubblikazzjoni ta' Reġistru Elettorali | 30-35 |
| TAQSIMA VII. | Appelli lill-Uffiċjal Reviżur | 36-43 |
| TAQSIMA VIII. | Avviżi, Dokumenti għall-Votazzjoni, Poloz tal-Votazzjoni | 44-50 |
| TAQSIMA IX. | Nomina ta' kandidati | 51-55 |
| TAQSIMA X. | Assistenti Kummissjonarji | 56-59 |
| TAQSIMA XI. | Votazzjoni | 60-79 |
| TAQSIMA XII. | Votazzjoni fi Djar ta' l-Anzjani | 80-84 |
| TAQSIMA XIII. | Għadd tal-Voti | 85-94 |
| TAQSIMA XIV. | Rikonċiljazzjoni tar-Rendikont ta' Poloz tal-Votazzjoni | 95-104 |
| TAQSIMA XV. | Klassifika tal-Voti, Elezzjonijiet Każwali u b'Għażla | 105 |
| TAQSIMA XVI. | Pubblikazzjoni ta' Riżultati | 106-109 |
| TAQSIMA XVII. | Disposizzjonijiet Penali | 110-116 |
| TAQSIMA XVIII. | Riserva u Tħassir | 117-118 |
| TAQSIMA XIX. | Riserva dwar il-Jedd ta' Partiti Politiċi | 119 |

| | |
|---|---|
| L-EWWEL SKEDA: | Formula ta' Ġurament ta' Kariga li jieħdu l-Kummissjonarji Elettorali. |
| IT-TIENI SKEDA: | Formula ta' Applikazzjoni għal Reġistrazzjoni bħala Elettur |
| IT-TIELET SKEDA: | Formula dwar Tibdiliet jew Trasferiment ta' fejn wieħed joqgħod |
| IR-RABA' SKEDA: | Formula ta' Applikazzjoni għall-Korrezzjoni ta' Isem |

| | |
|---|---|
| | jew Indirizz |
| IL-ĦAMES SKEDA: | Applikazzjoni minn Eletturi Nisa għall-Korrezzjoni tal-Kunjom u l-Indirizz wara Żwieġ |
| IS-SITT SKEDA: | Formula ta' *Writ* maħruġ mill-President ta' Malta lill-Kummissjonarji Elettorali |
| IS-SEBA' SKEDA: | Formula ta' Dokument għall-Votazzjoni |
| IT-TMIEN SKEDA: | Formula tal-Polza |
| ID-DISA' SKEDA: | Formula tan-Nomina |
| L-GĦAXAR SKEDA: | Formula tal-Ġurament li jittieħed mill-Assistenti Kummissjonarji Elettorali |
| IL-ĦDAX-IL SKEDA: | Formula ta' Ġurament li Assistent Kummissjonarju jista' jagħti lil Elettur |
| IT-TNAX-IL SKEDA: | Rapport ta' l-Ispejjez ta' l-Elezzjoni |
| IT-TLETTAX-IL SKEDA: | Regolamenti ta' l-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Klassifika tal-Poloz tal-Votazzjoni, Elezzjonijiet Każwali u b'Għażla) |
| L-ERBATAX-IL SKEDA: | Artikoli 41 sa 62 ta' l-Ordinanza Elettorali dwar il-Votazzjoni (Kap. 102) |
| IL-ĦMISTAX -IL SKEDA: | Formola tal-Ġurament li Assistent Kummissjonarju Elettorali għandu jagħti lil elettur. |

## TAQSIMA I

*Disposizzjonijiet Ġenerali*

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali. Titolu fil-qosor.

**2.** (1) F'dan l-Att u f'kull regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tfissirx xort'oħra - Tifsir. *Emendat: XV. 1996.2; XVI. 2002.2.*

"dokument għall-votazzjoni" tfisser id-dokument għall-votazzjoni li għandu jintbagħat lill-eletturi taħt l-artikolu 46;

"Kamra" tfisser il-Kamra tad-Deputati mwaqqfa bil-Kostituzzjoni;

"kamra tal-votazzjoni" tfisser il-kamra li ġewwa fiha jattendu l-eletturi f'jum il-votazzjoni sabiex jirċievu polza tal-votazzjoni, jiktbu fuqha u jitfgħuha fil-kaxxa tal-voti;

"karta ta' l-identità" tfisser dokument li hu karta ta' l-identità għall-finijiet ta' l-Att dwar il-Karti ta' l-Identità; Kap. 258.

"kaxxa tal-voti" tfisser kaxxa li ġewwa fiha l-eletturi huma obbligati jitfgħu l-polza tal-votazzjoni markata tagħhom;

"kompartiment tal-votazzjoni" tfisser dik it-taqsima minn kamra tal-votazzjoni fejn l-eletturi jimmarkaw il-polza tal-votazzjoni tagħhom, u li għandha tkun mgħammra b'wiċċ ta' mejda lixx li fuqu wieħed ikun jista' jikteb sew, u lapsijiet għal dak l-għan;

"Kummissjoni" għandha tfisser il-Kummissjoni Elettorali mwaqqfa bl-artikolu 60 tal-Kostituzzjoni;

"partit politiku" għandha, għall-finijiet biss ta' l-artikoli 10 u 14, tfisser kull persuna jew grupp ta' persuni li wara li jkunu ikkontestaw l-elezzjoni ġenerali taħt isem wieħed ikunu rappreżentati fil-Kamra b'mill-inqas membru wieħed jew kienu hekk rappreżentati meta l-Kamra tkun ġiet l-aħħar xolta, u fil-każi l-oħra kollha "partit politiku" għandha tfisser kull persuna jew grupp ta' persuni li jikkontestaw l-elezzjoni bħala grupp wieħed li jkun iġib l-istess isem;

"post ta' votazzjoni" tfisser l-iskola, bini jew kumpless jew struttura oħra fejn ikunu jinsabu kamra jew kmamar tal-votazzjoni u tinkludi, salvi d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 66, l-art appartenenti, jekk ikun hemm, għal dak il-kumpless jew struttura;

"timbru uffiċjali" tfisser it-timbru li l-Kummissjoni u l-partiti politiċi jagħtu direttiva lill-Assistent Kummissjonarju, kif rispettivament nominat minn kull wieħed minnhom, sabiex jużaw fuq il-karta ta' votazzjoni qabel ma dik il-karta ta' votazzjoni tingħata lill-elettur u t-timbru jista' jkollu dik l-għamla hekk kif kull wieħed minnhom jista' jiddeċiedi sakemm it-timbru b'ebda mod ma jikkostitwixxi xi forma ta' propaganda u t-timbri tal-partiti politiċi ma jkunux meħtieġa għall-validità tal-karta ta' votazzjoni. Il-partiti politiċi li jagħżlu li jagħmlu użu minn timbri uffiċjali għandhom jiddepożitaw stampat tat-timbru li jkun hekk se jintuża mill- inqas siegħa qabel ma tibda l-votazzjoni.

(2) Kull meta b'dan l-Att hija stabbilita piena għal xi att li jsir "qabel, matul jew wara" elezzjoni, ma għandux jittieħed kont ta' xi ħaġa li tkun saret qabel -

(*a*) fil-każ ta' xi elezzjoni miżmuma minħabba xoljiment tal-Parlament skond l-artikolu 76(1) tal-Kostituzzjoni, il-ħruġ ta' Proklama li xxolji l-Kamra;

(*b*) fil-każ ta' xi elezzjoni miżmuma minħabba xoljiment tal-Parlament skond l-artikolu 76(2) tal-Kostituzzjoni, tliet xhur qabel id-data ta' dak ix-xoljiment.

Setgħa ta' egħmil ta' regolamenti.
*Emendat:*
*XV. 1996.3;*
*VI. 2001.21.*

**3.** (1) Il-Kummissjoni tista' tagħmel regolamenti li ma jkunux inkonsistenti mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew li jkunu jmorru kontrihom, sabiex tistabbilixxi l-formuli jew il-proċeduri li għalihom ma hemmx proċedura espressa f'dan l-Att, biex temenda l-formuli li hemm fl-iskeda li hawn ma' dan l-Att, u, in ġenerali, dwar l-esekuzzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att. Il-Prim Ministru għandu minnufih wara l-pubblikazzjoni ta' regolamenti bħal dawk, ipoġġi l-istess fuq il-Mejda tal-Kamra.

(2) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti taħt dan is-subartikolu jistabbilixxi d-drittijiet li għandhom jitħallsu fir-reġistri tal-qrati tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) f'dak li għandu x'jaqsam mal-preżentata ta' appelli u rikorsi lil Uffiċjali Reviżuri taħt dan l-Att:

Kap. 12.

Iżda sakemm dawk id-drittijiet jiġu hekk stabbiliti mill-Ministru, għandhom japplikaw id-drittijiet li hemm fl-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(3) Il-bord imwaqqaf taħt l-artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jista' jagħmel regoli, li ma jkunux inkonsistenti ma' dan l-Att, li jirregolaw appelli u rikorsi lil Uffiċjali Reviżuri.

Approprjazzjoni ta' flejjes meħtieġa għall-iskopijiet ta' dan l-Att.

**4.** (1) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi għandu, minn żmien għal ieħor, b'*warrant* taħt il-firma tiegħu mibgħut lill-*Accountant General*, jawtorizza u jordna illi l-flejjes kollha li jkunu b'mod raġonevoli meħtieġa għall-ispejjeż leġittimi li jsiru fl-esekuzzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jitħallsu mill-Fond Konsolidat mingħajr il-bżonn ta' ebda approprjazzjoni oħra ħlief dan l-Att.

(2) Rendikont ta' l-ispejjeż hekk imħallsa għandu, mill-iżjed fis li jista' jkun, jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

Estensjoni taż-żmien.
*Emendat:*
*XV. 1996.4.*

**5.** Meta ż-żmien stabbilit fid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att għat-twettiq fis-seħħ ta' xi proċedura jkun fil-fehma tal-President mhux biżżejjed għal dak l-iskop, il-President jista', b'avviż maħruġ fil-Gazzetta, itawwal dak iż-żmien kif jidhirlu li jkun jinħtieġ.

Kunsinna ta' applikazzjonijiet jew komunikazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar ir-reġistrazzjoni jew it-trasferiment ta' eletturi. *Emendat: XV. 1996.5.*

**6.** (1) L-applikazzjonijiet kollha li jistgħu jsiru lill-Kummissjoni taħt dan l-Att dwar ir-registrazzjoni, it-tħassir, il-korrezzjoni jew it trasferiment ta' elettur jistgħu jiġu ikkunsinnati fl-Uffiċċju Elettorali jew fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-lokalità fejn ikun joqgħod l-elettur, jew lil uffiċjal tal-Pulizija fi stazzjon tal-Pulizija f'Malta jew Għawdex inkella jistgħu jiġu mibgħuta bil-posta lill-Kummissjoni mingħajr ħlas ta' pustaġġ.

(2) Kull segretarju ta' Kunsill Lokali u kull uffiċjal tal-Pulizija li lilu tkun ġiet ikkunsinnata applikazzjoni bħal dik imsemmija fis-subartikolu (1) għandu jagħti irċevuta lil min ikun wassallu l-applikazzjoni, jikteb fuq l-applikazzjoni d-data li fiha jkun irċeviha u għandu jibgħatha minnufih lill-Kummissjoni.

(3) Il-Kummissjoni għandha tagħti jew tibgħat lil kull applikant irċevuta għal kull applikazzjoni li tirċievi.

(4) Kull avviż jew kumnikazzjoni oħra bil-miktub mill-Kummissjoni taħt dan l-Att jistgħu jintbagħtu bil-posta u jitqiesu li waslu għand il-persuna li lilha jkunu ndirizzati fil-jum li fih ittra li tkun ġiet regolarment impustata, tiġi kunsinnata fil-kors normali tal-posta:

Iżda kull avviż jew kumnikazzjoni bil-miktub mibgħuta mill-Kummissjoni lil xi persuna dwar il-jeddijiet tagħha bħala elettur għandhom jintbagħtu bil-mezz ta' posta reġistrata.

(5) Ikun id-dmir tal-Kummissjoni Elettorali li tiżgura li jkun hemm provvista sew ta' formuli f'kull żmien disponibbli ġewwa l-uffiċċju ta' Kunsilli Lokali u għases tal-Pulizija.

## TAQSIMA II

### *Il-Kummissjoni u l-Uffiċċju Elettorali*

Il-Kummisjoni Elettorali. *Emendat: XV. 1996.6; XVI. 2002.3.*

**7.** (1) Ir-reġistrazzjoni, it-trasferiment, il-korrezzjoni u t-tħassir ta' eletturi, il-formazzjoni tar-Reġistru Elettorali, l-elezzjoni tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati u t-tmexxija ta' l-Uffiċċju Elettorali għandhom ikunu r-responsabbiltà waħdanija tal-Kummissjoni mwaqqfa bl-artikolu 60 tal-Kostituzzjoni. Il-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali jkun responsabbli għat-tmexxija ġenerali ta' kuljum ta' l-Uffiċċju Elettorali u għall-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.

(2) Il-Kummissjoni għandha tkun magħmula mill-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali bħala *chairman* u tmien membri li jkunu Kummissjonarji Elettorali.

(3) Il-Kummissjoni Elettorali għandha tkun korp magħqud b'personalità ġuridika distinta li tista', bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, tagħmel kuntratti, takkwista, iżżomm u tneħħi kull xorta ta' proprjetà għall-għanijiet tal-funzjonijiet tagħha, li tħarrek u li tiġi mħarrka, u li tagħmel dak kollu u tieħu sehem f'kull transazzjoni li jkunu inċidentali jew li jwasslu għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha skond dan l-Att.

(4) Ir-rappreżentanza ġuridika tal-Kummissjoni tvesti fil-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali jew f'dak il-membru ieħor

jew dawk il-membri oħra tal-Kummissjoni kif il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi b'riżoluzzjoni, liema riżoluzzjoni ma tibdiex isseħħ qabel ma tiġi pubblikata fil-Gazzetta.

Ġuramenti li għandhom jittieħdu mill-Kummissjonarji.

**8.** Il-Kummissjonarji għandhom, mal-ħatra tagħhom, jieħdu quddiem l-Avukat Ġenerali l-ġurament ta' lealtà muri fil-Kostituzzjoni u l-ġurament tal-kariga muri fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

Setgħat tal-Kummissjonarji.

**9.** (1) Fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tagħhom taħt dan l-Att, il-Kummissjonarji, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa f'dan l-Att, għandhom jagħmlu dak kollu li jidhrilhom li hu meħtieġ għat-twettiq ta' dmirijiethom.

(2) Fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tagħhom taħt dan l-Att, il-Kummissjonarji għandhom is-setgħat mogħtija mil-liġi lill-Qrati tal-Maġistrati sabiex iżommu l-ordni fis-seduti tagħhom u jassiguraw il-qima li tistħoqq lilhom.

Delegati tal-Partit. *Emendat: XV. 1996.7; XVI. 2002.4.*

**10.** (1) Kull partit politiku jkollu l-jedd li jinnomina żewġ delegati (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "delegati tal-partit") biex jirrappreżentaw il-partiti mal-Kummissjoni.

(2) Id-delegati tal-partit għandhom jirrapreżentaw lil dak il-partit politiku li jkun għamel in-nomina tagħhom mal-Kummissjoni u jkollhom il-jedd b'mod ġenerali li jiġu avżati bil-miktub mill-inqas darba fix-xahar bis-seduti kollha u bid-deċiżjonijiet kollha meħudin fihom.

(3) Id-delegati tal-partit, minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, għandu jkollhom kull dritt u ħelsien li jidħlu fl-Uffiċċju Elettorali, li jaraw kull dokumentazzjoni miżmuma f'dak il-lok, li jingħataw kopji relattivi f'format bil-miktub jew elettro-manjetiku, u li jqabblu, jivverifikaw u jiksbu kull tagħrif dwar ix-xogħol ta' l-Uffiċċju Elettorali; iżda l-Kummissjoni jkollha d-dritt li tinnomina uffiċjal tal-Kummissjoni sabiex jakkumpanja lil dawk id-delegati f'kull ħin.

(4) Id-delegati tal-partit għandhom jibqgħu f'dik il-kariga sakemm huma jitneħħew mill-partit politiku li jkun għamel in-nomina tagħhom.

(5) Id-delegati tal-partiti għandhom id-dritt li jfittxu u jiksbu mingħand il-Kummissjonarji kif ukoll mingħand kull uffiċjal ieħor li għandu x'jaqsam mat-tmexxija, sorveljar jew sigurtà fl-elezzjonijiet jew ma' xi aspett tagħhom, informazzjoni li tkun tixhed dwar jekk dawk il-persuni ikunux qegħdin jieħdu jew ma jieħdux miżuri biżżejjed sabiex jikkonformaw ruħhom mad-disposizzjonijiet tal-liġi fl-elezzjonijiet li jkunu sejrin jew qegħdin isiru, u l-Kummissjonarji jew dawk il-persuni oħra ikunu, minkejja kull liġi oħra jew regolament ieħor, marbutin li jagħtu dik l-informazzjoni minnufih.

(6) Minkejja kull disposizzjoni f'dan l-Att li tagħti lid-delegati tal-partit il-jedd li jistħarrġu u jiksbu tagħrif jew il-jedd tagħhom li jingħataw kopji ta' dokumenti u listi mill-Kummissjoni jew minn dipartimenti tal-gvern, dak il-jedd ma jinkludix il-jedd ta' viżjoni ta' dokumenti mediċi jew ta' dokumenti dwar l-adozzjoni ta'

eletturi jew ta' fotografiji ta' persuni li jkollhom dokument ta' l-identità u l-jedd ta' għarfien qabel il-jum tal-votazzjoni ta' aspetti ta' sigurtà li għandhom x'jaqsmu ma' poloz tal-votazzjoni, dokumenti għall-votazzjoni u t-timbru uffiċjali użat mill-Kummissjoni fuq il-poloz. It-tagħrif, dokumenti jew listi għandhom jingħataw lid-delegati tal-partiti oralment jew miktubin, stampati jew f'għamla elettronika hekk kif id-delegati jistgħu jeħtieġu u hekk kif il-Kummissjoni jkollha l-kapaċità teknika li tipprovdi. Fejn it-tagħrif, dokumenti jew listi ikunu ta' natura konfidenzjali id-delegati tal-partiti jkunu marbutin bl-istess obbligu ta' segretezza bħal persuna li minn għandha jinkiseb it-tagħrif, dokumenti jew listi.

Twaqqif ta' Uffiċċju Elettorali. *Emendat: XV. 1996.8.*

**11.** (1) Għandu jitwaqqaf Uffiċċju Elettorali bil-għan illi jħaddem ir-reġistrazzjoni, it-trasferiment u t-tħassir ta' eletturi, l-organizzazzjoni meħtieġa għat-tmexxija ta' elezzjonijiet u dak ix-xogħol amministrattiv kollu li jista' jkun meħtieġ li jitwettaq mill-Kummissjoni Elettorali.

(2) L-Uffiċċju Elettorali għandu jitħaddem minn persuni fis-servizz pubbliku u filwaqt li dawn il-persuni jkunu qegħdin jagħtu s-servizz tagħhom fl-Uffiċċju Elettorali, huma għandhom ikunu biss responsabbli lejn il-Kummissjoni fi ħwejjeġ dwar it-tħejjija u l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet ġenerali.

(3) Il-Kummissjoni għandha tassigura li jiġu osservati proċeduri ta' kontrolli u sigurtà partikolarment fl-aċċess għat-*terminals*, l-introduzzjoni, l-użu u l-ipproċessar ta' l-informazzjoni, u l-istampar ta' dokumenti ta' identifikazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tassigura wkoll li d-*database* tar-Reġistru Elettorali tkun tinkludi biss dettalji dwar persuni eliġibbli għall-vot. Il-partiti jkollhom ukoll id-dritt, qabel ma jingħata bidu għal xi proċess elettro-manjetiku fil-proċess elettorali, li jitolbu li ssir *dummy run* sabiex jassiguraw il-validità ta' l-istess proċess elettro-manjetiku.

Ġurament li jieħdu l-persunal ta' l-Uffiċċju Elettorali u setgħa li jagħtu ġurament.

**12.** (1) Il-persunal ta' l-Uffiċċju Elettorali għandhom, hekk kif jinħatru, jieħdu ġurament quddiem il-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali li jagħmlu fedelment id-dmirijiet tal-kariga tagħhom skond il-liġi.

(2) Kull wieħed mill-Kummissjonarji u kull uffiċjal ieħor awtorizzat mill-Kummissjoni f'isimhom, jistgħu jagħtu ġurament lil kull persuna meta jidhrilhom li dak il-ġurament ikun meħtieġ sabiex jinkiseb tagħrif skond dan l-Att.

Ħatra ta' Uffiċjali Reviżuri. *Emendat: XV. 1996.9.*

**13.** (1) Bis-saħħa ta' dan l-Att il-Maġistrati kollha li jservu fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għandhom jitqiesu li huma Uffiċjali Reviżuri.

(2) L-Uffiċjali Reviżuri jistgħu jagħmlu seduti f'kull qorti jew uffiċċju ta' Kunsilli Lokali biex jiddeċiedu dwar applikazzjonijiet jew appelli dwar ir-reġistrazzjoni, it-trasferiment, il-korrezzjoni, jew it-tħassir ta' xi elettur.

(3) Dawk l-appelli jew applikazzjonijiet kollha lil Uffiċjal Reviżur għandhom ikunu iffirmati mill-applikant jew minn persuna li taġixxi f'isem u li tkun awtorizzata mill-applikant jew mill-

appellant jew minn avukat jew minn prokuratur legali, u dawn għandhom jiġu ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond il-każ.

(4) L-Uffiċjal Reviżur għandu jistabbilixxi jum għas-smigħ ta' l-applikazzjoni jew appell u għandu jordna li kopja ta' l-applikazzjoni jew appell flimkien mad-data tal-jum stabbilit għas-smigħ għandhom jiġu notifikati lill-applikant jew l-appellant, lill-Kummissjoni u lil kull persuna oħra li tkun tinteressaha dik l-applikazzjoni jew dak l-appell.

(5) In-notifika ssir bil-mezz ta' posta reġistrata. Meta persuna li tkun se tiġi notifikata bl-applikazzjoni jew bl-appell bil-mezz ta' posta reġistrata tibqa' ma tinstabx, l-Uffiċjal Reviżur jordna li dik il-persuna għandha tiġi notifikata minn uffiċjal tal-qorti. Meta dik il-persuna tibqa' ma tinstabx minn dak l-uffiċjal tal-qorti, l-Uffiċjal Reviżur għandu jordna, wara li jsirlu rapport mill-uffiċjal tal-qorti li l-applikazzjoni jew l-appell jitwaħħlu fil-post fejn soltu jitwaħħlu l-avviżi fl-għassa tal-Pulizija u fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-lokalità fejn il-persuna interessata tkun toqgħod u li jiġu pubblikati darbtejn fil-gazzetti kollha lokali ta' kuljum u meta jkun meħtieġ, għandu jistabbilixxi jum ieħor għas-smigħ.

(6) In-notifika tal-persuni kollha interessati għandha ssir mill-inqas tlett ijiem qabel il-jum stabbilit għas-smigħ ta' l-applikazzjoni jew l-appell.

(7) Jekk l-applikant jew l-appellant jonqos li jidher fil-ġurnata stabbilita għas-smigħ u ma jidhirx għalih avukat jew prokuratur legali jew xi ħadd ieħor, l-applikazzjoni jew l-appell għandhom jitqiesu bħala mitluqa.

(8) Fil-każ ta' applikazzjoni għat-tneħħija ta' isem ta' persuna mir-Reġistru Elettorali, jekk din il-persuna tonqos li tidher fil-jum stabbilit għas-smigħ u ma jidhirx għaliha avukat jew prokuratur legali jew xi ħadd ieħor, l-applikazzjoni tista' tiġi maqtugħa fil-kontumaċja.

(9) Fil-każ ta' applikazzjoni jew appell imsejsa fuq inabilità tal-moħħ, l-Uffiċjal Reviżur għandu, għad li jkunu assenti l-applikanti jew l-appellant jew l-avukat, il-prokuratur legali jew persuna oħra li tkun qed tirrappreżentah, jirreferi l-applikazzjoni jew l-appell lill-Bord Mediku għad-deċiżjoni tiegħu.

(10) Fid-deċiżjoni tiegħu dwar l-applikazzjoni l-Uffiċjal Reviżur għandu jiddikjara x'ikunu r-raġunijiet li fuqhom tkun imsejsa d-deċiżjoni tiegħu u l-applikant jew l-appellant, il-Kummissjoni jew l-elettur involut ikollhom jedd ta' appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell dwar punt ta' liġi billi jsir rikors li jiġi preżentat fi żmien sebat ijiem mill-konsenja tad-deċiżjoni ta' l-Uffiċjal Reviżur.

(11) Ebda dritt ma jiġi intaxxat mir-Reġistru dwar ebda applikazzjoni jew appell, għan-notifika tagħhom, għal kull proċediment ieħor li jsir b'konsegwenza tagħhom jew għal kull deċiżjoni dwarhom.

Hatra ta' Bord Mediku.

**14.** (1) Għandu jitwaqqaf Bord Mediku li lilu jiġu riferiti kwistjonijiet dwar jekk persuna li tkun applikat biex tiġi reġistrata

bħala elettur jew li tkun diġà hekk reġistrata, tkunx skwalifikata milli tiġi hekk reġistrata skond l-artikolu 58(*a*) tal-Kostituzzjoni.

(2) Il-Bord Mediku għandu jkun magħmul minn tabib maħtur mill-Kummissjoni, li għandu jippresjedi, u tabib maħtur minn kull wieħed mill-partiti politiċi. Il-Bord Mediku għandu jitqies bħala li jkun twaqqaf validament ġaladarba jkun inħatar it-tabib li jippresjedi jew xi wieħed mill-membri.

TAQSIMA III

*Eletturi*

**15.** Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu li jaħbat minnufih wara dan, persuna jkollha dritt li tkun reġistrata bħala elettur għall-elezzjoni tal-Membri tal-Kamra jekk ikollha, u ma jkollhiex dritt li tkun hekk reġistrata jekk ma jkollhiex, il-kwalifiki meħtieġa bl-artikolu 57 tal-Kostituzzjoni u sakemm ma tiġix hekk skwalifikata bis-saħħa ta' l-artikolu 58 tal-Kostituzzjoni jew skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

Kwalifika għal eletturi.

**16.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-Att , kull min ikun reġistrat bħala elettur f'distrett elettorali għandu, sakemm jibqa' hekk reġistrat, ikollu dritt li jivvota fl-elezzjoni ta' Membri tal-Kamra għal dak id-distrett.

Dritt ta' votazzjoni fl-elezzjonijiet. *Emendat: XV. 1996.10.*

(2) Ħadd ma jista' jivvota fl-elezzjoni ta' Membri tal-Kamra f'xi distrett ieħor li ma jkunx id-distrett li fih ikun reġistrat bħala elettur.

(3) Kull min jikser id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, l-piena stabbilita għar-reati taħt l-artikolu 112.

TAQSIMA IV

*Distrett Elettorali u Metodu ta' l-Elezzjoni*

**17.** (1) Għall-finijiet ta' l-elezzjoni tal-Membri tal-Kamra, Malta tkun maqsuma fi tlettax-il distrett elettorali.

Distretti elettorali u numru ta' Membri tal-Parlament.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 52(1) tal-Kostituzzjoni, il-Kamra tkun magħmula minn ħamsa u sittin membru, u kull distrett elettorali jtella' ħames membri.

(3) Il-konfini tad-distrett elettorali msemmija fis-subartikolu (1) jkunu dawk stabbiliti skond l-artikolu 61 tal-Kostituzzjoni.

(4) Kull tibdil fin-numru tad-distretti elettorali jew fil-konfini tagħhom, jew fin-numru tal-Membri tal-Kamra, għandu jkollu effett kif provdut fl-artikolu 61(2) u (3), u fl-artikolu 66(6) tal-Kostituzzjoni:

Iżda, meta tibdil fil-konflni tad-distretti elettorali jkun ġie pubblikat skond l-artikolu 61(3)(*d*) tal-Kostituzzjoni, ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tiftiehem li timpedixxi l-pubblikazzjoni ta' xi reġistru elettorali rivedut jew li timpedixxi xi ħtieġa oħra taħt dan l-Att li għandha x'taqsam mar-reġistrazzjoni

ta' l-eletturi milli tiġi esegwita skond dak it-tibdil qabel ix-xoljiment tal-Parlament li minnu jibda jseħħ it-tibdil.

Metodu ta' l-elezzjoni.

**18.** L-elezzjoni tal-Membri tal-Kamra għandha ssir fuq il-prinċipju tar-rappreżentanza proporzjonali, u kull elettur għandu vot wieħed trasferibbli.

## TAQSIMA V

### *Reġistrazzjoni ta' Eletturi*

Investigazzjonijiet mill-Kummissjoni. *Emendat: XV. 1996.11.*

**19.** (1) Il-Kummissjoni għandha tagħmel dawk l-investigazzjonijiet, u teħtieġ mingħand kull persuna dak it-tagħrif, li jidhrilha meħtieġ sabiex issib jekk persuna għandhiex il-jedd li tiġi reġistrata bħala elettur jew li tibqa' hekk reġistrata jew il-post fejn għandha tiġi reġistrata.

(2) Il-Kummissjoni Elettorali għandha tiżgura li jkun hemm persunal adegwat bil-għan ewlieni li jivverifikaw il-kwalifiki u r-reġistrazzjoni ta' l-eletturi u għandhom iwettqu dik il-verifika sew ma' l-elettur u ma' persuni oħra li jistgħu jagħtu t-tagħrif meħtieġ, kif ukoll ma' kull dipartiment tal-gvern li jista' jkollu t-tagħrif relevanti.

Dmir ta' l-impjegati tal-Gvern li jagħtu informazzjonijiet. *Emendat: XXIV. 1995.362; XV. 1996.12.*

**20.** (1) L-uffiċjali pubbliċi kollha fis-servizz tal-Gvern ta' Malta u l-uffiċjali kollha ta' kull korp imwaqqaf b'liġi huma, minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, b'din il-liġi awtorizzati u fid-dmir li jagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjonijiet kollha li hija titlob sabiex hija tkun tista' ssib jekk persuna għandhiex il-jedd li tiġi reġistrata bħala elettur jew li tibqa' hekk reġistrata.

(2) Il-Kummissarju tal-Pulizija għandu jassisti lill-Kummissjoni billi jordna li jsiru investigazzjonijiet, li jittieħdu informazzjonijiet u li jiġu verifikati talbiet, u b'kull mod ieħor li jkun meħtieġ.

(3) L-uffiċjal pubbliku jew l-uffiċjali pubbliċi responsabbli għal kull Reġistru Pubbliku f'Malta u f'Għawdex għandhom, fl-ewwel ħamest ijiem ta' kull xahar, jibagħtu lill-Kummissjoni lista bl-isem, kunjom, numru tal-karta ta' l-identità, jekk ikun hemm, u partikolaritajiet oħra ta' kull persuna li l-mewt tagħha tkun ġiet reġistrata fix-xahar ta' qabel kif ukoll lista li jkun fiha partikolaritajiet bħal dawk tal-persuni kollha li jkunu żżewġu matul ix-xahar ta' qabel u lista li jkun fiha partikolaritajiet bħal dawk tal-persuni kollha li jkunu għalqu l-età ta' tmintax-il sena matul ix-xahar ta' qabel.

(4) Ir-Reġistratur tal-Qrati f'Malta u r-Reġistratur tal-Qrati ta' Għawdex jew dawk il-persuni oħrajn li jkollhom dik il-funzjoni għandhom, kull wieħed għal dik il-qorti li qiegħed fiha, fl-ewwel ħamest ijiem ta' kull xahar jibagħtu lill-Kummissjonarju lista bl-isem, kunjom, numru tal-karta ta' l-identità, jekk ikun hemm, u partikolaritajiet oħra ta' kull min ikun ġie interdett minħabba f'inabilità tal-moħħ minn qorti kompetenti kif ukoll lista li jkun fiha partikolaritajiet bħal dawk ta' dawk il-persuni kollha li jkunu

ngħataw kundanna ta' priġunerija (tkun kif tkun imsejħa) ta' aktar minn tnax-il xahar imposta fuqhom minn Qorti ta' Malta jew kundanna ta' priġunerija bħal dik li l-esekuzzjoni tagħha tkun ġiet sospiża.

(5) Kull uffiċjal pubbliku jew persuna oħra responsabbli għal ħabs f'Malta għandu matul l-ewwel ħamest ijiem ta' kull xahar jgħaddi lill-Kummissjoni lista li jkun fiha l-isem, il-kunjom, in-numru tal-karta ta' l-identità, jekk ikollha, u partikolaritajiet oħra ta' kull persuna li tkun inħelset mill-ħabs matul ix-xahar ta' qabel.

(6) L-uffiċjal pubbliku jew persuna oħra responsabbli għall-uffiċċju fejn tingħata jew tiġi irtirata ċ-ċittadinanza għandu matul l-ewwel ħamest ijiem ta' kull xahar jgħaddi lista li jkun fiha l-isem, il-kunjom, in-numru tal-karta ta' l-identità, jekk ikollha, u partikolaritajiet oħra ta' kull persuna li tkun ingħatat iċ-ċittadinanza jew li kellha ċ-ċittadinanza tagħha irtirata matul ix-xahar ta' qabel.

(7) Il-Kummissjoni għandha tgħaddi lid-delegati tal-partiti kopja ta' dawk il-listi fi żmien ħamest ijiem minn meta jkunu waslulha.

Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni.

**21.** (1) Kull min ikollu l-kwalifiki meħtieġa biex jivvota f'elezzjonijiet ta' Membri tal-Kamra jagħmel applikazzjoni għar-reġistrazzjoni lill-Kummissjoni fil-formula li tinsab fit-Tieni Skeda li hawn ma' dan l-Att; iżda l-Kummissjoni għandha tirreġistra bħala elettur lil kull min ikollu jedd li jiġi hekk reġistrat sew jekk tkun saret dik l-applikazzjoni sew jekk le.

(2) Il-Kummissjoni għandha tirrifjuta applikazzjoni minn persuna biex tiġi reġistrata bħala elettur u l-Kummissjoni ma għandhiex, b'inizjattiva tagħha skond is-subartikolu (1), tirreġistra persuna bħala elettur biss jekk dik il-persuna:

(*a*) tkun tilfet xi kwalifika meħtieġa sabiex tiġi reġistrata bħala elettur skond l-artikolu 57 tal-Kostituzzjoni; jew

(*b*) tkun ġiet skwalifikata milli tiġi hekk reġistrata minħabba f'xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 58 tal-Kostituzzjoni.

Metodu ta' reġistrazzjoni.

**22.** Min ikollu l-jedd li jiġi reġistrat għall-vot għandu jiġi biss reġistrat fid-distrett u bl-indirizz li fih huwa soltu jgħammar:

Iżda jekk jiġi ppruvat għas-sodisfazzjon tal-Kummissjoni li persuna ma tkunx reġistrata fid-distrett u skond l-indirizz li fih huwa soltu jgħammar, il-Kummissjoni ma jkollhiex dritt tħassar ir-reġistrazzjoni ta' dik il-persuna iżda hija għandha tapplika d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 23.

Trasferiment u korrezzjonijiet.

**23.** Kull min ismu jidher bħala elettur u li jkun jeħtieġ li ssir korrezzjoni fl-isem jew indirizz tiegħu jew f'partikolaritajiet oħra jew li jkollu ismu trasferit f'indirizz jew f'distrett elettorali ieħor jista' japplika lill-Kummissjoni Elettorali fil-formula li tinsab fit-Tielet, Raba' jew Ħames Skeda li tinsab ma' dan l-Att, skond il-każ:

Iżda dik il-korrezzjoni jew trasferiment jistgħu jsiru mill-

Kummissjoni sew jekk tkun saret dik l-applikazzjoni sew jekk le, sew b'inizjattiva tal-Kummissjoni nnifisha jew wara l-applikazzjoni minn kull elettur reġistrat ieħor, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-applikant, jekk il-Kummissjoni tkun sodisfatta li dik il-korrezzjoni jew dak it-trasferiment ikun ġustifikat u sakemm hija l-ewwel tavża bid-deċiżjoni tagħha bil-miktub lill-persuna konċernata u lill-applikant, jekk ikun hemm, u kull wieħed minnhom ikollu d-dritt ta' appell lill-Uffiċjal Reviżur.

Tħassir ta' reġistrazzjoni.

**24.** Meta l-Kummissjoni tkun sodisfatta wara li ssirilha applikazzjoni minn kull elettur reġistrat ieħor, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-applikant, jew fuq inizjattiva tagħha stess, li xi persuna reġistrata bħala elettur u li isimha jkun jidher fuq ir-Reġistru Elettorali ma jkollhiex il-kwalifiki li tkun reġistrata bħala elettur, il-Kummissjoni għandha, bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 26, tħassar ir-reġistrazzjoni ta' dak l-elettur u taqta' ismu barra mir-Reġistru Elettorali.

Deċiżjoni mill-Kummissjoni dwar applikazzjoni, reġistrazzjoni, trasferiment, korrezzjoni jew tħassir.

**25.** (1) Il-Kummissjoni għandha tavża lill-appellant u lill-elettur konċernat bid-deċiżjoni tagħha dwar kull applikazzjoni għal reġistrazzjoni bħala elettur jew biex tikkoreġi, tittrasferixxi jew tħassar ir-reġistrazzjoni ta' elettur u b'kull reġistrazzjoni, korrezzjoni, trasferiment jew tħassir li tagħmel b'inizjattiva tagħha stess.

(2) Il-Kummissjoni għandha tagħmel dawk it-tibdiliet meħtieġa fir-reġistru skond id-deċiżjoni tagħha u għandha tavża lill-elettur konċernat u lill-applikant bid-dritt tiegħu li jappella quddiem Uffiċjali Reviżuri.

Talba ta' tagħrif mill-Kummissjoni.
*Emendat:*
*XV. 1996.13;*
*XVI. 2002.5.*

**26.** (1) Qabel ma l-Kummissjoni tgħaddi biex tħassar ir-reġistrazzjoni ta' elettur skond l-artikolu 24, hija għandha b'avviż bil-miktub titlob lil dik il-persuna biex tagħti dak it-tagħrif jew dik il-prova jew xiehda li jista' jidhrilha meħtieġa biex jiġi stabbilit id-dritt ta' dik il-persuna biex tibqa' reġistrata bħala elettur, u jekk dik il-persuna tonqos, egħluq għaxart ijiem mill-impustar ta' dak l-avviż mill-Kummissjoni, milli tipprovdi bil-miktub dak it-tagħrif, prova jew xiehda għas-sodisfazzjon tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tista' tħassar ir-reġistrazzjoni ta' dik il-persuna jew taqta' 'l barra isimha mir-Reġistru Elettorali:

Iżda fil-każ ta' nuqqas totali ta' persuna milli twieġeb l-avviż fuq imsemmi egħluq il-perijodu ta' żmien fuq imsemmi, il-Kummissjoni ma għandhiex tipproċedi bit-tħassir tar-reġistrazzjoni ta' dik il-persuna jew bil-qtugħ 'il barra ta' isimha mir-Reġistru Elettorali qabel ma tkun innotifikat lil dik il-persuna avviż ieħor bil-miktub biex tagħti dak it-tagħrif, prova jew xiehda għas-sodisfazzjon tal-Kummissjoni egħluq perijodu ta' għaxart ijiem min-notifika ta' dak l-avviż l-ieħor. Kopji ta' avviżi magħmulin konformi ma' dan l-artikolu għandhom ukoll jiġu kkunsinnati lid-delegati tal-partiti.

(2) Kull komunika bil-miktub li l-Kummissjoni teħtieġ li ssirilha taħt dan l-artikolu tista' jew tiġi konsenjata fl-Uffiċċju Elettorali jew mibgħuta lill-Kummissjoni mingħajr ħlas ta' pustaġġ.

(3) L-avviż l-ieħor imsemmi fil-*proviso* tas-subartikolu (1) għandu jiġi notifikat minn uffiċjal tal-Pulizija jew minn xi persuna oħra maħtura għal hekk mill-Kummissjoni, u dan l-avviż għandu jitqies li jkun ġie notifikat bil-konsenja ta' l-avviż lill-persuna li lilha jkun ġie indirizzat, jew lil persuna li tkun jew li raġonevolment tkun tidher mhux taħt l-età ta' erbatax-il sena u li tkun jew membru tal-familja jew tad-dar tagħha jew tkun impjegata magħha, fl-indirizz ta' l-elettur kif muri fir-Reġistru Elettorali.

(4) Meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li taqta' 'il barra l-isem ta' l-elettur mir-Reġistru Elettorali, din għandha tgħarraf lill-elettur b'dan bil-mezz ta' ittra li tiġi lilu indirizzata u għandha wkoll tibgħat kopja ta' dik l-ittra lid-delegati tal-partiti.

Rifjut jew tħassir minħabba f'inabilità tal-moħħ.

**27.** (1) Il-Kummissjoni ma tistax tirrifjuta applikazzjoni minn persuna sabiex tiġi reġistrata bħala elettur, jew tħassar ir-reġistrazzjoni ta' elettur, jew taqta' ismu 'l barra mir-Reġistru Elettorali skond l-artikolu 58(*a*) tal-Kostituzzjoni qabel ma l-Kummissjoni tikseb id-deċiżjoni tal-Bord Mediku mwaqqaf bis-saħħa ta' l-artikolu 14 jew ħlief jekk dik il-persuna tkun ġiet interdetta minħabba f'inabilità tal-moħħ minn qorti kompetenti.

(2) Id-deċiżjoni tal-Bord Mediku tkun finali u torbot kemm lill-Kummissjoni u lill-elettur u ma jista' jsir ebda appell dwarha.

(3) Id-deċiżjonijiet tal-Bord Mediku li elettur ikollu inabiltà tal-moħħ għandhom jittieħdu b'vot unanimu u għandhom jitwasslu bil-miktub lill-Kummissjoni li wara tgħarraf lill-elettur bihom.

(4) Kull uffiċjal pubbliku għandu jipprovdi lill-Bord b'kull tagħrif li jista' jeħtieġ dwar is-saħħa ta' persuna li l-jedd tagħha li tiġi reġistrata jew li tkompli tiġi reġistrata bħala elettur ikun qiegħed jiġi ikkunsidrat mill-Bord.

(5) Il-Bord Mediku għandu jirregola l-proċeduri tiegħu stess.

Tagħrif dwar reġistrazzjonijiet ġodda, eċċ. *Emendat: XV. 1996.14.*

**28.** Il-Kummissjoni għandha, mill-inqas, kull xahar kalendarju tagħti lil kull delegat ta' partit lista li jkun fiha r-reġistrazzjonijiet ġodda, korrezzjonijiet, trasferimenti u tħassir li jkun sar minnha bis-saħħa tad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att li jkunu jindikaw l-isem u l-partikolaritajiet kollha tal-persuna konċernata u r-raġuni għaliex tkun qiegħda ssir xi bidla kif ukoll lista li jkun fiha kull tibdil fl-ismijiet tat-toroq u l-partikolaritajiet ta' dawk l-eletturi li jkunu ntlaqtu minn kull bidla bħal dik.

Id-delegati tal-partit għandhom jedd jiksbu tagħrif. *Emendat: XV. 1996.15.*

**29.** Id-delegati tal-partit għandu jkollhom l-istess setgħat mogħtija lill-Kummissjoni bis-saħħa ta' l-artikolu 19 sabiex jiksbu tagħrif, permezz tal-Kummissjoni, mingħand uffiċjali pubbliċi dwar il-jedd ta' persuna li tkun reġistrata bħala elettur u d-dmir ta' dawk l-uffiċjali pubbliċi li jagħtu dak it-tagħrif għandu jkun japplika wkoll fir-rigward tad-delegati tal-partit. Dan it-tagħrif għandu jingħata bid-dettalji kollha meħtieġa u għandu jingħata minnufih. Il-Kummissjoni għandha tagħti kopja ta' kull talba għal tagħrif u ta' kull risposta ukoll lid-delegati tal-partiti l-oħra.

## TAQSIMA VI

*Pubblikazzjoni ta' Reġistru Elettorali*

Reġistru Elettorali.

**30.** (1) Il-listi tal-persuni kollha li jkollhom jedd ikunu reġistrati bħala eletturi għall-elezzjoni ta' Membri tal-Kamra skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, għandhom jiffurmaw ir-Reġistru Elettorali.

(2) Ir-Reġistru Elettorali għandu jintgħamel skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

(3) Ir-Reġistru Elettorali għandu jintgħamel b'dak il-mod li l-pubbliku jsir jaf min huma dawk il-persuni li jkunu reġistrati eletturi, u b'dak il-mod li bih ikun jista' jintgħaraf kull elettur u sabiex kull elettur ikollu l-opportunità li joġġezzjona għad-dħul fil-lista ta' kull elettur ieħor skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

Kif jintgħamel ir-Reġistru Elettorali.
*Emendat:*
*XV. 1996.16.*

Kap. 363.

**31.** (1) Ir-Reġistru Elettorali għandu jintgħamel minn daqstant taqsimiet daqskemm ikun hemm lokalitajiet, taqsima għal kull lokalità, u kull lokalità għandha terġa' tinqasam f'daqstant taqsimiet daqskemm il-Kummissjoni tqis li jkun meħtieġ jew konvenjenti. Għall-għanijiet ta' din it-Taqsima ta' l-Att, il-kelma "lokalità" għandha l-istess tifsir bħalma għandha mogħti lilha fl-Att dwar Kunsilli Lokali.

(2) Kull taqsima tar-Reġistru Elettorali għandha tintgħamel f'ordni alfabetiku skond l-isem ta' kull triq, u l-eletturi għandhom jidhru skond l-ordni alfabetiku ta' kunjomhom taħt isem it-triq fejn ikunu reġistrati, u għandhom jidhru maġenb isem kull elettur dak il-post fejn ikun soltu joqgħod u numru tad-dokument ta' identità tiegħu.

(3) Ir-Reġistru Elettorali jista' jinkludi wkoll maġenb isem kull elettur kull partikolarità oħra li tista' titqies meħtieġa sabiex kull elettur ikun jista' jiġi identifikat sew.

(4) Kull żball ta' l-istampar f'xi partikolarità li tidher ma għandhiex minnha nnifisha tolqot il-jedd ta' persuna li tivvota.

Kontenut tar-Reġistru Elettorali.

**32.** (1) Ir-Reġistru Elettorali għandu jinkludi lil dawk il-persuni kollha li għandhom jedd li jiġu reġistrati bħala eletturi skond id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, fil-jum imsemmi fl-artikolu li jiġi wara dan.

(2) Ir-Reġistru Elettorali ma għandux jinkludi lil xi persuna li ma jkollhiex jedd li tiġi reġistrata bħala elettur skond id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, fil-jum imsemmi fl-artikolu li jiġi wara dan.

Pubblikazzjoni tar-Reġistru Elettorali.
*Emendat:*
*XV. 1996.17.*

**33.** (1) Il-Kummissjoni għandha tieħu ħsieb li jinħareġ Reġistru Elettorali rivedut fil-Gazzetta darbtejn fis-sena, jiġifieri fix-xahar ta' April u fix-xahar ta' Ottubru. Dan ir-reġistru għandu jkun fih il-korrezzjonijiet, iż-żidiet, it-trasferimenti u t-taħsiriet kollha li jkun hemm fil-wieħed u tletin ta' Marzu u fit-tletin ta' Settembru li jaħbat sew sew qabel il-ħruġ ta' dak ir-Reġistru.

(2) Ir-Reġistru Elettorali għandu jiġi pubblikat f'żewġ għamliet

distinti. L-ewwel għamla tinqasam f'daqstant taqsimiet daqskemm ikun hemm lokalitajiet filwaqt li t-tieni għamla tinqasam f'daqstant taqsimiet daqs kemm ikun hemm distretti.

Għall-għanijiet ta' dan l-Att, ir-Reġistru Elettorali kif pubblikat fl-ewwel għamla għandu jitqies li jkun ir-Reġistru Elettorali meħtieġ b'dan l-Att u t-tibdiliet li għandhom x'jaqsmu mar-reġistrazzjoni ta' eletturi f'dak ir-reġistru kif jidhru f'dik l-ewwel għamla għandhom isiru wkoll u jiġu pubblikati mill-Kummissjoni fir-reġistru kif pubblikat fit-tieni għamla.

(3) Kull waħda mill-għamliet tar-Reġistru Elettorali għandha turi l-għadd sħiħ ta' eletturi li jkunu reġistrati f'kull lokalità jew distrett skond il-każ, u iktar maqsumin skond it-triq, taqsima ta' lokalità jew lokalità skond il-każ, kif ukoll l-għadd sħiħ ta' eletturi għal kull lokalità u distrett skond il-każ li jkunu żdiedu, tħassru, ġew trasferiti minn lokalità jew distrett, skond il-każ, għal lokalità oħra jew distrett ieħor, u għandha turi bil-mezz ta' sinjal distintiv l-ismijiet ta' l-eletturi kollha li jkunu ġew reġistrati għall-ewwel darba jew li jkunu żdiedu fir-reġistru wara li r-reġistrazzjoni tagħhom tkun qabel tħassret mill-Kummissjoni. Dak it-tagħrif għandu jingħata f'dik l-għamla li l-Kummissjoni tista' tqis li tkun l-iktar faċli għall-pubbliku biex jifhimha.

(4) Meta l-Kummissjoni fit-twettiq tas-setgħat tagħha skond l-artikolu 31(1), taqsam iktar lil xi lokalità din għandha turi dak it-tagħrif għal kull parti minn dik il-lokalità li tkun ġiet hekk maqsuma iktar.

(5) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jibqgħux iseħħu mid-data tax-xoljiment tal-Kamra sa tmiem l-elezzjoni ġenerali li ssir wara.

(6) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-aħħar subartikolu qabel dan, meta, qabel xi xoljiment tal-Kamra tad-Deputati -

(*a*) xi tibdil fil-konfini tad-distretti elettorali jkun ġie approvat mill-Kamra bis-saħħa tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 61 tal-Kostituzzjoni; u

(*b*) dak it-tibdil ma jkunx intwera f'Reġistru Elettorali rivedut skond is-subartikolu (1),

il-Kummissjoni għandha tara li jiġi pubblikat fil-Gazzetta, kemm jista' jkun malajr wara dak ix-xoljiment u f'kull każ mhux aktar tard minn tlett ijiem tax-xogħol wara l-pubblikazzjoni tar-*Writ* ta' l-elezzjoni fil-Gazzetta, Reġistru Elettorali rivedut, li r-reviżjoni tiegħu tikkonsisti f'illi l-ismijiet inklużi fir-Reġistru Elettorali pubblikat l-aħħar jintwerew skond dak it-tibdil.

(7) Il-Kummissjoni għandha b'żieda tippubblika r-Reġistru Elettorali f'format elettro-manjetiku.

Żidiet, tħasir u korrezzjonijiet magħmulin mill-Uffiċjal Reviżur.

**34.** Kull żieda, taħsira, jew korrezzjoni li tiġi ordnata li ssir fir-Reġistru Elettorali minn Uffiċjal Reviżur skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jiġu pubblikati mill-Kummissjoni fil-Gazzetta u jagħmlu parti mir-Reġistru Elettorali.

L-eletturi f'elezzjoni huma dawk miġjuba fl-aħħar Reġistru Elettorali.

**35.** Kull meta għandha ssir elezzjoni, l-eletturi jkunu l-persuni li isimhom ikun jidher fir-Reġistru Elettorali rivedut li jkun ħareġ l-aħħar, suġġett għal dawk iż-żidiet, tifsiriet jew korrezzjonijiet li jiġu ordnati mill-Uffiċjal Reviżur, u l-Kummissjoni ma jkollhiex jedd li ma tagħtix xi dokument ta' votazzjoni lil elettur li jkun hekk reġistrat sakemm dak l-elettur ma jkunx miet:

Iżda xejn milli jinsab f'dan l-artikolu ma għandu jagħti jedd lil xi persuna li tivvota meta din ma jkunx għad għandha l-kwalifikazzjonijiet meħtieġa biex tivvota, jew jeħles lil dik il-persuna minn xi pieni li jistgħu jistħoqqulha jekk tivvota hekk. Lanqas ma għandha ebda ħaġa f'dan l-artikolu tagħti l-jedd lil xi persuna li tivvota jekk ma tkunx tissodisfa l-ħtiġijiet ta' dan l-Att.

## TAQSIMA VII

### *Appelli lill-Uffiċjal Reviżur*

Appelli fil-każ ta' korrezzjoni jew trasferiment li jsiru bis-saħħa tal-liġi. *Emendat: XV. 1996.18.*

**36.** Kull min ikollu ismu jew xi partikolarità oħra fir-Reġistru Elettorali korretti, jew ismu trasferit għal xi indirizz jew distrett ieħor bis-saħħa tas-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni bil-proviso li jinsab ma' l-artikolu 23 jista' jappella lill-Uffiċjal Reviżur mhux aktar tard minn wieħed u għoxrin jum mill-jum meta jiġi uffiċjalment mgħarraf bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Appelli fil-każ ta' rifjut ta' applikazzjoni. *Emendat: XV. 1996.19.*

**37.** Kull min ikollu l-applikazzjoni tiegħu sabiex jiġi reġistrat bħala elettur jew għall-korrezzjoni ta' ismu jew partikolaritajiet oħra li jidhru fir-Reġistru jew għat-trasferiment ta' ismu f'indirizz jew distrett ieħor, miċħuda mill-Kummissjoni, ikollu dritt ta' appell lill-Uffiċjal Reviżur mhux aktar tard minn wieħed u għoxrin jum mill-jum meta jiġi uffiċjalment mgħarraf bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Appelli fil-każ ta' taħsir ta' reġistrazzjoni. *Emendat: XV. 1996.20; XVI. 2002.6.*

**38. (1)** Kull min ikollu r-reġistrazzjoni tiegħu bħala elettur imħassra mir-Reġistru Elettorali bis-saħħa tas-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni skond l-artikolu 24 ikollu l-jedd li jappella lill-Uffiċjal Reviżur.

(2) Dak l-appell jista' jiġi ppreżentat f'kull żmien sa ħmistax-il ġurnata qabel il-ġurnata stabbilita għall-elezzjoni, u jitħalla jsir appell bħal dak jekk l-applikant ikollu, fil-ġurnata meta jkun ippreżenta l-appell, il-kwalifiki kollha li jiġi reġistrat bħala votant.

Appelli wara l-pubblikazzjoni tar-Reġistru Elettorali.

**39.** (1) Kull min ismu ma jkunx iddaħħal fir-Reġistru Elettorali u li jgħid li jkollu l-kwalifiki meħtieġa sabiex jivvota, u, kull elettur li jgħid li ismu, l-indirizz jew partikolaritajiet oħra tiegħu ma jkunux intwerew b'mod korrett fir-Reġistru Elettorali, jista' jappella lill-Uffiċjal Reviżur sabiex ismu jiddaħħal fir-Reġistru Elettorali jew sabiex ikollu ismu, indirizz jew partikolaritajiet oħra korretti skond il-każ, mhux aktar tard minn wieħed u għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tar-Reġistru Elettorali.

(2) Uffiċjal Reviżur jista' jordna d-dħul ta' isem persuna fir-Reġistru Elettorali jew il-korrezzjoni ta' ismu, l-indirizz jew partikolaritajiet oħra tiegħu skond is-subartikolu (1) minkejja li ma tkun saret ebda applikazzjoni qabel lill-Kummissjoni għal dak il-għan.

Appelli minn terzi wara l-pubblikazzjoni tar-Reġistru Elettorali. *Emendat: XV. 1996.21.*

**40.** (1) Kull elettur reġistrat li jgħid li xi persuna oħra li isimha jidher fir-Reġistru Elettorali jew ma għandhiex jedd li tkun reġistrata bħala elettur, jew, li l-isem, l-indirizz jew partikolaritajiet oħra relattivi tagħha ma humiex murija b'mod korrett fir-Reġistru Elettorali skond id-disposiz-zjonijiet ta' dan l-Att, ikollu dritt ta' appell lill-Uffiċjal Reviżur mhux aktar tard minn wieħed u għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tar-Reġistru Elettorali jew sabiex jinqata' barra isem dak l-elettur mir-Reġistru Elettorali jew sabiex ismu, l-indirizz jew partikolaritajiet oħra tiegħu jidhru b'mod korrett.

(2) Uffiċjal Reviżur jista' jordna t-tħassir tar-reġistrazzjoni ta' dak l-elettur jew il-korrezzjoni ta' ismu, l-indirizz jew partikolaritajiet oħra tiegħu skond is-subartikolu (1) minkejja li ma tkun saret ebda applikazzjoni qabel lill-Kummissjoni għal dak il-għan.

Smigħ ta' appelli. *Emendat: XV. 1996.22.*

**41.** (1) Uffiċjal Reviżur għandu qabel ma jaqta' xi appell jisma' lill-appellant, lill-Kummissjoni u lill-persuna, jekk ikun hemm, li kontriha jsir l-appell, jekk ikun hemm, u jippermetti dik ix-xiehda oħra u jisma' kull xhieda oħra li jista' jqis meħtieġa.

(2) Meta l-applikazzjoni tkun għat-tħassir tar-reġistrazzjoni ta' elettur minħabba f'inabilità tal-moħħ, l-Uffiċjal Reviżur għandu minnufih jirreferi dik l-applikazzjoni lill-Bord Mediku msemmi fl-artikolu 27.

(3) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal proċedimenti quddiem il-Bord Mediku hekk kif japplikaw għal proċedimenti quddiem Uffiċjal Reviżur.

(4) Id-deċiżjoni tal-Bord Mediku għandha tiġi iffirmata mill-membri kollha tal-Bord Mediku u ċ-*Chairman* tiegħu għandu jirreferiha lill-Uffiċjal Reviżur li għandu jaqta' l-appell skond dik id-deċiżjoni.

Differimenti ta' appelli pendenti. *Emendat: XV. 1996.23.*

**42.** L-Uffiċjali Reviżuri u l-Qorti ta' l-Appell għandhom jiddiferixxu *sine die* t-trattazzjoni ta' l-applikazzjonijiet kollha preżentati taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u li jkunu għadhom pendenti erbatax-il jum qabel id-data appuntata għall-elezzjoni.

Ċertifikat li għandu jintbagħat lill-Kummissjoni. *Emendat: XV. 1996.24.*

**43.** Ir-Reġistratur ta' kull waħda mill-Qrati tal-Maġistrati għandu, mingħajr dewmien, jibgħat lill-Kummissjoni ċertifikat iffirmat mir-Reġistratur personalment, bl-ismijiet, indirizzi u partikolaritajiet tal-persuni kollha illi, b'ordni ta' l-Uffiċjal Reviżur għandhom jiżdiedu jew jinqatgħu 'l barra mir-Reġistru Elettorali jew li isimhom, l-indirizz jew partikolarità oħra tagħhom għandhom jiġu korretti u l-Kummissjoni għandha tirrevedi r-Reġistru Elettorali skond dak iċ-ċertifikat. Kopji ta' dawk iċ-ċertifikati jintbagħtu mill-Kummissjoni lid-delegati tal-partiti fi żmien ħamest ijiem minn meta jkunu waslu għand il-Kummissjoni u għandhom jiġu pubblikati fil-Gazzetta kemm jista' jkun malajr.

## TAQSIMA VIII

*Avviżi, Dokumenti għall-Votazzjoni u Poloz tal-Votazzjoni*

Ir-*Writ* ta' l-elezzjoni.

**44.** (1) Kull meta jmissha ssir elezzjoni, il-President għandu jagħti avviż tagħha lill-Kummissjonarji b' *Writ* taħt il-firma tiegħu, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ir-*Writ*", fil-formula miġjuba fis-Sitt Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(2) Il-Kummissjonarji għandhom jieħdu l-ħsieb biex ir-*Writ* jinħareġ fil-Gazzetta.

Avviż li għandu jinħareġ mill-Kummissjonarji. *Emendat: XV. 1996.25.*

**45.** Fi żmien tlett ijiem mill-pubblikazzjoni tar-*Writ* il-Kummissjonarji għandhom jieħdu l-ħsieb li jinħarġu avviż jew avviżi fil-Gazzetta illi jkun fihom:

(*a*) il-lok, u d-data u l-ħin li fihom il-Kummissjonarji joqogħdu biex jirċievu n-nomini ta' kandidati għall-elezzjoni bħala Membri tal-Kamra, u kull opposizzjoni għal dawk in-nomini, u dan il-post huwa hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejjaħ bħala l-Uffiċċju Elettorali. Iż-żmien li fih nomini ta' kandidati għall-elezzjoni jistgħu jsiru, ma jistax ikun anqas minn tlett ijiem u ma jibdiex igħodd qabel sitt ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż imsemmi f'dan l-artikolu u ż-żmien li matulu jistgħu jsiru l-opposizzjonijiet ma għandux jestendi għal aktar minn jumejn mit-temm taż-żmien stabbilit biex jiġu riċevuti n-nomini;

(*b*) il-postijiet u l-ġurnata u l-ħinijiet li fihom għandha ssir il-votazzjoni. Il-votazzjoni ma tistax issir qabel ma jgħaddu tlett ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż imsemmi fl-artikolu 54(3);

(*ċ*) il-post fejn il-kaxex tal-voti għandhom jittieħdu mill-Assistenti Kummissjonarji wara li ssir il-votazzjoni, li jkun ukoll il-post fejn dawk il-kaxex għandhom jinżammu sa ma jingħaddu l-voti;

(*d*) il-post, u d-data u l-ħin li fihom għandhom jinfetħu l-kaxex tal-voti u għandu jsir il-għadd tal-voti.

Dokument għall-votazzjoni. *Emendat: XV. 1996.26.*

**46.** (1) Il-Kummissjoni għandha fi żmien mhux aktar tard mid-dsatax-il jum wara l-pubblikazzjoni tar-*Writ*, tibgħat lil kull elettur li ismu jkun jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali rivedut, dokument f'dan l-Att imsejjaħ "dokument għall-votazzjoni" skond il-forma msemmija fis-Seba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att, u li jkun magħmul minn dik il-karta ta' sigurezza u dak il-materjal u b'dik l-għamla li fil-fehma tal-Kummissjoni jipprovdi ħarsien biżżejjed kontra falsifikazzjoni. Id-dokumenti għall-votazzjoni għandhom jiġu enumerati b'mod konsekuttiv, b'dan li kull dokument ikollu numru distint stampat fuq quddiem:

Iżda kull meta l-Kummissjoni tkun sodisfatta li persuna li isimha jkun jidher fir-Reġistru Elettorali tkun mejta, id-dokument għall-votazzjoni relattiv ma għandux hekk jingħadda, u meta dak id-dokument għall-votazzjoni jkun hekk ingħadda, il-Kummissjoni għandha tirtirah:

Iżda wkoll meta l-Kummissjoni ma tibgħatx dokument għall-votazzjoni lil xi elettur li l-Kummissjoni ma jkollhiex ritratt fotografiku tiegħu, u dwar dawk l-eletturi il-Kummissjoni għandha timxi skond din il-proċedura:

(i) fi żmien tlett ijiem mill-pubblikazzjoni tar-*Writ*, il-Kummissjoni għandha tippubblika fil-Gazzetta lista ta' l-eletturi msemmija li tkun turi l-isem, kunjom, residenza u numru tal-karta ta' l-identità tagħhom;

(ii) l-ismijiet ta' dawk l-eletturi ma għandhomx jiġu pubblikati fil-lista msemmija fis-subartikolu (5);

(iii) id-dokument għall-votazzjoni ta' dawk l-eletturi għandu biss jinħareġ jekk l-elettur ikun jissodisfa l-ħtiġijiet ta' l-artikolu 47 u għandu jkun skond id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu.

(2) Il-partiti politiċi għandhom jingħataw kull faċilità raġonevoli li josservaw l-istampar tad-dokumenti għall-votazzjoni kollha, li jivverifikaw l-eżattezza tagħhom u b'mod ġenerali li jassiguraw li jiġu stampati biss id-dokumenti għall-votazzjoni ta' eletturi li jkollhom jedd għalihom.

Il-Kummissjoni għandha wkoll tistampa fuq id-dokument għall-votazzjoni dak il-kodiċi ta' sigurezza raġonevoli li jista' hekk jintalab mill-partiti politiċi u hekk kif il-Kummissjoni jista' jidhrilha li jkun sew, b'dan illi l-partiti politiċi għandhom jikkonsenjaw dak il-kodiċi ta' sigurezza lill-Kummissjoni immedjatament qabel ma jinbeda l-istampar tad-dokumenti għall-votazzjoni jew mhux aktar tard minn dak iż-żmien, li ma jkunx aktar minn erbgħa u għoxrin siegħa qabel l-istampar, li l-Kummissjoni tista' tistabbilixxi minħabba esiġenzi tekniċi; id-delegati għandhom jingħataw ukoll il-faċilità li jivverifikaw l-eżattezza tagħhom anke permezz ta' *dummy run* tal-proċess u permezz ta' *audit trails* li jistabbilixxu l-validità tas-sistema f'kull ħin tal-proċess u jingħatalhom kopja ta' l-*audit trail.*

(3) Id-dokumenti għall-votazzjoni stampati skond is-subartikolu ta' qabel ta' dan l-artikolu għandhom, sakemm dawn jingħataw lill-eletturi, jinżammu f'kaxex siġillati bis-siġill tal-Kummissjoni. Id-delegati tal-partiti jkollhom il-jedd jagħmlu s-siġilli tagħhom fuq dawk il-kaxex u li jkunu preżenti kull meta dawk is-siġilli jinkisru. Dan l-artikolu għandu japplika wkoll *mutatis mutandis* għal dawk id-dokumenti għall-votazzjoni li jibqgħu ma jitqassmux, skond is-subartikolu (4), meta jinħarġu d-dokumenti għall-votazzjoni skond is-subartikolu (6), u għal dawk id-dokumenti għall-votazzjoni li jibqgħu ma jitqassmux.

(4) Id-dokument għall-votazzjoni għandu jiġi nnotifikat lil kull elettur minn uffiċjal tal-Pulizija jew minn persuna oħra maħtura għaldaqshekk mill-Kummissjoni, u dan id-dokument jitqies li ġie innotifikat bil-kunsinna tiegħu lill-elettur li għalih ikun indirizzat, jew lil persuna ta' l-età, li jew tkun toqgħod fl-istess indirizz jew li tkun fl-impieg tiegħu, fl-indirizz ta' l-elettur kif miġjub fir-Reġistru Elettorali. Il-partiti politiċi jkollhom il-jedd li kull wieħed

jinnomina rappreżentant sabiex jakkumpanja lil kull uffiċjal tal-Pulizija jew persuna oħra li jkunu qegħdin jagħmlu n-notifiki kif imsemmi qabel.

(5) Meta l-Kummissjonarji ma jkunux jistgħu jesegwixxu n-notifika tad-dokument hawn fuq imsemmi huma għandhom, mill-aktar fis li jista' jkun, joħorġu fil-Gazzetta lista bl-ismijiet, numru tal-karta ta' l-identità u indirizzi tal-persuni li ma jkunux ġew innotifikati bid-dokument għall-votazzjoni, u għandhom jagħtu r-raġuni li għaliha ma tkunx saret in-notifika.

(6) Kull min ma jkunx ġie innotifikat bid-dokument għall-votazzjoni u li ismu jkun miġjub fuq il-lista maħruġa skond is-subartikolu ta' qabel dan, jista' sal-Ħamis sew sew qabel il-ġurnata ta' l-elezzjoni, jidher quddiem wieħed mill-Kummissjonarji jew persuni oħra maħturin mill-Kummissjoni sabiex jagħmluha flok il-Kummissjonarji u jitlob il-kunsinna tad-dokument.

(7) Il-Kummissjonarju jew persuna oħra maħtura mill-Kummissjoni biex tagħmilha flok il-Kummissjonarji jista' jeżamina bil-ġurament kull persuna li hekk tidher sabiex jiżgura ruħu mill-identità tagħha u jara jekk għandhiex jedd li tirċievi d-dokument:

Iżda l-imsemmi dokument ma għandux jingħatalha kemm-il darba ma tipproduċix il-karta ta' l-identità tagħha lill-Kummissjonarji.

(8) Il-Kummissjoni għandha tippubblika minn fejn u f'liema ħinijiet l-eletturi jkunu jistgħu jirtiraw id-dokumenti għall-votazzjoni tagħhom skond ma hemm fis-subartikolu (6). Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi liema post trid minn fejn ikunu jistgħu jiġu irtirati d-dokumenti għall-votazzjoni li ma jkunux ġew konsenjati b'dan illi l-Kummissjoni għandha tippermetti żmien sew għall-ġbir ta' dokumenti minn kull lokalità u perijodu ta' żmien ieħor għall-ġbir tagħhom mill-uffiċċji tagħha.

(9) Minkejja kull ħaġa li tinsab fis-subartikoli (6), (7) u (8), meta l-Kummissjoni ssir taf li persuna li isimha jidher fuq il-lista msemmija fis-subartikolu (5) tkun reġistrata f'dar ta' mistrieħ, jew li tkun qiegħda fi sptar, jew li tkun tbati minn xi disabilità jew li tkun tinsab dejjem fis-sodda jew li tkun mod ieħor fiżikament inkapaċi milli tidher f'wieħed mill-postijiet stabbiliti mill-Kummissjoni skond is-subartikolu (8) sabiex titlob li jingħatalha d-dokument għall-votazzjoni tagħha, ikun id-dmir tal-Kummissjoni li twassal dak id-dokument lill-persuna konċernata jew permezz ta' wieħed mill-kummissjonarji jew minn xi persuna li tkun maħtura għal dak il-għan mill-Kummissjoni minflokhom. Il-Kummissjonarju jew il-persuna maħtura kif imsemmi qabel jistgħu jinterrogaw lil dik il-persuna bil-ġurament sabiex tiġi stabbilita l-identità tagħha u t-talba tagħha li tingħata d-dokument. Dak id-dokument ma għandux jingħata lil dik il-persuna kemm-il darba ma turix il-karta ta' l-identità tagħha lill-Kummissjonarju jew lill-persuna maħtura kif imsemmija qabel, skond il-każ.

(10) Jekk għal xi raġuni li tkun minbarra xi raġuni minn dawk imsemmija fl-artikolu 47, il-Kummissjoni tiddeċiedi li jkun meħtieġ li tistampa mill-ġdid xi dokument jew dokumenti għall-

votazzjoni, il-Kummissjoni għandha minnufih tgħarraf b'dan lill-partiti politiċi billi tagħtihom it-tagħrif kollu meħtieġ dwar dan. Kull dokument li jiġi hekk stampat mill-ġdid għandu jkollu l-kelma "REPRINT" tidher fuqu, sakemm din il-kelma ma tkun tgħatti b'ebda mod xi biċċa mit-tagħrif li jkun hemm fuq id-dokument.

(11) Il-partiti politiċi għandhom jingħataw il-fakultà li jissorveljaw il-proċess imsemmi fis-subartikoli preċedenti.

Dokument għall-votazzjoni speċjali. *Emendat: XV. 1996.27.*

**47.** Meta persuna li isimha jkun jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali rivedut, iżda li ma jkunx jidher fil-lista pubblikata skond l-artikolu 46(5), ma tkunx irċeviet id-dokument għall-votazzjoni jew, wara li tkun irċeviet dak id-dokument, tkun tilfitu jew iddistruġġietu, dik il-persuna tista' mhux iktar tard mid-9.00 p.m. ta' l-Erbgħa li jiġi minnufih qabel ma tibda l-votazzjoni, tidher quddiem wieħed mill-Kummissjonarji, u jekk -

(*a*) tipprova l-identità tagħha billi tipproduċi l-karta ta' l-identità tagħha; u

(*b*) tagħmel dikjarazzjoni bil-ġurament quddiem dak il-Kummissjonarju li ma tkunx irċeviet id-dokument għall-votazzjoni jew li, wara li tkun irċeviet dak id-dokument, tkun tilfitu jew iddistruġġietu, u dawk id-dikjarazzjonijiet l-oħra bil-ġurament li l-Kummissjonarju jista' jeħtieġ,

din għandha tingħata dokument għall-votazzjoni li fuqu jkun hemm il-kelma "SPEĊJALI", sakemm din il-kelma ma tkun tgħatti b'ebda mod xi biċċa mit-tagħrif li jkun hemm fuq id-dokument. Il-kelma "SPEĊJALI" għandha tiddaħħal ukoll maġenb isem dak l-elettur fil-lista msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 64 u lista tal-persuni kollha li lilhom ikun inħareġ dokument għall-votazzjoni skond dan is-subartikolu għandha tinżamm fl-Uffiċċju Elettorali u tkun miftuħa għal spezzjoni minn kull kandidat, aġent elettorali, aġent tal-partit jew delegat tal-partit f'kull ħin xieraq sakemm tagħlaq il-votazzjoni.

Numru ta' Dokumenti għall-votazzjoni. *Emendat: XV. 1996.28.*

**48.** (1) Mhux iktar tard mill-Ġimgħa qabel ma tibda l-votazzjoni, il-Kummissjonarji għandhom jieħdu ħsieb li jippubblikaw fil-Gazzetta lista li tkun turi n-numru ta' dokumenti għall-votazzjoni li ġew stampati, in-numru imqassam skond l-artikolu 46(1), l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni li sa dak il-ħin ikunu talbu l-kunsinna tad-dokumenti skond l-artikolu 46(6), in-numru ta' dokumenti għall-votazzjoni maħruġin skond l-artikolu 47 u l-isem, l-indirizz u n-numru tal-karta ta' l-identità tal-persuni li lilhom dawk id-dokumenti jkunu ġew kunsinnati, in-numru ta' dokumenti għall-votazzjoni li nżammu milli jingħataw u r-raġunijiet għal dan u l-ismijiet, l-indirizzi u n-numri tal-karta ta' l-identità ta' l-eletturi konċernati u n-numru ta' dokumenti għall-votazzjoni li jkunu baqgħu ma ngħabrux u l-ismijiet, l-indirizzi u n-numri tal-karta ta' l-identità ta' l-eletturi konċernati.

(2) Kull partit politiku jkollu d-dritt jinnomina rappreżentanti tiegħu sabiex ikunu preżenti waqt il-ħruġ tad-dokumenti għall-votazzjoni skond l-artikolu 46(6) u l-artikolu 47 u għal dan il-għan il-partiti msemmijin għandhom jiġu provduti mill-Kummissjoni

b'dak it-tagħrif kollu li jista' jinħtieġ minnhom u li huma jistgħu jqisu bħala li hu meħtieġ għall-aħjar qadi ta' dmirijiethom.

Poloz tal-votozzjoni. *Emendat: XV. 1996.29; XVI. 2002.7; XXI. 2007.7.*

**49.** (1) Il-Kummissjoni għandha, mhux qabel tlettax-il ġurnata iżda mhux aktar tard minn għaxart ijiem qabel il-votazzjoni, tistampa dak in-numru ta' karti tal-vot skond kemm ikun meħtieġ għall-votazzjoni f'dik l-għamla u fuq dak il-materjal skond ma jista' jiġi preskritt taħt dan l-Att. Mhux iżjed tard minn ħamest ijiem minn meta jiġu stampati l-karti tal-vot, il-Kummissjoni għandu jkollha *Braille template* biex dan jintuża bħala gwida fuq il-karta tal-vot kif ukoll apparat għal smigħ bi *playback* li permezz tiegħu persuna għamja tista' tagħraf lill-partiti politiċi u l-kandidati tagħhom bl-istess ordni bħalma dawn ikunu stampati. Dak il-materjal u dawk id-dokumenti għandhom ikunu disponibbli għal skrutinju raġonevoli mir-rappreżentanti tal-partiti politiċi li jkunu qegħdin jikkontestaw l-elezzjoni sabiex tiġi żgurata t-trasparenza tal-proċedura, u dak l-iskrutinju m'għandux isir iżjed tard minn tlett ijiem qabel il-votazzjoni. Jekk ma jkun hemm ebda oġġezzjoni dak il-materjal għandu jiġi kkunsidrat bħala li jkun ġie approvat mill-Kummissjoni:

Iżda meta titqajjem xi oġġezzjoni mir-rappreżentanti tal-partiti politiċi għandha tkun il-Kummissjoni li tiddeċiedi dwar dan fi żmien erbgħa w għoxrin siegħa minn meta din titqajjem u jekk dik l-oġġezzjoni tiġi aċċettata mill-Kummissjoni kull bdil jew emenda fil-materjal għandha ssir fi żmien erbgħa w għoxrin siegħa minn meta tingħata d-deċiżjoni mill-Kummissjoni u tiġi komunikata lir-rappreżentanti tal-partiti politiċi.

(2) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-poloz tal-votazzjoni jintgħamlu minn dik it-tip ta' karta li tipprovdi sigurtà u li jkollhom dawk is-sinjali li jkunu jiżguraw li ma jistgħux jiġu duplikati u mhux iżjed minn jumejn qabel il-bidu fis-seħħ tal-votazzjoni, il-Kummissjoni għandha tara li jiġi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern in-numru ta' karti tal-votazzjoni stampati għal kull distrett elettorali u n-numru li jkun ser jiġi mqassam f'kull kamra tal-votazzjoni individwali.

(3) Il-polza ta' kull elettur għandha tkun magħmula minn karta bħal fil-formula li tidher fit-Tmien Skeda li tinsab ma' dan l-Att, li jkun fiha lista tal-kandidati deskritti bl-isem (inkluż kull laqam), l-indirizz u l-professjoni jew ix-xogħol kif mogħtija fil-polza tan-nomina ta' kull wieħed minnhom u kif approvat mill-Kummissjonarji Elettorali.

(4) Il-kandidati għandhom jitqassmu skond il-partit politiku u, f'kull grupp ta' kull partit alfabetikament skond kunjomhom. Jekk ikun hemm żewġ kandidati jew iktar ta' partit wieħed bl-istess kunjom, dawn jitqassmu fl-ordni ta' l-isem jew l-ismijiet l-oħra tagħhom.

(5) Kull partit politiku li jikkontesta l-elezzjoni għandu jagħti lill-Kummissjoni l-isem tal-kandidati li jkunu qegħdin jikkontestaw l-elezzjoni fl-interess tiegħu. Dik il-lista għandha tkun prova konklussiva dwar jekk kandidat partikolari jkunx jappartjeni għal dak il-partit politiku.

(6) Jekk mogħti mill-partit li miegħu jkun jagħmel, għandu jiġi stampat fuq il-polza minnufih wara l-isem ta' kull kandidat li jkun jagħmel ma' dak il-partit kull *badge* jew distintiv, approvat mill-Kummissjoni, li juri l-partit politiku, jekk ikun hemm, li miegħu l-kandidat jagħmel, jew li b'xi mod ieħor jitqies li jgħin sabiex bih l-elettur jista' jagħraf lill-kandidat.

(7) Il-poloz għandhom juru kuluri differenti għall-partiti li jikkontestaw it-taqsimiet elettorali kollha u li jkollhom mhux inqas minn erba' kandidati f'kull taqsima. Dawk il-kuluri għandhom jingħataw mill-Kummissjoni:

Iżda kull partit jista' jirrifjuta l-kulur mogħti lilu, u f'kull każ bħal dan il-polza ma turi ebda kulur speċjali għal dak il-partit.

(8) Il-partiti jitniżżlu fuq il-polza fl-ordni alfabetiku.

**50.** (1) F'jum jew jiem kemm jista' jkun qrib il-jum ta' votazzjoni, il-Kummissjoni għandha tipprepara f'pakketti differenti l-poloz u d-dokumenti oħra kollha u materjal li jkunu se jiġu kunsinnati lill-Assistenti Kummissjonarji fil-jum ta' votazzjoni. Tqassim tal-Poloz.

(2) Il-Kummissjoni Elettorali għandha tibqa' żżomm il-pakketti kollha sal-jum tal-votazzjoni meta mbagħad tikkunsinnahom lill-Assistenti Kummissjonarji qabel ma tibda l-votazzjoni.

(3) Ir-rappreżentati tal-partiti politiċi għandhom jingħataw kull faċilità raġonevoli sabiex jissorveljaw l-istampar u l-verifika tal-poloz kollha, l-ippakkjar ta' dawk il-poloz u t-tqassim tagħhom lill-Assistenti Kummissjonarji, u li jagħmlu s-siġilli tagħhom fuq il-pakketti kollha preparati mill-Kummissjoni Elettorali għall-kunsinna lill-Assistenti Kummissjonarji.

## TAQSIMA IX

### *Nomina ta' Kandidati*

**51.** (1) Il-kandidat għal elezzjoni għandu jiġi nominat bil-miktub. Il-formula tan-nomina, li għandha tkun skond kif hemm fid-Disa' Skeda li tinsab ma' dan l-Att, għandha tkun iffirmata mill-kandidat innifsu (jew, jekk ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer, minn rappreżentant tiegħu maħtur għaldaqshekk), u mill-anqas minn erba' eletturi rreġistrati fid-distrett elettorali li għalih il-kandidat ikun nominat. Il-formula tan-nomina għandha tiġi kkunsinnata lil wieħed mill-Kummissjonarji fl-Uffiċċju Elettorali mill-kandidat innifsu, jew, jekk ma jkunx jista' minħabba mard jew għax ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer, mir-rappreżentant leġittimu tiegħu, awtorizzat bil-miktub, fiż-żmien miġjub fl-avviż imsemmi fl-artikolu 45. Nomina ta' kandidati. *Emendat: XV. 1996.30; XVI. 2002.8.*

(2) Minnufih wara li l-formula tan-nomina tiġi kkunsinnata lill-Kummissjoni, l-isem tal-kandidat għandu jiġi mwaħħal fid-daħla tal-Uffiċċju Elettorali b'indikazzjoni tad-distrett li għalih il-kandidat ikun ġie nominat. Il-kunsinna tal-formula tan-nomina lill-Kummissjoni u l-aċċettazzjoni tal-kunsinna mill-Kummissjoni ma għandhiex minnha nnifisha tindika l-validità tan-nomina u l-

Kummissjoni ma għandha tagħmel ebda dikjarazzjoni dwar dan ħlief li tgħarraf lill-kandidat b'dan u tirċievi l-kunsinna tal-formula u tad-depositu, jekk ikun hemm, u tagħti r-riċevuta dovuta.

(3) Tista' ssir oppożizzjoni għal nomina minħabba li l-kandidat ma jkunx reġistrat bħala elettur fir-Reġistru Elettorali l-aħħar pubblikat jew li fiha d-deskrizzjoni tal-kandidat ma tkunx biżżejjed sabiex jiġi identifikat, minħabba li l-formula tan-nomina ma tkunx magħmula jew ma tkunx ġiet ikkunsinnata skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew minħabba li l-kandidat ikun ġà ġie nominat għal żewġ distretti elettorali:

Iżda ma tista' ssir ebda oppożizzjoni wara t-temm taż-żmien stabbilit biex issir dik l-oppożizzjoni fl-avviż imsemmi fl-artikolu 45.

(4) Kull oppożizzjoni għandha tkun bil-miktub, iffirmata mill-persuna li tagħmilha u għandu jkun fiha r-raġuni li għaliha qiegħda ssir. Il-Kummissjoni nnifisha għandha tagħmel oppożizzjoni jekk din jidhrilha li jkun hemm xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fis-subartikolu (3).

(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, kull elettur jista' jitlob lill-Kummissjonarji li jara u jeżamina kull formula ta' nomina aċċettata minnhom.

(6) Meta l-Kummissjoni tirċievi xi oppożizzjoni skond id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (3) u (4), il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi data għas-smigħ ta' dik l-oppożizzjoni, minnufih tgħarraf bil-miktub lil dak il-kandidat li tkun saret oppożizzjoni dwaru, billi tagħtih kopja ta' l-oppożizzjoni li tkun ġiet preżentata kontrih, u għandha tgħarraf sew lil min jagħmel l-oppożizzjoni kif ukoll lill-kandidat bid-data stabbilita għas-smigħ ta' dik l-oppożizzjoni. In-notifika għandha ssir b'kull mezz li l-Kummissjoni tqis li tkun xierqa sabiex tiżgura li l-partijiet involuti jaslulhom dawk l-avviżi fl-inqas żmien possibbli.

(7) Kull oppożizzjoni għandha tiġi deċiża mill-Kummissjoni mhux iktar tard minn jumejn wara l-iskadenza taż-żmiem mogħti b'dan l-Att għall-egħmil ta' kull oppożizzjoni, u sew min jagħmel l-oppożizzjoni kif ukoll il-kandidat ikollhom jedd jidhru quddiem il-Kummissjoni mseħbin minn xi persuna oħra li jidhrilhom li tkun adatta biex tassistihom fis-sottomissjonijiet tagħhom lill-Kummissjoni.

(8) Il-Kummissjoni għandha mill-anqas jumejn qabel ma tagħti d-deċiżjoni tagħha tħabbar pubblikament il-ħin u d-data meta tkun se tagħti d-deċiżjoni tagħha. Id-deċiżjoni tingħata bil-miktub u għandu jkun fiha r-raġunijiet li tkun imsejsa fuqhom. Il-Kummissjoni għandha tara li dik id-deċiżjoni titwaħħal f'post pubbliku fl-uffiċċju tagħha fejn kull persuna li jkollha interess tkun tista' taraha.

(9) Meta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma tkunx waħda favur l-oppożizzjoni, din tkun finali. Meta d-deċiżjoni tkun waħda favur l-oppożizzjoni, il-kandidat jista' jikkontestaha billi jippreżenta rikors ta' kontestazzjoni mal-Kummissjoni quddiem il-Qorti ta' l-Appell fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa mill-għoti tad-deċiżjoni

mill-Kummissjoni. Il-Qorti ta' l-Appell għandha tisma' dawk ir-rikorsi bl-urġenza u għandha tiddeċidihom qabel iż-żmien meta skond l-artikolu 49 il-Kummissjoni tkun se tagħti bidu għall-istampar tal-poloz tal-votazzjoni.

Depożitu minn kandidati fl-elezzjonijiet. *Emendat: A.L. 425 ta' l-2007.*

**52.** (1) Kull kandidat f'kull elezzjoni għandu jiddepożita, jew jieħu l-ħsieb li tiġi iddepożitata għalih, għand il-Kummissjoni, qabel ma n-nomina tiegħu tista' tiġi aċċettata, is-somma ta' disgħin euro (90) għal kull nomina, u jekk ma jagħmilx dan in-nomina li għaliha ma jkunx hekk sar id-depożitu ma tiġix aċċettata mill-Kummissjonarji.

(2) Jekk wara li jsir id-depożitu l-kandidatura tiġi irtirata skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, id-depożitu jiġi mogħti lura lill-persuna li tkun għamlitu; u jekk il-kandidat imut wara li jsir id-depożitu u qabel ma tibda l-votazzjoni, id-depożitu, jekk ikun sar minnu, jiġi mogħti lura lill-werrieta tiegħu u jekk ma jkunx sar minnu, jingħata lura lill-persuna li tkun għamlitu.

(3) Jekk kandidat li jkun għamel id-depożitu meħtieġ ma jiġix elett, u n-numru ta' voti li jġib ma jkunx jiskorri minn għaxra waħda tan-numru ta' voti ivvutati diviż bin-numru tal-membri li għandhom ikunu eletti għal dak id-distrett, l-ammont iddepożitat jiġi ikkonfiskat u mħallas mill-Kummissjonarji fil-Fond Konsolidat iżda f'kull każ l-ammont għandu jiġi mogħti lura lill-kandidat, fil-każ li jkun ġie elett, hekk kif huwa jieħu l-ġurament bħala membru, u fil-każ li ma jkunx ġie elett, mill-aktar fis li jista' jkun wara li jiġi iddikjarat ir-riżultat ta' l-elezzjoni.

(4) Meta kandidat ikun nominat f'elezzjoni f'żewġ distretti, ma għandux jieħu lura d-depożitu tiegħu iktar minn darba kemm-il darba ma jiġix elett fiż-żewġ distretti, u jekk dan il-kandidat ma jġibx, f'wieħed jew l-ieħor mid-distretti, il-minimu tan-numru ta' voti meħtieġ skond is-subartikolu (3) huwa jitlef iż-żewġ depożiti.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu n-numru ta' voti miġjubin minn kandidat ikun l-aqwa numru ta' voti li jiġi akkreditat lilu f'kull żmien matul il-għadd tal-voti.

Rapport mill-Kummissjonarji jekk ebda kandidat ma jkun nominat. *Emendat: XV. 1996.31.*

**53.** Jekk meta jagħlaq iż-żmien iffissat għan-nomina ta' kandidati, ebda kandidat ma jkun ġie nominat għal distrett elettorali, il-Kummissjonarji għandhom joħorġu rapport fuq daqshekk fil-Gazetta fl-ewwel ġurnata li taħbat wara, u f'dan il-każ il-President jista' joħroġ *Writ* ġdid għall-elezzjoni għal dak id-distrett.

Elezzjoni ikkuntestata u mhux ikkuntestata.

**54.** (1) Jekk meta jagħlaq iż-żmien li fih għandhom jiġu preżentati n-nomini, in-numru ta' kandidati innominati għal distrett elettorali jkun daqs jew inqas minn dak in-numru ta' kandidati li l-eletturi f'dak id-distrett huma intitolati li jtellgħu, il-Kummissjonarji għandhom jirrapportaw lill-President l-ismijiet tal-kandidati nominati bħala l-membri eletti għall-Kamra biex jirrappreżentaw dak id-distrett u dak ir-rapport għandu jiġi maħruġ fil-Gazzetta.

(2) Jekk in-numru ta' kandidati nominati għal distrett elettorali jkun anqas minn dak li l-eletturi f'dak id-distrett huma intitolati li

jtellgħu, il-President, fuq ir-rapport magħmul lilu skond is-subartikolu (1), għandu joħrog *Writ* ġdid għall-elezzjoni ta' membri biex jimtlew il-postijiet battala li jkun fadal f'dak id-distrett elettorali, u jekk meta jsir dan ma jkunu nominati ebda kandidati, jew jekk in-numru ta' kandidati nominati jkun inqas min-numru ta' postijiet battala, il-postijiet li wara dan jibqgħu battala jistgħu jimtlew bil-għażla ta' membru jew membri mill-Kamra u l-President ma għandux joħroġ *Writ* ġdid għalihom.

(3) Jekk għal distrett elettorali jiġu nominati kandidati iżjed min-numru hawn fuq imsemmi, il-Kummissjonarji għandhom joħorġu avviż taħt il-firma tagħhom fil-Gazzetta, u fih jagħtu l-ismijiet tal-kandidati u d-distrett li għalih ġew nominati. Ebda persuna li l-isem tagħha ma jkunx ġie ippubblikat f'dak l-avviż ma tista' tiġi eletta bħala Membru tal-Kamra.

Il-kandidatura tista' tiġi rtirata. *Emendat: XV. 1996.32.*

**55.** Kandidat jista', f'kull żmien sakemm il-poloz tal-votazzjoni ta' dak id-distrett li jkun qiegħed jikkontesta jkun ingħata bidu għall-istampar tagħhom skond ma hemm fl-artikolu 49, jirtira l-kandidatura tiegħu billi jagħti lill-Kummissjoni avviż għaldaqshekk. Dan l-avviż għandu jkun iffirmat mill-kandidat jew jekk ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer, mir-rappreżentant tiegħu maħtur għaldaqshekk.

## TAQSIMA X

### *Assistenti Kummissjonarji*

Ħatra ta' Assistenti Kummissjonarji.

**56.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli li ġejjin ta' dan l-Att il-Kummissjoni taħtar tant Assistenti Kummissjonarji Elettorali hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħin "Assistenti Kummissjonarji" daqs kemm ikunu meħtieġa, sabiex jissorveljaw l-elezzjoni bil-mod stabbilit f'dan l-Att. Ebda Assistent Kummissjonarju ma jista' jiġi maħtur biex jissorvelja l-votazzjoni fid-distrett elettorali li fih ikun joqgħod jew li fih ikun soltu jeżerċita l-professjoni jew ix-xogħol tiegħu.

(2) L-Assistenti Kummissjonarji għandhom jieħdu l-ġurament tal-kariga kif miġjub fl-Għaxar Skeda li tinsab ma' dan l-Att, quddiem wieħed mill-Kummissjonarji u għandhom jimxu fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tagħhom skond l-istruzzjonijiet li tagħtihom il-Kummissjoni Elettorali.

Nomina ta' Assistenti Kummissjonarji. *Emendat: XV. 1996.33; XVI. 2002.9.*

**57.** (1) Kull partit politiku jkollu jedd, fi żmien għaxart ijiem mill-pubblikazzjoni tar-*Writ*, li jinnomina numru ta' persuni, li jkun daqs wieħed u terz l-għadd ta' kmamar tal-votazzjoni li jkun hemm fid-distretti elettorali li għalihom ikun qed jikkontesta, sabiex jagħmluha ta' Assistenti Kummissjonarji, u sakemm dawk il-persuni jkunu kapaċi biżżejjed li jwettqu l-funzjonijiet ta' Assistent Kummissjonarju u ma jkunux skwalifikati milli jagħmluha ta' hekk bid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Kummissjoni għandha taħtar Assistenti Kummissjonarji minn fost dawk il-persuni.

(2) Meta l-partiti politiċi jkunu qegħdin jissottomettu dawk il-listi huma jistgħu jiddistingwu bejn dawk il-persuni li jkunu

jixtiquhom jintbagħtu f'post ta' votazzjoni jew kamra tal-votazzjoni partikolari u dawk il-persuni li jkunu jixtiquhom jinżammu b'riserva, u jkollhom iktar minn hekk id-dritt li jindikaw minn dawk il-persuni li jkunu ġew nominati minnhom għandhom jintbagħtu f'postijiet ta' votazzjoni fi djar ta' mistrieħ u fi sptarijiet. Il-partiti politiċi jistgħu, jekk ikun hekk jippreferu, jissottomettu dawk il-listi f'għamla elettro-manjetika. Minkejja li n-nomina ssir minn partit politiku kull min jiġi hekk nominat għandu xorta waħda jippreżenta kull applikazzjoni li l-Kummissjoni tkun soltu teħtieġ minn kull persuna oħra li tkun tixtieq taqdi d-dmirijiet ta' Assistent Kummissjonarju; iżda l-preżentata attwali ta' dik l-applikazzjoni tista' ssir mill-partit politiku f'isem dik il-persuna.

(3) Għall-fini taż-żmien stabbilit fis-subartikolu (1), il-Kummissjoni għandha, mhux iktar tard minn jumejn wara l-pubblikazzjoni tar-*Writ*, tinforma lill-partiti bin-numru ta' Assistenti Kummissjonarji li kull partit ikun meħtieġ jinnomina.

(4) Il-Kummissjoni għandha hi nnifisha iktar minn hekk tinnomina bħala Assistenti Kummissjonarji dak in-numru ta' persuni li jkun meħtieġ sabiex f'kull kamra tal-votazzjoni jkun hemm jattendu f'kull żmien mill-inqas persuna waħda nominata mill-Kummissjoni biex tagħmilha ta' Assistent Kummissjonarju.

(5) F'ebda każ ma għandu jkun hemm inqas minn tliet Assistenti Kummissjonarji nominati biex jissorveljaw il-votazzjoni f'kull kamra tal-votazzjoni u jekk jiġri li l-partiti politiċi kollha jew xi wieħed minnhom jonqsu li jinnominaw l-Assistenti Kummissjonarji kollha jew xi wieħed minnhom skond is-subartikolu (1) u fiż-żmien stabbilit fih, il-Kummissjoni nnifisha għandha tinnomina Assistenti Kummissjonarji oħrajn sabiex jiġi assigurat illi, mill-inqas, ikun hemm jattendu tliet Assistenti Kummissjonarji f'kull kamra tal-votazzjoni.

(6) L-Assistent Kummissjonarju li jkun ġie nominat mill-Kummissjoni għandu jagħmilha ta' *Chairperson* fil-kamra tal-votazzjoni li fiha jintbagħat kull grupp ta' Assistenti Kummissjonarji u fil-waqt tal-votazzjoni jkun iċ-*Chairperson* biss, meta jkun hekk meħtieġ, li jikkomunika ma' l-eletturi.

(7) Il-Kummissjoni għandha tgħaddi, mill-inqas ħamest ijiem qabel ma tibda' l-votazzjoni, lil kull Assistent Kummissjonarju jew lill-partit f'isimhom biljett li jintlibes minnhom fil-post ta' votazzjoni li jkun juri l-kariga tagħhom ta' Assistenti Kummissjonarji u ismijiethom.

Skwalifiki u pubblikazzjoni ta' l-ismijiet ta' l-Assistenti Kummissjonarji.
*Emendat: XV. 1996.34; XVI. 2002.10.*

**58.** (1) Ħadd ma jista' jkollu l-kariga ta' Assistent Kummissjonarju jekk ikun kandidat għall-elezzjoni fil-kamra, jew jekk ikun qarib bil-konsangwinità jew biż-żwieġ sat-tieni grad ta' xi kandidat għall-elezzjoni, jew ma jkunx reġistrat bħala elettur fir-Reġistru Elettorali li jkun ġie l-aħħar pubblikat, jew jekk fil-fehma tal-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lid-delegati tal-partit, ikun bid-deher mhux idoneju jew mhux biż-żejjed kwalifikat biex iwettaq il-funzjonijiet ta' Assistent Kummissjonarju.

(2) Fi żmien jumejn wara l-ġurnata msemmija fl-artikolu 57(1)

il-Kummissjoni għandha tagħti lill-partiti politiċi lista tal-persuni kollha nominati biex jagħmluha ta' Assistenti Kummissjonarji li fiha jiġu indikati l-ismijiet, numri tal-karta ta' l-identità, l-indirizzi u l-professjoni jew is-sengħa tagħhom u l-partit politiku li jkun qed jinnomina lil kull persuna flimkien mal-kamra tal-votazzjoni fejn kull wieħed minnhom ikun se jattendi.

Oġġezzjonijiet dwar l-Assistenti Kummissjonarji.
*Emendat:*
*XV. 1996.35;*
*XVI. 2002.11.*

**59.** (1) Il-partiti politiċi jkollhom il-jedd li, mhux iżjed tard minn erbat ijiem wara l-ġurnata msemmija fl-artikolu 58(2), joġġezzjonaw lill-Kummissjoni bil-miktub dwar in-nomina ta' persuni bħala Assistenti Kummissjonarji fuq xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 58(1).

(2) Meta l-Kummissjoni tirċievi xi oġġezzjoni skond is-subartikolu ta' qabel ta' dan l-artikolu, il-Kummissjoni għandha mhux iżjed tard mill-jum li jiġi minnufih wara, tlaqqa' d-delegati tal-partit sabiex jiddiskutu dwar dawk l-oġġezzjonijiet. Kull delegat ta' partit jista' jinnomina rappreżentant biex jattendi għal dik il-laqgħa minfloku.

(3) Kull oggezzjoni li ssir skond is-subartikoli ta' qabel dan għandha tinqata' mill-Kummissjoni. Il-mod kif il-Kummissjoni taqta' dwar l-oġġezzjoni jkun wieħed konklussiv u li jorbot lil kull min ikollu x'jaqsam mal-kwestjoni. Meta wara li tkun semgħet dawk l-oġġezzjonijiet il-Kummissjoni taqta' li persuna nominata minn partit politiku sabiex tinħatar bħala Assistent Kummissjonarju ma għandhiex hekk tinħatar, il-partit politiku li jkun innomina lil dik il-persuna jkollu jedd jinnomina persuna oħra minflokha.

(4) In-nomini ġodda msemmija fis-subartikolu ta' qabel ta' dan l-artikolu għandhom isiru minnufih wara li jinqatgħu l-oġġezzjonijiet kollha. Iż-żmien imsemmija fis-subartikoli (1) u (2) għandhom japplikaw għall-oġġezzjonijiet li jsiru għal persuni nominati bħala Assistenti Kummissjonarji skond is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, u jekk il-Kummissjoni taslilha u tilqa' xi oġġezzjoni, il-Kummissjoni nnifisha għandha tinnomina persuna oħra sabiex tkun Assistent Kummissjonarju minflokha u dik in-nomina tkun konklussiva, u ma tista' ssir ebda oġġezzjoni dwarha.

(5) Meta l-Kummissjoni tkun qatgħet dwar l-oġġezzjonijiet kollha, hija għandha tqassam l-Assistenti Kummissjonarji fost id-diversi kmamar tal-votazzjoni; dak it-tqassim għandu jsir b'dak il-mod li jkun jassigura li f'kull kamra tal-votazzjoni jkun hemm, mill-inqas, Assistent Kummissjonarju wieħed nominat mill-Kummissjoni u Assistent Kummis-sjonarju wieħed nominat minn kull partit li jkun qiegħed jikkontesta l-elezzjoni f'dak id-distrett:

Iżda meta partit politiku ma jkunx innomina għadd biżżejjed ta' persuni sabiex jinħatru Assistenti Kummis-sjonarji, il-Kummissjoni tinħtieġ biss tassenja, għar-rigward ta' dak il-partit politiku, dawk l-Assistenti Kummissjonarji li jkunu ġew nominati minn dak il-partit u li jkunu nħatru Assistenti Kummissjonarji.

(6) Il-Kummissjoni għandha, fi żmien jumejn minn meta tinqata' l-aħħar oġġezzjoni msemmija fis-subartikolu ta' qabel, tieħu ħsieb li tiġi pubblikata lista fil-Gazzetta li turi l-isem, l-

indirizz u n-numru tal-karta ta' l-identità u l-professjoni jew sengħa ta' kull Assistent Kummissjonarju maħtur, li tkun tindika l-kamra tal-votazzjoni fejn kull wieħed minnhom ikun tqassam, u li tkun tindika lil dawk l- Assistenti Kummissjonarji li ma jkunux hekk tqassmu fi kmamar iżda li jkunu qegħdin jinżammu f'riżerva.

(7) Wara d-distribuzzjoni finali ta' l-Assistenti Kummissjonarji kollha u sa tmiem il-votazzjoni, tkun il-Kummissjoni waħedha li jkollha l-jedd tissostitwixxi lill-Assistenti Kummissjonarji sakemm dan isir biss għal raġunijiet gravi u suffiċjenti u b'dak il-mod li jkun jassigura li meta l-Assistent Kummissjonarju sostitwit ikun wieħed nominat minn partit politiku, is-sostitut tiegħu għandha tkun persuna nominata mill-istess partit, sakemm għadd biżżejjed ta' Assistenti Kummissjonarji jkunu ġew nominati minn dak il-partit.

## TAQSIMA XI

### *Votazzjoni*

Hatra ta' aġent ta' kandidat.
*Emendat: XV. 1996.36.*

**60.** (1) Dakinhar tan-nomina f'elezzjoni jew qabel, kull kandidat jew xi ħadd f'ismu għandu jagħti bil-miktub l-isem ta' persuna bħala aġent tiegħu għal dik l-elezzjoni u din il-persuna f'dan l-Att hija msejħa l-aġent ta' kandidat.

(2) Kandidat jista' jagħti ismu stess bħala aġent ta' kandidat, u f'dan il-każ, sa fejn jippermettu ċ-ċirkostanzi, jaqa' taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, sew bħala kandidat kif ukoll bħala aġent ta' kandidat, u kull riferenza f'dan l-Att għal aġent ta' kandidat għandha titqies li tirriferi għall-kandidat li jaġixxi fil-kwalità ta' aġent ta' kandidat.

(3) Għal kull kandidat jista' jiġi maħtur aġent ta' kandidat wieħed biss, iżda l-ħatra, sew jekk l-aġent ta' kandidat maħtur ikun il-kandidat innifsu jew le, tista' tiġi mħassra, u fil-każ li tiġi hekk imħassra jew f'każ ta' mewt ta' l-aġent ta' kandidat, sew jekk it-tħassir jew il-mewt jiġru qabel, matul jew wara l-elezzjoni, għandu minnufih jiġi maħtur aġent ta' kandidat ieħor, u l-isem u l-indirizz tiegħu għandhom jiġu iddikjarati bil-miktub lill-Kummissjonarji, li għandhom minnufih jippubblikaw dak l-isem u indirizz.

Hatra ta' Aġenti ta' Partit.
*Emendat: XV. 1996.37; XVI. 2002.12.*

**61.** (1) Kull partit politiku jkollu l-jedd jinnomina bħala aġenti tiegħu dak in-numru ta' persuni li jkun daqs in-numru ta' kaxex tal-voti u dawk il-persuni f'dan l-Att jissemmew aġenti ta' partit. Partit politiku jista' jaħtar bħala aġent ta' partit lil persuna li tkun ġiet digà nominata minnu bħala Assistent Kummissjonarju f'liema każ dik il-persuna tkun tista' tagħmilha sew ta' Assistent Kummissjonarju sew ta' aġent ta' partit.

(2) Dawk l-aġenti ta' partit li hekk jinħatru jkollhom jedd li jkunu preżenti fil-kmamar tal-votazzjoni qabel ma tibda u fi tmiem il-votazzjoni għall-finijiet dwarhom provdut f'dan l-Att.

(3) Il-partiti politici li jkunu qegħdin iwettqu l-jedd mogħti lilhom bis-subartikolu (1) għandhom iressqu lista quddiem il-Kummissjoni li jkun fiha l-ismijiet u n-numri tal-karta ta' l-identità tal-persuni nominati minnhom bħala aġenti ta' kull wieħed

minnhom mhux iktar tard mill-ġurnata stabbilita għan-nomina ta' Assistenti Kummissjonarji skond l-artikolu 57.

(4) Partit politiku li jkun eżerċita d-dritt li jkollu li jinnomina aġenti, jista' sal-Ħamis qabel il-votazzjoni, jissostitwixxi mhux iżjed minn għaxra fil-mija minn dawk l-aġenti u l-proċeduri għan-nomina, l-oġġezzjoni u d-deċiżjoni dwar Assistenti Kummissjonarji nominati minn partiti politiċi għandha tkun *mutatis mutandis* tapplika għal aġenti sostituti.

Aġenti distrettwali.
*Miżjud: XV. 1996.38.*
*Emendat: XVI. 2002.13.*

**61A.** (1) Kull partit politiku jista' jinnomina għadd ta' persuni daqsinsew l-għadd ta' distretti elettorali li għalihom jkun qed jikkontesta sabiex jagħmluha ta' ko-ordinaturi distrettwali għall-partit u dawk il-persuni f'dan l-Att jissejħu aġenti distrettwali.

(2) L-aġenti disttretwali jkunu jirrappeżentaw lill-partit li jinnominahom mal-Kummissjoni fid-distrett li jinħatru għalih u għal dan l-għan ikollhom aċċess għal għand il-Kummissjonarji f'kull żmien u jkollhom il-jedd, minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan l-Att li ma tgħidx hekk, li jakkumpanjaw Kummissjonarju f'xi post ta' votazzjoni jew kamra ta' votazzjoni bil-għan li jistabbilixxu kull kwistjoni li jista' jkun hemm waqt il-votazzjoni:

Iżda aġent distrettwali ma jistax jakkumpanja Kummissjonarju b'dan il-mod ħlief meta jkun hemm ukoll l-aġent distrettwali ta' partit ieħor.

(3) Ħlief meta jkun hekk eċċezzjonalment awtorizzat li jagħmel minn xi Kummissjonarju, f'ebda każ ma jista' aġent distrettwali jinterroga lil xi persuna li tkun ġiet leġittimament imqabbda mill-Kummissjoni biex twettaq xi dmir matul l-elezzjonijiet jew ifittex li jikseb xi tagħrif minn xi persuna bħal dik u lanqas ma jista' mingħajr ma jkollu dik l-awtorizzazzjoni jinterroga lil xi elettur.

(4) Dawk il-partiti politiċi li jwettqu l-jedd mogħti lilhom bis-subartikolu (1) għandhom jgħaddu lista lill-Kummissjoni li jkun fiha l-ismijiet u n-numri tal-karta ta' l-identità tal-persuni nominati minnhom bħala aġenti distrettwali mhux iktar tard mill-jum stabbilit għan-nomina ta' Assistenti Kummissjonarji skond ma hemm fl-artikolu 57.

Persuni ħatja ta' atti ta' korruzzjoni ma jistgħux jiġu maħtura aġenti.
*Emendat: XV. 1996.39; XVI. 2002.14.*

**62.** Ebda persuna ma tista' tinħatar aġent distrettwali, aġent tat-trasport jew aġent ta' partit jekk ma tkunx reġistrata bħala elettur fir-Reġistru Elettorali li jkun ġie l-aħħar pubblikat jew jekk fis-seba' snin ta' qabel dik il-ħatra tkun instabet ħatja ta' att ta' korruzzjoni taħt dan l-Att jew tkun ġiet stabbilita mill-Kummissjoni bħala bid-deher mhux idoneja li tagħmilha ta' dak l-aġent partikolari.

Identifikazzjoni ta' aġenti.
*Emendat: XV. 1996.40; XVI. 2002.15.*

**63.** (1) Il-Kummissjonarji għandhom mhux iktar tard minn sebat ijiem qabel ma tibda l-votazzjoni jagħtu lil dak l-aġent dokument ta' l-identità li ma jistax jitbagħbas li jkun fih ir-ritratt ta' l-aġent imbullat bis-siġill tal-Kummissjoni u li jkun juri l-isem, l-indirizz u n-numru tal-karta ta' l-identità ta' l-aġent u minn min ikun ġie nominat. Id-dokumenti ta' l-identità għandhom juru numru progressiv skond kif maħruġin, ikunu ta' kulur differenti sabiex l-aġenti elettorali, tat-trasport u ta' partit jintgħarfu faċilment, u

jintlibsu b'mod li jidher sew mill-aġent partikulari fit-twettiq ta' dmirijietu.

(2) Il-Kummissjoni għandha tgħaddi lil kull partit politiku li jitlobhom bil-miktub, il-listi ta' l-aġenti kollha preżentati mill-partiti politiċi l-oħra kollha kif ukoll l-aġenti ta' kandidati preżentati mill-kandidati u minn min ġew nominati fi żmien jumejn minn meta jaslulha l-listi u l-partiti politiċi jistgħu jagħmlu l-oppożizzjoni tagħhom dwar dan fi żmien erbat ijiem minn dak inhar.

Postijiet u ġranet tal-votazzjoni. *Emendat: XV. 1996.41; XVI. 2002.16.*

**64.**(1)(*a*) F'kull kamra tal-votazzjoni għandha tinżamm mill-Assistenti Kummissjonarji lista ta' l-eletturi li jkollhom il-jedd li jivvutaw f'dik il-kamra tal-votazzjoni flimkien ma' kopji tar-ritratt fotografiku ta' kull votant. Kull paġna ta' dik il-lista u kull korrezzjoni jew taħsira li ssir fuqha, għandhom jiġu ffirmati minn Kummisjonarju u minn delegat ta' partit ta' kull partit politiku jew minn dik il-persuna oħra li tkun maħtura minn kull partit politiku bil-miktub għal dak l-għan.

(*b*) Il-Kummissjonarji għandhom jagħtu kopji ta' dawk il-listi mingħajr ritratti lill-partiti politiċi kollha li jkunu qegħdin jikkontestaw l-elezzjoni mill-inqas ħmistax-il jum qabel il-jum stabbilit għall-elezzjoni u l-Kummissjoni għandha żżomm lill-partiti politiċi mgħarrfin dwar it-tibdiliet kollha li jsiru f'dawk il-listi. Il-listi għandhom jidentifikaw il-kamra tal-votazzjoni fejn kull elettur li jkollu l-jedd li jivvota jkun sejjer iwettaq dak il-jedd, jelenkaw l-eletturi li jkunu ser jivvotaw f'kull kamra tal-votazzjoni, f'ordni alfabetiku skond il-kunjomijiet ta' l-eletturi, billi jingħata lil kull votant numru distint u konsekuttiv u jiġi indikat isem, kunjom, l-indirizz, u numru tal-karta ta' identità ta' kull elettur kif ukoll in-numru ta' reġistrazzjoni tad-dokument għall-votazzjoni ta' kull elettur rispettiv.

(*ċ*) Il-Kummissjoni għandha wkoll tgħaddi lill-partiti politiċi li jirċievu dawk il-listi kull tibdil fi, żieda ma', jew tħassir minn dawk il-listi li jista' jkun hemm ta' kuljum sal-jum li jiġi minnufih qabel il-votazzjoni u dawk il-partiti politiċi jistgħu jivverifikaw il-korrettezza tat-tagħrif li jkollhom jew li jiksbu mal-Kummissjoni f'kull żmien.

(*d*) Isem kull elettur li juri dokument għall-votazzjoni u li tingħatalu polza tal-votazzjoni mill-Assistenti Kummissjonarji għandu jiġi mmarkat fuq dik il-lista li tinżamm għal dak il-għan mill-Assistenti Kummissjonarji b'dak il-mod li jiġi stabbilit mill-Kummissjoni.

(*e*) il-lista, mogħtija lil Assistent Kummissarju, tal-persuni li jkollhom jedd jivvotaw, għandha tkun stampata fuq karta b'element ta' sigurtà.

(2) Il-votazzjoni għandha ssir f’jum li jkun is-Sibt. Il-votazzjoni għandha tibda fis-7.00 a.m. u tispiċċa fl-10.00 p.m.:

Iżda kull elettur illi fl-egħluq tal-ħin tal-votazzjoni jkun f’post ta’ votazzjoni sabiex jivvota, għandu jedd li jirċievi l-polza tal-votazzjoni u li jivvota:

Iżda wkoll, meta l-Kummissjonarji jkunu sodisfatti li l-ħin tal-votazzjoni jkun tnaqqas jew ikun se jitnaqqas, għal xi raġunijiet li fuqhom ma jkollhomx kontroll fil-postijiet tal-votazzjoni kollha jew f’wieħed minnhom jew iktar, huma jistgħu, sew qabel jew wara li tkun bdiet il-votazzjoni, jtawlu l-ħin stabbilit għall-votazzjoni f’dak il-post jew f’dawk il-postijiet tal-votazzjoni sabiex jagħmlu tajjeb għall-imsemmi ħin mitluf.

(3) Il-Kummissjoni għandha, kemm jista’ jkun, tipprovdi faċilitajiet għalbiex persuni handikappati, magħdudin persuni f’siġġijiet tar-roti, ikunu jistgħu jivvotaw fil-kumdità.

Projbizzjoni ta’ *meetings* u dimostrazzjonijiet pubbliċi.

**65.** Ebda *meeting* pubbliku jew dimostrazzjoni pubblika ma jistgħu jsiru fil-jum li jaħbat minnufih qabel il-bidu tal-votazzjoni u fil-ġurnata stabbilita għall-votazzjoni.

Żamma ta’ l-ordni sa distanza ta’ 50 metru minn kull post ta’ votazzjoni.

**66.** Matul il-ħin stabbilit għall-votazzjoni f’xi post tal-votazzjoni, ħadd, ħlief min ikun qed jistenna biex jivvota, ma jista’ jitnikker f’distanza ta’ ħamsin metru minn dak il-post ta’ votazzjoni; u ħadd ma jista’, f’dik id-distanza ta’ ħamsin metru, jagħmel propaganda politika b’kull mod ikun x’ikun. Kull każin, ħanut jew stabbiliment pubbliku ieħor tul dik id-distanza għandu jinżamm magħluq fil-jum tal-votazzjoni.

Żamma ta’ l-ordni f’distanza ta’ aktar minn 50 metru minn post ta’ votazzjoni.

**67.** Ebda persuni ma jistgħu jinġemgħu matul il-votazzjoni, f’xi triq, pjazza jew post ieħor, li jagħtu mill-post ta’ residenza ta’ xi elettur għal post ta’ votazzjoni, f’dak in-numru jew xort’oħra b’dak il-mod li jistgħu jintimidaw xi elettur, jew li jfixkluh milli jersaq lejn jew jitlaq minn post ta’ votazzjoni, jew li jwasslu għall-ksur tal-paċi pubblika.

Disposizzjonijiet dwar kmamar tal-votazzjoni u kompartimenti tal-votazzjoni. *Sostitwit: XV. 1996.42. Emendat: XVI. 2002.17.*

**68.** (1) Il-Kummissjoni għandha tiżgura, skond kemm ikun possibbli, li f’kull kamra tal-votazzjoni jkun hemm distanza sew bejn il-post fejn ikunu qegħdin bil-qegħda l-Assistenti Kummissjonarji u l-kompartimenti tal-votazzjoni li ġewwa fihom jidħlu l-eletturi sabiex jimmarkaw il-poloz tal-votazzjoni tagħhom. Il-kompartimenti tal-votazzjoni għandhom jiġu kostruwiti b’mod tali li jeskludu l-possibiltà li xi ħadd ikun jista’ jara kif l-elettur ikun qed jivvota.

(2) Il-Kummissjoni għandha titlob lill-partiti politiċi biex dawn jgħaddulha għadd biżżejjed ta’ ritratti, kull wieħed ta’ mhux iżjed minn sbatax-il ċentimetru bi tlieta u għoxrin ċentimetru, tal-kandidati relattivi sabiex il-Kummissjoni tkun tista’ twaħħal ritratt ta’ kull kandidat f’kull kamra tal-votazzjoni tad-distrett elettorali fejn il-kandidat ikun qed jikkontesta l-elezzjoni. Kull ritratt għandu jkollu isem il-kandidat u l-isem u l-*badge* tal-partit li jkun qed jirrappreżenta, jekk ikun il-każ, u r-ritratti għandhom jintwerew f’dak l-ordni kif jidhru l-ismijiet tal-kandidati fuq il-polza tal-votazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tagħti dawk id-direttivi li tista’ tqis li jkunu xierqa dwar il-qies u l-għamla ta’ dawk ir-ritratti.

(3) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li f'kull kompartiment tal-votazzjoni jkun hemm imwaħħal, f'post li l-elettur ikun jista' jara sew, kopja ta' l-Istruzzjonijiet lill-eletturi stabbiliti fit-Tmien Skeda (B) li tinsab ma' dan l-Att, u li jkun hemm strumenti għall-kitba disponibbli għall-użu ta' l-eletturi.

(4) Il-Kummissjoni għandha tordna lill-Assistenti Kummissjonarji jiżguraw sew li jqegħdu l-kaxxi tal-votazzjoni kemm jista' jkun fil-qrib ta' fejn ikunu huma qegħdin bil-qegħda u b'dak il-mod li huma jkunu jistgħu jaraw sew lill-elettur li jkun qiegħed jitfa' l-polza tal-votazzjoni tiegħu ġewwa fiha u jiżguraw li l-votant jitni l-polza tal-votazzjoni b'tali mod li jħalli t-timbru uffiċjali jidher.

(5) Il-Kummissjoni għandha tħejji kamra jew kmamar f'kull post tal-votazzjoni fejn tkun tista' żżomm, sal-jum tal-votazzjoni, il-kaxex tal-votazzjoni, il-listi tal-persuni bil-jedd li jivvotaw, il-poloz tal-votazzjoni u kull dokument u materjal ieħor relevanti li jkollu jintuża f'dak il-post tal-votazzjoni fil-jum tal-votazzjoni. Il-kamra għandu jkollha faċilitajiet adegwati ta' dawl u għandu jkun hemm fetħa żgħira fil-bieb li tkun tippermetti li wieħed jara x'ikun hemm f'dik il-kamra.

(6) Il-partiti politiċi għandhom jingħataw kull faċilità biex jispezzjonaw il-postijiet tal-votazzjoni kollha żmien sew qabel il-jum tal-votazzjoni u li jagħmlu suġġerimenti lill-Kummissjoni dwar l-użu tagħhom.

(7) Il-kaxex tal-votazzjoni għandu jkollhom dawk il-qisien u jinħadmu minn dak il-materjal li l-Kummissjoni tiddeċiedi dwaru iżda l-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kaxxa tkun tista' tiġi siġillata waqt il-votazzjoni u li ma jkunx jista' jsir tbagħbis magħha mingħajr ma wieħed jinduna. Il-wiċċ tal-kaxxa għandu jkun magħmul minn materjal trasparenti, sakemm dan ikun teknikament possibbli.

Kaxex tal-votazzjoni u dokumenti għall-kmamar tal-votazzjoni.
*Miżjud: XV. 1996.42.*

**68A.** (1) F'xi jum li jkun kemm jista' prattikament qrib tal-jum tal-votazzjoni iżda mhux qabel tlett ijiem minn dak il-jum, il-Kummissjoni għandha tikkonsenja f'kull post tal-votazzjoni, il-kaxex tal-votazzjoni, il-lista ta' persuni li jkollhom jedd jivvotaw f'dak il-post, il-poloz tal-votazzjoni u kull dokument u materjal relevanti ieħor li jkun se jintuża f'dak il-post tal-votazzjoni fil-jum tal-votazzjoni u għandha tissiġilla dawk id-dokumenti u materjal fil-kamra stabbilita għal dan il-għan skond ma hemm fl-artikolu ta' qabel ta' dan l-Att. Il-kamra għandha tinżamm mixgħula f'kull ħin.

(2) Il-partiti politiċi jkollhom il-jedd li jissorveljaw dak it-trasport, li jagħmlu s-siġilli tagħhom mal-kamra u ma' kull apertura li tagħti għaliha u li jivverifikaw x'hemm fil-kamra billi jħarsu minn ġol-fetħa li jkun hemm fil-bieb f'kull ħin.

Trasferiment tal-kaxex tal-votazzjoni għal ġol-kmamar tal-votazzjoni.
*Sostitwit: XV. 1996.42.*

**69.** (1) Fil-jum stabbilit għall-votazzjoni u tletin minuta qabel ma din tibda, il-kamra fil-post tal-votazzjoni fejn il-kaxex tal-votazzjoni u dokumenti oħra jkunu nħażnu mill-Kummissjoni għandha tinfetaħ u l-kaxex, id-dokumenti u l-materjal jiġu trasferiti għal ġo kull kamra tal-votazzjoni mill-Assistenti Kummissjonarji relattivi.

(2) Qabel ma tibda l-votazzjoni l-Assistenti Kummis-sjonarji, quddiem kull kandidat jew aġent li jista' jkun hemm, għandhom jiftħu l-kaxxa tal-votazzjoni li tkun ġiet konsenjata lilhom u jiżguraw li din tkun vojta qabel ma jissiġillawha u jibdew il-votazzjoni. Jekk ma jkun hemm ebda kandidat jew aġent preżenti l-Assistenti Kummissjonarji jistaqsu lil min ikun hemm preżenti sabiex jidħol fil-kamra tal-votazzjoni u jkun xhud tas-siġillar tal-kaxex tal-votazzjoni.

(3) Wara li jiżguraw ruħhom li l-kaxxa tal-votazzjoni tkun vojta, jekk dan jenħtieġ ukoll billi jneħħu kull materjal żejjed minn ġewwa fiha, iċ-*Chairperson* minn fost l-Assistenti Kummissjonarji jgħaddi biex jissiġilla l-kaxxa tal-votazzjoni bil-mod u bis-siġill lilu provdut mill-Kummissjoni filwaqt li jiżgura li ma jissiġillax il-fetħa li minnha jkollhom jintefgħu l-poloz tal-votazzjoni mill-eletturi.

(4) Jista' aġent wieħed jew kandidat wieħed għal kull wieħed mill-partiti politiċi preżenti waqt dak l-issiġillar jagħmel is-siġill tal-partit tiegħu mal-kaxxa tal-votazzjoni.

(5) Wara li l-kaxxa tal-votazzjoni tkun ġiet siġillata, iċ-*Chairperson* ta' l-Assistenti Kummissjonarji għandu jagħti xiehda ta' dan fuq il-formula provduta mill-Kummissjoni filwaqt li jitlob lil kull min kien preżenti waqt l-issiġillar sabiex jiffirma bħala xhud, u ma' dan kulħadd jitlaq 'il barra mill-kamra ħlief l-Assistenti Kummissjonarji u hekk tibda l-votazzjoni.

(6) Fil-każ li jinqala' xi nuqqas ta' qbil li ma jkunx jista' jitranġa bejn dawk preżenti, iċ-*Chairperson* ta' l-Assistenti Kummissjonarji jitlob lill-Kummissjonarju li jagħti kull direttiva meħtieġa.

Votazzjoni.
*Emendat:*
*XV. 1996.43.*

**70.** (1) Kull elettur li jkun irid jivvota għandu jmur fil-kamra tal-votazzjoni speċifikata fid-dokument għall-votazzjoni li huwa jkun irċieva u għandu jikkonsenja dak id-dokument lill-Assistent Kummissjonarju f'dik il-kamra tal-votazzjoni matul il-ħinijiet stabbiliti għall-votazzjoni.

(2) Ebda persuna ma titħalla tivvota jekk ma tipproduċix u ma tikkonsenjax id-dokument għall-votazzjoni lill-Assistenti Kummissjonarji.

(3) Ma titħalla li ssir ebda investigazzjoni fil-waqt tal-votazzjoni dwar il-jedd ta' xi persuna li tivvota sakemm isem dik il-persuna jkun jidher fil-lista msemmija fl-artikolu 64(1), iżda l-Assistenti Kummissjonarji jistgħu, qabel ma jagħtu l-polza tal-votazzjoni lill-elettur, jagħmlulu dawk il-mistoqsijiet li jidhrilhom xierqa sabiex jissodisfaw ruħhom mill-identità ta' dak l-elettur. Kull komunikazzjoni bejn l-Assistenti Kummissjonarji u l-elettur filwaqt li l-elettur ikun għadu fil-kamra tal-votazzjoni għandha ssir permezz taċ-*Chairperson* ta' l-Assistenti Kummissjonarji.

(4) L-Assistenti Kummissjonarji, mal-produzzjoni u l-konsenja lilhom tad-dokument għall-votazzjoni, wara li jkunu issodisfaw ruħhom mill-identità ta' l-elettur, għandhom iħassru isem l-elettur minn fuq l-imsemmija lista u jagħtuh f'idu, wara li jimmarkawha bit-timbri uffiċjali, polza tal-votazzjoni. Ikun it-timbru uffiċjali tal-

Kummissjoni biss li jkun meħtieġ għall-validità tal-polza tal-votazzjoni.

(5) L-Assistenti Kummissjonarji jistgħu fid-diskrezzjoni tagħhom jagħtu l-ġurament lil kull elettur fil-formula murija fil-Ħdax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(6) Kull persuna li tirrifjuta li twieġeb għal xi mistoqsija li ssirilha skond is-subartikolu (3) jew li tieħu l-ġurament imsemmi fis-subartikolu (5) ma titħalliex tivvota.

(7) L-Assistenti Kummissjonarji ma jistgħux jirrifjutaw li jagħtu polza tal-votazzjoni lil persuna li isimha jkun jidher fil-lista msemmija fl-artikolu 64(1) u li xort'oħra tissodisfa l-ħtiġiet ta' dan l-artikolu ħlief jekk, fuq mistoqsijiet magħmulin taħt dan l-artikolu, il-persuna li tkun trid tivvota tkun tidher lill-Assistenti Kummissjonarji li ma tkunx il-persuna li isimha jidher fl-imsemmija lista jew li diġà tkun ivvotat fl-istess elezzjoni.

(8) L-Assistenti Kummissjonarji għandhom iżommu nota bil-miktub ta' kull ġurament li jiġi mogħti lil xi persuna taħt dan l-artikolu u ta' kull każ li fih ma jħallux persuna tivvota.

(9) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 77, ebda elettur ma jitħalla jivvota ħlief il-kamra tal-votazzjoni speċifikata fid-dokument għall-votazzjoni ippreżentat minnu sabiex jivvota.

(10) Meta min jivvota jkun bi żball ħela l-polza tiegħu, jista' jkollu polza oħra flok l-oħra li jkun ħela u l-polza moħlija tiġi mħassra minnufih, kemm-il darba, meta jiġi biex jagħti lura lill-Assistent Kummissjonarju l-polza li jkun ħela, huwa juri lil dan l-Assistent Kummissjonarju ta' l-Elezzjonijiet li dan l-iżball ikun ħadu bla ma ried u b'mod li dana jista' jemmnu.

**71.** (1) Kull elettur għandu jkollu vot wieħed trasferibbli (jew vot li jgħaddi minn kandidat għal ieħor). Kif wieħed jivvota. *Emendat: XV. 1996.44.*

(2) L-elettur meta jagħti l-vot tiegħu:

(*a*) għandu jikteb fuq il-polza n-numru 1, ħdejn l-isem tal-kandidat li lilu jagħti l-vot; u

(*b*) barra minn dan juri l-ordni ta' l-għażla jew preferenza tiegħu għal dawk il-kandidati l-oħra kollha li jogħġbuh, billi jikteb ħdejn l-isem ta' kull wieħed minnhom in-numri, 2, 3, 4, 5, 6 u hekk dejjem numru wara l-ieħor skond l-ordni ta' preferenza li jagħti.

(3) Il-polza ma tkunx tiswa -

(*a*) jekk fuqha ma jkunx hemm miktub in-numru 1, li mqiegħed għalih waħdu, għandu juri l-ewwel preferenza li tingħata lil wieħed mill-kandidati fuq l-oħrajn kollha; jew

(*b*) jekk ikun hemm miktub ħdejn l-isem ta' iżjed minn kandidat wieħed in-numru 1, li, imqiegħed għalih waħdu, għandu juri l-ewwel preferenza; jew

(*ċ*) jekk flimkien man-numru 1, li mqiegħed għalih għandu juri l-ewwel preferenza, jinkiteb xi numru

ieħor ħdejn l-isem ta' l-istess kandidat; jew

(*d*) jekk ma jkunx jista' jingħaraf sewwa għal liema kandidat ġiet mogħtija l-ewwel preferenza; jew

(*e*) jekk fil-polza jkun hemm xi kelma miktuba jew xi sinjal ieħor, li bih tista' tingħaraf il-persuna li tat il-vot; jew

(*f*) jekk fuqha ma jintgħamilx it-timbru uffiċjali tal-Kummissjoni.

(4) L-elettur jagħti l-vot tiegħu b'mod sigriet ġewwa kompartiment tal-votazzjoni. Wara li jkun temm jikteb fuq il-polza tal-votazzjoni tiegħu, l-elettur għandu jitwi l-polza tal-votazzjoni b'mod li jibqa' jidher it-timbru uffiċjali u ma jkunx jidher kif ivvota, juri t-timbru uffiċjali liċ-*Chairperson* ta' l-Assistenti Kummissjonarji biex l-Assistenti Kummissjonarji jivverifikaw l-istess, u għandu mbagħad jitfa' l-polza tal-votazzjoni fil-kaxxa tal-voti quddiem l-Assistenti Kummissjonarji.

Eletturi analfabeti jew inkapaċi.
*Emendat:*
*XV. 1996.45;*
*XXI. 2007.7.*

**72.** (1) Kull elettur li jiddikjara quddiem l-Assistenti Kummissjonarji, u juri għas-sodisfazzjon tagħhom, li hu ma jistax minħabba li jkun għama, minħabba raġuni oħra fiżika jew li jkun analfabeta jimmarka l-polza ta' votazzjoni tiegħu, jista' jitlob lill-Assistent Kummissjonarju biex jimmarka l-polza tal-votazzjoni floku, wara li jgħidlu għal liema kandidat jew kandidati huwa jrid jivvota u l-ordni li fih irid jagħti l-vot tiegħu:

Iżda l-elettur ma jistax jitlob għal xi Kummissjonarju Elettorali partikolari sabiex jimmarkalu l-polza f'ismu:

Iżda wkoll persuna li ma tkunx tista' tivvota weħidha minħabba f'li tkun għamja tista' jew titlob lil Assistent Kummissarju biex jimmarkalha l-karta tal-vot f'isimha billi tindikalu għal liema kandidat jew kandidati hija tkun trid tivvota u l-ordni li fih hija tkun trid tirreġista l-vot tagħha, jew inkella titlob li tiġi provduta bi *Braille template* kif ukoll apparat għal smigħ bi *playback* kif approvat taħt id-disposizzjoni tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 49.

(2) L-Assistenti Kummissjonarji huma obbligati għas-sigriet dwar il-votazzjoni ta' persuna li huma jkunu għenu biex tivvota.

(3) Għandu jkun hemm preżenti mhux anqas minn żewġ Assistenti Kummissjonarji meta l-vot jingħata taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), imma fil-kamra ma għandu jkun hemm ebda persuna oħra.

(4) Meta Assistent Kummissjonarju huwa awtorizzat li jgħin elettur sabiex iniżżel il-vot tiegħu, l-Assistent Kummissjonarju għandu jġiegħel lill-elettur iwettaq id-dikjarazzjoni tiegħu b'ġurament skond il-formula murija fil-Ħmistax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att, u meta jiżgura ruħu li d-dikjarazzjoni li għamillu hija vera, huwa jikteb il-vot ta' dak l-elettur fuq il-polza, skond ma jkun tah indikazzjoni li jagħmel dak l-elettur u skond din il-proċedura li ġejja:

(*a*) L-Assistent Kummissjonarju jistaqsi lill-elettur: "Liema mill-kandidati inti tixtieq l-iktar li jiġi

magħżul?" u jikteb in-numru 1 quddiem l-isem tal-kandidat imsemmi mill-elettur.

(*b*) L-Assistent Kummissjonarju għandu mbagħad jistaqsi lill-elettur: "Liema mill-kandidati tixtieq li jiġi magħżul it-tieni wieħed?" u jikteb in-numru 2 quddiem l-isem tal-kandidat imsemmi mill-elettur.

(*ċ*) L-Assistent Kummissjonarju jkompli jagħmel il-mistoqsijiet tiegħu għat-tielet preferenza jew preferenzi oħra, sakemm l-elettur jiddikjaralu li ma għandu ebda preferenza oħra xi jsemmilu.

(*d*) Sabiex jassistu lil dak l-elettur jindika l-preferenzi tiegħu, l-Assistenti Kummissjonarji jistgħu jirreferu lill-elettur għar-ritratti tal-kandidati murijin fil-kamra tal-votazzjoni skond l-artikolu 68.

(*e*) Kif jibda jagħmel dan, u mbagħad wara wkoll, l-Assistent Kummissjonarju għandu, jekk ikun mitlub mill-elettur, jaqralu wieħed wara l-ieħor, skond l-ordni li huma miktubin fuq il-polza, l-ismijiet tal-kandidati kollha, illi favur tagħhom l-elettur ma jkun għadu fisser ebda preferenza.

(*f*) Li kellu jiġri li elettur, madankollu, jitlob lil Assistent Kummissjonarju jaqralu l-ismijiet tal-kandidati ta' partit politiku wieħed partikulari biss, l-Assistent Kummissjonarju għandu jagħmel dan billi jaqra f'ordni alfabetiku l-ismijiet tal-kandidati li jkunu indikaw is-sħubija tagħhom f'dak il-partit politiku filwaqt li jħalli barra l-ismijiet tal-kandidati l-oħrajn.

L-Assistenti Kummissjonarji ma għandhomx jaraw kif jingħata l-vot.

**73.** Fil-ħin li l-elettur ikun jivvota, l-Assistenti Kummissjonarji għandhom joqogħdu f'bogħod biżżejjed li ma jkunux jistgħu jaraw kif jingħata l-vot .

Il-polza tal-votazzjoni ma tistax tinħareġ mill-post tal-votazzjoni.

**74.** L-Assistenti Kummissjonarji ma għandhom f'ebda każ iħallu lil ħadd jieħu polza tal-votazzjoni barra mill-kamra jew minn taħt għajnejhom sakemm tintefa' fil-kaxxa tal-voti.

L-Assistenti Kummissjonarji ma jistgħux jissuġġerixxu kif wieħed għandu jivvota.

**75.** Ħlief fil-każ ta' l-artikolu 72, ebda Assistent Kummissjonarju jew persuna oħra ma jistgħu jivvutaw għal elettur, jew, f'post ta' votazzjoni, jagħmlulu ebda suġġeriment, direttament jew indirettament, dwar il-kandidat jew kandidati li għalihom imissu jivvota jew dwar il-għażla jew preferenza tiegħu.

Ebda persuna mhux awtorizzata ma tista' tidħol f'post ta' votazzjoni.

**76.** Ħlief fejn imsemmi mod ieħor f'dan l-Att, l-Assistenti Kummissjonarji m'għandhom iħallu ebda persuna, ħlief uffiċjal tal-Pulizija li jkun qiegħed servizz jew persuna legalment inkarigata mill-esekuzzjoni ta' servizz li għandu x'jaqsam ma' l-elezzjoni, jew persuna li għandha l-jedd li tivvota f'dak il-post ta' votazzjoni, tidħol f'dak il-post ta' votazzjoni, lanqas m'għandhom iħallu elettur jew persuna oħra li jibqgħu fil-post tal-votazzjoni iżjed milli jenħtieġ.

Postijiet tal-votazzjoni mħallta.
*Sostitwit:*
*XV. 1996.46.*
*Emendat:*
*VII. 2009.2.*

**77.** (1) Minkejja kull ħaġ'oħra li tmur kontra dak li jinsab f'dan l-Att, il-Kummissjoni għandha tipprovdi postijiet tal-votazzjoni mħallta għall-għanijiet u bil-mod kif provdut b'dan l-artikolu.

(2) Post ta' votazzjoni mħallat huwa post tal-votazzjoni fejn ikun hemm kaxxa tal-votazzjoni għal kull distrett elettorali u fejn l-eletturi msemmija fis-subartikolu (4)(*a*) u (*b*) għandhom jivvutaw indipendentement mid-distrett elettorali fejn jistgħu jkunu reġistrati fir-Reġistru Elettorali li jkun ġie l-aħħar ippubblikat, billi jitfgħu l-vot tagħhom fil-kaxxa tal-votazzjoni korrispondenti għad-distrett elettorali fejn ikunu reġistrati.

(3) Il-Kummissjoni għandha biss tipprovdi postijiet tal-votazzjoni mħallta f'dawn l-imkejjen:

(*a*) fil-post fejn ikun se jsir l-għadd tal-voti skond ma hemm fl-artikolu 45;

(*b*) f'San Vinċenz de Paule.

Votazzjoni li ssir qabel il-jum talvotazzjoni.

(3A) (*a*) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' din il-liġi jew ta' kull liġi oħra, kull persuna reġistrata bħala votant li jkollha jedd tivvota f'elezzjoni ġenerali, f'elezzjoni ta' Membri tal-Parlament Ewropew jew f'elezzjoni ta' Kunsill Lokali u li jkollha jedd tirċievi d-dokument għall-votazzjoni u li tiddikjara bil-ġurament quddiem il-Kummissjoni Elettorali jew persuni oħra maħturin mill-Kummissjoni sabiex jagħmluha minflok il-Kummissjonarji li hija m'hijiex se tkun Malta fil-jum tal-votazzjoni, ikollha l-jedd li tivvota fil-post indikat fis-subartikolu (3)(*a*) bejn is-7.00am u l-10.00pm sebat ijiem qabel il-jum tal-votazzjoni.

(*b*) Id-dikjarazzjoni ġuramentata li għaliha hemm referenza fil-paragrafu (*a*):

(i) tista' ssir bi dritt sa nofsinhar tal-jum tal-Ġimgħa li jkun jaħbat minnufih qabel il-jum stabbilit sabiex persuni jivvutaw qabel il-jum tal-votazzjoni skond il-paragrafu (*a*), u

(ii) għandha ssir f'dik il-forma u skond dik il-proċedura hekk kif il-Kummissjoni Elettorali tista' tesiġi.

(*ċ*) Id-disposizzjonijiet kollha ta' dan l-Att li japplikaw għall-votazzjoni mill-Assistenti Kummissjonarji għandhom, mingħajr preġudizzju għal dan is-subartikolu, japplikaw *mutatis mutandis* għal dawk il-persuni reġistrati bħala votanti li jkollhom il-jedd li jivvutaw qabel il-jum tal-votazzjoni skond il-paragrafu (*a*):

B'dana iżda illi min jieħu l-ġurament fuq indikat u ma jkunx irċieva d-dokument tal-votazzjoni, għandu jingħata mill-Kummissjoni jew persuni oħra maħturin mill-Kummissjoni sabiex jagħmluha minflok il-Kummissjonarji, dak id-dokument hekk kif jieħu quddiemhom il-ġurament; jew fin-nuqqas, dan id-dokument jista' jinġabar b'mod personali mill-imkien imħejji apposta mill-

Kummissjoni sabiex persuna tivvota sebat ijiem qabel jum il-votazzjoni u dana wara li l-persuna tipproduċi karta ta’ l-identità tagħha lir-rappreżentant tal-Kummissjoni Elettorali delegat għaldaqshekk mill-istess Kummissjoni sabiex issir il-kunsinna tad-dokument:

B’dana iżda wkoll li persuna, wara li tkun għamlet dikjarazzjoni ġuramentata skond il-paragrafu (*a*) u ma tivvutax fil-jum stabbilit sabiex persuni jivvutaw qabel il-jum tal-votazzjoni jkollha l-jedd li tivvota fil-jum tal-votazzjoni.

(4) (*a*) Minkejja kull disposizzjoni oħra f’dan l-Att, kull min ikun ġie magħżul biex iservi bħala Assistent Kummissjonarju Elettorali, inkluż jekk ikun ġie magħżul bħala riżerva, għandu jitfa’ l-vot tiegħu fil-post indikat fis-subartikolu (3)(*a*) u għandu jagħmel dan fil-jum ta’ qabel il-jum tal-votazzjoni bejn is-7.00 a.m. u l-10.00 p.m.

(*b*) Għall-finijiet u effetti kollha ta’ dan l-artikolu l-persuni li għandhom jivvutaw skond il-paragrafu (*a*) huma dawk kollha li isimhom ikun ippubblikat fil-lista msemmija fl-artikolu 59(6), anke jekk xi waħda minn dawk il-persuni tkun irriżenjat il-ħatra tagħha wara l-pubblikazzjoni ta’ dik il-lista.

(*ċ*) Il-votanti kollha li sebat ijiem qabel il-jum ta’ l-elezzjoni jkunu residenti, iżda mhux reġistrati bħala votanti, f’San Vinċenz de Paule għandhom jivvutaw fil-post indikat fis-subartikolu (3)(*b*), u jkun obbligu tas-sotto-kumitat imwaqqaf permezz ta’ l-artikolu 81, li jiddetermina min huma dawn il-votanti.

(5) Għall-finijiet u effetti kollha ta’ dan l-Att post tal-votazzjoni mħallat jitqies bħala post tal-votazzjoni ordinarju u d-drittijiet u obbligi imposti fuq il-Kummissjoni u persuni maħtura minnha, partiti politiċi, aġenti u kandidati għandhom *mutatis mutandis* japplikaw.

(6) Kopja ta’ listi tal-persuni intitolati biex jivvotaw f’postijiet tal-votazzjoni mħallta għandha tingħata mill-Kummissjoni Elettorali lill-partiti politiċi mill-anqas erbat ijiem qabel il-ġurnata ta’ l-elezzjoni.

Għeluq tal-votazzjoni. *Emendat: XV. 1996.47; XVI. 2002.18.*

**78.** (1) Wara li jgħaddi ż-żmien stabbilit għall-votazzjoni, l-Assistenti Kummissjonarji għandhom jissiġillaw il-fetħa li jkun hemm fil-kaxxa tal-votazzjoni, iqegħdu f’pakkett kull polza tal-votazzjoni mhux użata u mħassra u kull dokumentazzjoni stampata jew miktuba li jkollhom, filwaqt li jwaħħlu s-siġilli tagħhom fuq dak il-pakkett, wara li jiddikjaraw u jiffirmaw fuq l-imsemmi pakkett in-numru ta’ dawk il-poloz, u għandhom iqegħdu f’pakkett separat id-dokumenti għall-votazzjoni kollha lilhom mogħtijin. It-timbri ufficjali li jintużaw mill-Assistenti Kummissjonarji nominati mill-partiti politici għandhom jitqegħdu f’pakkett separat li jkun siġillat bis-siġill tal-Kummissjoni wara li l-Assistenti Kummissjonarji jkunu għamlu l-firma tagħhom fuq dak il-pakkett.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu ta’ qabel ta’ dan l-artikolu l-

Assistenti Kummissjonarji għandhom igħoddu u jirrikonċiljaw wieħed wieħed in-numru ta’ poloz tal-votazzjoni mhux użati u mħassrin, in-numru ta’ persuni markati bħala li jkunu ivvutaw fuq il-lista msemmija fl-artikolu 64(1) u n-numru ta’ dokumenti tal-votazzjoni lilhom mogħtijin.

(3) Wara l-għeluq tal-votazzjoni u qabel ma jinġarru l-kaxex tal-votazzjoni mill-kmamar tal-votazzjoni, l-Assistenti Kummissjonarji għandhom iwaħħlu avviż mal-bieb ta’ kull kamra tal-votazzjoni u li jkun iffirmat mill-Assistenti Kummissjonarji kollha li jkun jiddikjara n-numru ta’ eletturi li kellhom il-jedd jivvotaw f’dik il-kamra tal-votazzjoni, in-numru ta’ poloz tal-votazzjoni li jkunu rċevew mingħand il-Kummissjoni, in-numru ta’ dokumenti għall-votazzjoni lilhom mogħtijin filwaqt li jiddistingwu jekk dawn humiex ordinarji jew speċjali, in-numru ta’ poloz tal-votazzjoni mħassrin u n-numru ta’ poloz tal-votazzjoni mhux użati li huma jkunu qegħdin jagħtu lura lill-Kummissjoni u n-numru ta’ persuni li jkunu vvutaw f’dik il-kamra tal-votazzjoni. Dak l-avviż għandu hawn iżjed ’il quddiem f’dan l-artikolu jissejjaħ "ir-rendikont ta’ poloz tal-votazzjoni".

Kopja tar-rendikont ta’ poloz tal-votazzjoni għandha titqassam mill-Assistenti Kummissjonarji lil kull partit politiku billi tingħata lil kandidat, jew aġent ta’ l-elezzjoni jew tal-partit li jirrappreżentaw dak il-partit u li jistgħu jkunu hemm, u dik il-kopja għandha wkoll tingħata lill-Kummissjoni fil-post imsemmi fl-artikolu 45(*ċ*) u l-Kummissjoni għandha minnufih li jsir dan tagħti kopja lid-delegati tal-partit.

(4) Mat-temm tad-dmirijiet kollha msemmija fis-subartikolu ta’ qabel ta’ dan l-artikolu, l-Assistenti Kummissjonarji għandhom iġorru il-kaxxa jew kaxex tal-votazzjoni u d-dokumenti u pakketti kollha fdati lilhom għal għand il-Kummissjoni fil-post imsemmi fl-artikolu 45(*ċ*).

(5) Delegati tal-partit, kandidati, u aġenti tal-partit għandhom il-jedd jattendu filwaqt li tkun qed issir ir-rikonċiljazzjoni, u l-issiġillar tal-poloz u l-issiġillar tal-kaxex tal-votazzjoni, kif imsemmi fis-subartikoli ta’ qabel ta’ dan l-artikolu, u li jagħmlu s-siġill tagħhom personali fuq il-pakketti tal-poloz u fuq il-kaxex tal-votazzjoni, u għandhom, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli li ġejjin ta’ dan l-artikolu, jingħataw faċilitajiet sabiex jissorveljaw u jakkumpanjaw il-ġarr tal-kaxex tal-votazzjoni mill-post tal-votazzjoni sal-konsenja tagħhom lill-Kummissjoni.

(6) (*a*) Mhux iktar minn aġent tal-partit wieħed minn kull partit politiku jista’ jkun preżenti f’kull kamra tal-votazzjoni fl-istess waqt meta tkun qiegħda ssir il-proċedura għall-issiġillar tal-kaxex tal-votazzjoni;

(*b*) L-Assistenti Kummissjonarji għandhom jieħdu ħsieb li l-kandidati, aġenti tal-partit jew delegati tal-partit li jistgħu jinsabu fil-post għandhom jissejħu fil-kamra qabel ma huma jibdew il-proċeduri msemmija fis-subartikoli ta’ qabel ta’ dan l-artikolu dwar l-issiġillar ta’ kaxex tal-votazzjoni u ta’ pakketti u dwar ir-rikonċiljazzjoni;

(*ċ*) Il-kandidati, aġenti tal-partit u delegati tal-partit li jistgħu jkunu jinsabu fil-post għandhom jingħataw kull faċilità raġonevoli sabiex jissorveljaw, jiddokumentaw u jinħtieġu kull għadd mill-ġdid ta' dak kollu li jagħmlu l-Assistenti Kummissjonarji skond is-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu, u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak imsemmi qabel -

(i) sabiex jirrikonċiljaw l-għadd ta' persuni li jkunu vvotaw kif dikjarat fir-rendikont ta' poloz tal-votazzjoni ma' l-għadd ta' persuni li l-Assistenti Kummissjonarji jkunu qatgħu minn fuq il-lista msemmija fl-artikolu 64 u l-għadd ta' dokumenti għall-votazzjoni riċevuti mill-Assistenti Kummissjonarji;

(ii) sabiex jirrikonċiljaw l-ismijiet ta' l-eletturi li l-Assistenti Kummissjonarji jkunu qatgħu minn fuq il-lista msemmija fl-artikolu 64 ma' l-ismijiet jew mad-dokumenti għall-votazzjoni riċevuti minnhom;

(iii) sabiex jirreġistraw l-ismijiet, in-numri tal-karti ta' l-identità u, jew, il-partikolaritajiet tal-persuni li ma jkunux ivvotaw;

(*d*) Wara li jkunu ntemmu l-proċeduri kollha msemmija fil-paragrafu ta' qabel ta' dan is-subartikolu, l-Assistenti Kummissjonarji għandhom iżommu l-kaxxa tal-votazzjoni u d-dokumenti u l-pakketti kollha fil-kamra tal-votazzjoni sa dak il-ħin meta l-vettura mibgħuta mill-Kummissjoni għat-trasferiment tal-kaxex tal-votazzjoni tasal fil-post tal-votazzjoni. Kull kandidat, jew aġent tal-partit jew delegat tal-partit li jistgħu jkunu jinsabu fil-kamra jkollhom il-jedd ukoll li jibqgħu f'dik il-kamra ta' votazzjoni;

(*e*) Waqt il-ġarr mill-post tal-votazzjoni sal-post stabbilit mill-Kummissjoni għall-konsenja tal-kaxex tal-votazzjoni skond l-artikolu 45(3) mhux iktar minn rappreżentant wieħed minn kull partit politiku ma jista' jirkeb vettura mibgħuta mill-Kummissjoni għall-ġarr relattiv;

(*f*) Ir-rappreżentanti msemmija fil-paragrafu ta' qabel ta' dan is-subartikolu għandhom jintgħażlu mill-partiti politiċi u għandhom ikunu debitament awtorizzati mill-Kummissjoni u għandu jkollhom dawk il-ħtigiet ta' identifikazzjoni bħal dawk meħtieġa bl-artikolu 63(1) u għandu jkollhom isimhom mgħarraf skond ma hemm provdut fl-artikolu 63(2);

(*g*) Ir-rifjut ta' Assistent Kummissjonarju li jiffirma xi dikjarazzjoni jew xi dokument ma għandux, fih innifsu, jinvalida l-kontenut ta' dik id-dikjarazzjoni jew dokument.

L-Assistenti Kummissjonarji għandhom iżommu l-bonordni.

**79.** L-Assistenti Kummissjonarji għandhom iżommu l-bon-ordni fil-post tal-votazzjoni li tiegħu jkollhom l-inkarigu u huma responsabbli għal kull irregolarità f'dak il-post sa fejn dik l-irregolarità setgħat tiġi evitata minnhom.

## TAQSIMA XII

### *Votazzjoni fi Djar ta' l-Anzjani*

Dar ta' l-Anzjani.

**80.** Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, "dar ta' l-anzjani" tfisser dak il-post jew dawk il-postijiet prinċipalment użati għall-kura ta' persuni anzjani li fihom ikunu, mill-inqas, joqogħdu ħamsin elettur:

Iżda d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 81(3)(*a*), ta' l-artikolu 82(1)(*b*) u ta' l-artikolu 83 ma għandhomx japplikaw għal djar ta' l-anzjani li ma jkunux immexxijin jew amministrati mill-Gvern.

Sotto-kumitat għal Djar ta' l-Anzjani.

**81.** (1) Fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa mill-pubblikazzjoni tar-*Writ* għall-elezzjoni ta' membri fil-Kamra, il-Kummissjoni għandha twaqqaf sotto-kumitat li jkun magħmul minn Kummissjonarju, li jagħmilha ta' *chairperson*, u minn rappreżentant ta' kull wieħed mill-partiti politiċi u l-Kummissjoni Elettorali għandha tiddelega lis-sotto kumitat it-tmexxija ta' l-elezzjoni fid-djar ta' l-anzjani kollha.

(2) Is-sotto-kumitat ikollu d-dmir li jieħu ħsieb li ma ssir ebda pressjoni fuq eletturi fi djar għan-nies avvanzati, li jingħataw faċilitajiet xierqa u adegwati lill-partiti politiċi kollha għall-*canvassing* ta' dawk l-eletturi, li jsiru arranġamenti adegwati għall-votazzjoni meta wieħed jikkunsidra l-bżonnijiet speċjali ta' dawk l-eletturi u li ebda partit politiku ma jiġi li jkollu xi vantaġġ inġust.

(3) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tad-disposizzjonijiet ta' qabel, is-sotto-kumitat għandu jiżgura illi -

(*a*) jittieħdu passi immedjati sabiex għal xi żmien jitneħħew u jiġu sostitwiti membri tal-persunal li dwarhom ikun hemm suspett gravi ta' tentattiv li jinfluwenzaw lill-eletturi;

(*b*) isiru arranġamenti sabiex jiddaħħal u jitqassam sew materjal ta' propaganda u sabiex isir *canvassing* waqt il-ħinijiet ta' attendenza mill-barranin, minn kandidati u minn partiti politiċi li jkunu qegħdin jikkontestaw dak id-distrett elettorali;

(*ċ*) l-ilmenti li jsiru mill-partiti politiċi u, jew mill-kandidati jiġu nvestigati u, meta jkunu ġustifikati, rimedjati bil-għaġġla.

Dmirijiet ta' persuni responsabbli għat-tmexxija ta' Djar ta' l-Anzjani.

**82.** (1) Fi żmien tliet ijiem mill-pubblikazzjoni tar-*Writ* il-persuna responsabbli mit-tmexxija ta' dar ta' l-anzjani għandha tibgħat lis-sotto-kumitat:

(*a*) lista tal-persuni kollha residenti f'dik id-dar ta' l-anzjani, li fiha juru l-isem, in-numru tal-karta ta' l-identità, l-aħħar indirizz magħruf, l-età, in-numru tal-*ward*, l-isem u l-indirizz ta' l-eqreb qarib u jekk dik il-

persuna tkunx reġistrata bħala elettur fl-indirizz ta' dik id-dar ta' l-anzjani jew ta' x'imkien ieħor;

(*b*) lista tal-persunal kollu fid-dar ta' l-anzjani li turi l-isem, in-numru tal-karta ta' l-identità, l-indirizz, il-kariga u l-ħinijiet tax-xogħol sal-għada tal-jum stabbilit għall-votazzjoni.

(2) Meta s-sotto-kumitat jirċievi l-listi msemmija, dan għandu minnufih jagħti kopji ta' dawk il-listi lill-partiti politiċi.

(3) L-amministratur ta' kull dar ta' l-anzjani għandu jżomm dawk il-listi aġġornati u għandu minnufih jibgħat lis-sotto-kumitat kull emenda li ssir fihom. Is-sotto-kumitat għandu minnufih igħarraf lill-partiti politiċi b'dawk l-emendi.

(4) Kull membru tal-persunal fi djar ta' l-anzjani hu espressament projbit milli jieħu sehem u jagħmel propaganda għal xi partit jew kandidat politiku u jekk xi impjegat jikser id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu huwa jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, l-piena ta' interdizzjoni ġenerali għal perijodu ta' għaxar snin u d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-*Probation* u ta' l-artikolu 22 tal-Kodiċi Kriminali ma għandhomx japplikaw. Kap. 446. Kap. 9.

Votazzjoni fi Djar ta' l-Anzjani. *Emendat: XV. 1996.48.*

**83.** (1) Id-dokumenti għall-votazzjoni li jkunu reġistrati fi djar ta' l-anzjani għandhom jitqassmu lill-eletturi personalment. L-elettur jista' jagħżel li jikkonsenja d-dokument għall-votazzjoni liċ-*Chairperson* tas-sotto-kumitat sabiex jieħu ħsiebu fiż-żgur, u dak iċ-*Chairperson* għandu jikkonsenja lura d-dokument lill-elettur fil-jum stabbilit għall-votazzjoni jew f'dak il-jum li jiġi aktar qabel hekk kif l-elettur jista' jitlob li jsir.

(2) L-eletturi fi djar ta' l-anzjani għandu jkollhom l-għażla li jmorru fil-post tal-votazzjoni -

(*a*) mingħajr ma jkollhom l-assistenza ta' ebda persuna;

(*b*) bl-assistenza ta' membri tal-persunal;

(*ċ*) bl-assistenza ta' membri tal-familja tagħhom;

u s-sotto-kumitat ikun responsabbli li jara li titwettaq l-għażla partikulari ta' kull elettur. Is-sotto-kumitat għandu jara xi tkun l-għażla magħmula minn kull elettur kemm jista' jkun malajr wara l-kunsinna tad-dokumenti għall-votazzjoni lill-eletturi u għandu jgħarraf bil-miktub lid-delegati tal-partit b'dik l-għażla li kull elettur ikun għamel.

(3) Konsulent mediku li jkollu b'pazjent tiegħu xi elettur li jkun residenti f'xi sptar jew dar ta' l-anzjani jista', bil-ħruġ ta' ċertifikat mediku li jkun jgħid dan, jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għal kull periklu li jkun hemm għas-saħħa tal-pazjent tiegħu li kieku dan kellu jitħarrek minn postu sabiex imur jivvota. Dak iċ-ċertifikat, madankollu, ma għandu b'ebda mod jolqot il-jedd ta' dak l-elettur, jew ta' min jiġi l-eqreb minnu meta jkun il-każ, li ma jagħtix każ ta' l-avviż mediku u jiddeċiedi li jitfa' l-vot tiegħu.

(4) L-eletturi li jagħżlu li jkollhom l-assistenza tal-membri tal-persunal għandhom ikunu akkumpanjati minn membri tal-persunal magħżulin minn fost ġemgħa minnhom nominati f'numri indaqs

mill-partiti politiċi kollha. Il-partiti politiċi jkollhom id-dmir li jitolbu, u l-Kummissjoni jkollha d-dmir li tiżgura, illi jekk il-persunal ordinarju f'dawk id-djar ma jkunux biżżejjed għall-finijiet ta' dan l-artikolu għandhom jintbagħtu persuni oħra f'dawk id-djar għal dawk il-finijiet.

(5) Dawk l-eletturi li jagħżlu li jkunu akkumpanjati minn membri tal-persunal jew minn membri tal-familji tagħhom, minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, jiġu hekk akkumpanjati sal-bieb tal-kamra tal-votazzjoni relattiva.

(6) (*a*) Matul il-jum stabbilit għall-votazzjoni ħadd ma għandu jitħalla jidħol, mingħajr l-awtorità tal-Kummissjoni, fi djar ta' l-anzjani.

(*b*) Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (*a*) ma għandhomx ikunu japplikaw għall-membri tas-sotto-kumitat, membri tal-persunal u qraba ta' pazjenti li jkunu ġew awtorizzati minn qabel jakkumpanjaw lill-eletturi biex jivvotaw:

Iżda dawk il-qraba għandhom f'kull ħin jilbsu biljetti ta' identità li jinħarġulhom għaldaqshekk mill-Kummissjoni.

(7) Ħlief bl-awtorizzazzjoni speċjali tas-sotto-kumitat, ebda elettur f'dar ta' l-anzjani li jkun għażel li jivvota waħdu jew li jkun akkumpanjat minn membri tal-familja tiegħu ma jista' jittieħed sabiex jivvota minn membri tal-persunal.

Il-Kummissjoni Elettorali tgħid x'għandu jsir.

**84.** Is-sotto-kumitat maħtur skond l-artikolu 81 għandu jiffunzjona taħt id-direzzjoni ġenerali tal-Kummissjoni u jkun marbut li jwettaq id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.

## TAQSIMA XIII

### *Għadd tal-Poloz tal-Votazzjoni*

Bidu ta' l-għadd tal-poloz tal-votazzjoni. *Emendat: XV. 1996.49, 50.*

**85.** L-għadd tal-poloz tal-votazzjoni għandu jinżamm fl-imkien u fil-ħin stabbiliti fl-avviż imsemmi fl-artikolu 45(*d*) u għandu jitmexxa skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att. Il-klassifika tal-poloz tal-votazzjoni ma għandhiex tibda qabel ma jkunu twettqu l-proċeduri kollha stabbiliti fit-Taqsimiet XIII u XIV ta' dan l-Att u l-Kummissjoni tiddikjara li tkun sodisfatta li ma kienx hemm tbagħbis. Il-klassifika tal-poloz tal-votazzjoni kollha għandha tibda fl-istess ħin fid-distretti elettorali kollha.

Tbagħbis mal-kaxex tal-votazzjoni. *Emendat: XV. 1996.49, 51; XVI. 2002.19.*

**86.** (1) Il-partiti politiċi li jikkontestaw l-elezzjonijiet għandu jkollhom il-jedd li jinnominaw għadd suffiċjenti ta' aġenti, li jiġi stabbilit mill-Kummissjoni, sabiex jissorveljaw f'kull żmien id-dħul tal-kaxex tal-votazzjoni, dokumenti u pakketti li jsiru għand il-Kummissjoni mingħand l-Assistenti Kummissjonarji u l-ħażna tal-kaxex tal-votazzjoni msemmija, dokumenti u pakketti wara d-dħul tagħhom. Dawk l-aġenti għandhom minn hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-Att jissejħu "aġenti konsenjatarji".

(2) Id-delegati tal-partit, kandidati kif ukoll agenti konsenjatarji jkollhom il-jedd jissorveljaw id-dħul ta' kaxex tal-

votazzjoni għand il-Kummissjoni Elettorali mingħand l-Assistenti Kummissjonarji u sabiex jagħmlu l-ilmenti tagħhom dwar dan.

(3) Jekk xi Kummissjonarju jew xi delegat ta' partit, kandidat jew aġent konsenjatarju jivvanta li xi kaxxa tal-votazzjoni jew pakkett ikunu daħlu f'sura li tagħti lok għal suspett li setgħu tbagħbsu, il-Kummissjoni tordna li dik il-kaxxa jew dak il-pakkett għandhom jiġu trattati separatament mill-kaxex jew pakketti l-oħrajn, u ssejjaħ laqgħa ta' l-istess Kummissjoni minnufih; f'dik il-laqgħa l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tisma' dik ix-xiehda li tingħata bil-ġurament li tista' tqis meħtieġa.

(4) Meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li ma hemmx prova li tiġġustifika s-suspett li l-kaxxa jew il-pakkett ikunu tbagħbsu, id-deċizjoni tagħha tkun waħda finali u ma jista' isir ebda appell minnha.

(5) Kull ilment bħal dawk imsemmija fis-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu għandu jsir hekk kif il-kaxxa tal-votazzjoni jew il-pakkett jiġu konsenjati mill-Assistenti Kummissjonarji lill-Kummissjoni u għal dan il-għan il-Kummissjoni għandha tiżgura li d-delegati ta' partit, kandidati jew aġenti konsenjatarji jingħataw faċilitajiet xierqa sabiex jiflu b'attenzjoni l-kaxex tal-votazzjoni, id-dokumenti jew pakketti.

(6) Ikun id-dmir tal-Kummissjoni li tiżgura il-preċiżjoni matematika tal-konteġġ tal-poloz tal-votazzjoni u li dan jaqbel ma' l-għadd dikjarat tad-dokumenti għall-votazzjoni li jitreġġgħu lura mill-Assistenti Kummissjonarji. Partiti politiċi jkollhom il-jedd li jitolbu li l-Kummissjoni għandha għal dak il-għan tiftaħ xi pakketti li jkun fihom id-dokumenti għall-votazzjoni relattivi għal mhux iktar minn għaxra fil-mija tal-kaxex tal-votazzjoni kollha sabiex issir verifika materjali tal-preċiżazzjoni ta' dak id-dħul lura li jkun sar.

(7) Il-partiti politiċi għandhom jagħżlu l-kaxex tal-votazzjoni li dwarhom il-pakketti li jkun fihom id-dokumenti għall-votazzjoni għandhom jinfetħu filwaqt li ssir il-konsenja tal-kaxex tal-votazzjoni għand il-Kummissjoni u qabel il-ħażna tal-kaxex tal-votazzjoni.

(8) Hekk kif kull kaxxa tal-votazzjoni tiddaħħal u tintlaqa' mill-Kummissjoni skond dan l-artikolu, din għandha tittieħed ġewwa l-kamra maħsuba mill-Kummissjonarji għall-ħażna tal-kaxex tal-votazzjoni kollha skond l-artikolu 45. Il-kaxex tal-voti għandhom jiġu trasferiti minn dik il-kamra għal ġol-parti fejn jingħaddu l-poloz malli tasal l-ewwel kaxxa tal-votazzjoni bil-għan li jsir il-proċess ta' Rikonċiljazzjoni tar-Rendikont ta' Poloz tal-Votazzjoni msemmi fit-Taqsima li tmiss ta' dan l-Att.

(9) Hekk kif ikun prattiku wara li l-kaxex tal-votazzjoni kollha jkunu ddaħħlu u ntlaqgħu skond dan l-artikolu u qabel ma jibda l-proċess ta' klassifika, il-Kummissjoni Elettorali għandha tistqarr pubblikament x'kien l-għadd totali ta' poloz tal-votazzjoni li jkunu ġew dikjarati mitfugħin skond il-konteġġi tal-poloz tal-votazzjoni konsenjati mill-Assistenti Kummissjonarji kif ukoll l-għadd ta' poloz tal-votazzjoni f'kull kaxxa tal-votazzjoni kif joħrog mill-istess konteġġ.

(10) Il-Kummissjoni għandha żżomm sal-pubblikazzjoni tar-riżultat uffiċjali ta' l-ewwel elezzjoni li jkun imiss il-karti kollha li jingħatawlhom mill-Assistenti Kummissjonarji, kif ukoll il-poloz ta' votazzjoni mhux użati u d-dokumenti għall-votazzjoni, f'pakketti separati u siġillati li jkunu juru fuq kull pakkett minnhom ix-xorta tad-dokumenti ta' ġewwa l-pakkett, u d-distrett elettorali li jkollhom x'jaqsmu miegħu.

(11) Fuq kull pakkett bħal dak imsemmi fis-subartikolu ta' qabel, għandu jintgħamel is-siġill tal-Kummissjoni Elettorali u l-firma ta' mill-inqas żewġ Kummissjonarji, u ta' xi delegat ta' partit, kandidat jew aġent konsenjatarju li jistgħu jagħżlu li jiffirmaw.

Persuni li jgħoddu, li jissorveljaw u li jikkalkolaw.
*Emendat:*
*XV. 1996.49, 52;*
*XVI. 2002.20.*

**87.** (1) Il-Kummissjoni għandha taħtar għadd ta' persuni li jagħmluha ta' persuni li jgħoddu, li jissorveljaw u li jikkalkolaw sabiex igħinu lill-Kummissjoni fl-għadd u fit-trasferiment tal-poloz tal-votazzjoni li għandu jitwettaq taħt is-superviżjoni diretta tal-Kummissjoni.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 58(1) għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għall-kariga ta' persuna li tgħodd, tissorvelja jew tikkalkola l-istess kif japplikaw għall-kariga ta' Assistent Kummis-sjonarju.

(3) Lista ta' dawk il-persuni maħturin li jgħoddu, li jissorveljaw u li jikkalkolaw għandha tiġi pubblikata mill-Kummissjoni fil-Gazzetta, flimkien mal-lista ta' persuni maħturin bħala Assistenti Kummissjonarji u l-proċedura stabbilita għan-nomina minn partiti politiċi, u għall-oġġezzjonijiet dwar l-Assistenti Kummissjonarji għandha tapplika wkoll *mutatis mutandis* għal persuni li jissorveljaw u li jgħoddu.

(4) Għandhom jinħargu lil dawk il-persuni kollha li jgħoddu, li jissorveljaw u li jikkalkolaw, dokumenti ta' l-identità li jkunu juru d-dettalji bħal ma jintwerew fil-każ ta' aġenti ta' partit. Id-dokumenti ta' l-identità għandhom jintlibsu f'kull waqt mill-persuni li jgħoddu, jissorveljaw jew jikkalkolaw filwaqt li jkunu fiż-żona ta' l-imkien fejn ikun qiegħed isir l-għadd tal-poloz tal-votazzjoni.

(5) Il-persuni li jikkalkolaw għandhom jagħmlu dawk il-kalkoli matematiċi kollha li jkollhom x'jaqsmu ma' l-għadd tal-poloz tal-votazzjoni u l-Kummissjoni għandha tiżgura li l-persuni hekk magħżulin ikunu jafu jagħmlu kalkoli matematiċi sew.

(6) Il-persuni li jissorveljaw għandhom ikunu responsabbli għal għadd ta' persuni li jgħoddu u għandhom jissorveljaw il-ftuħ tal-kaxex tal-votazzjoni, il-klassifika u l-għadd ta' poloz tal-votazzjoni għal kull distrett elettorali. Il-Kummissjoni Elettorali għandha tiżgura li f'kull waqt matul l-għadd tal-voti ma jkunx hemm inqas minn żewg persuni li jissorveljaw għal kull distrett elettorali u li l-partiti politiċi jkunu rappreżentati b'mod xieraq fl-għażla ta' persuni li jagħmluha ta' persuni li jissorveljaw għal kull distrett elettorali.

(7) Il-persuni li jgħoddu għandhom jaħdmu taħt id-direzzjoni ta' persuni li jissorveljaw; huma għandhom materjalment

jikklassifikaw u jgħoddu l-poloz tal-votazzjoni. Il-Kummissjoni Elettorali għandha tiżgura li jkun hemm għadd biżżejjed ta' persuni li jgħoddu f'kull distrett elettorali sabiex jiżguraw li jkun hemm proċess ta' għadd mgħaġġel u effiċjenti u li l-partiti politiċi jkunu rappreżentati b'mod xieraq f'kull waqt matul l-għadd tal-poloz tal-votazzjoni fl-għażla ta' persuni li jagħmluha ta' persuni li jgħoddu f'kull distrett elettorali.

Il-Kummissjonarji jistgħu jaħtru persuni biex jgħinuhom fil-għadd tal-poloz tal-votazzjoni. *Emendat: XV. 1996.49.*

**88.** (1) Il-Kummissjoni tista' tawtorizza wieħed jew iżjed mill-membri tagħha jew persuna jew persuni oħra maħturin minnha, biex jagħmlu minflokha kull ħaġa li għandha x'taqsam mad-dħul u l-ħażna tal-kaxex tal-votazzjoni u ma' l-għadd u t-trasferiment tal-poloz tal-votazzjoni, u kull ħaġa magħmula bis-saħħa ta' dik l-awtorizzazzjoni titqies bħallikieku tkun saret mill-Kummissjoni.

(2) Il-Kummissjonarji jew wieħed jew iżjed minnhom għandhom jagħtu, lil kull persuna awtorizzata biex taġixxi minflok il-Kummissjoni taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, ġurament li taqdi bil-fedeltà d-dmirijiet li l-Kummissjonarji jkunu tawha.

Kandidati u Aġenti. *Emendat: XV. 1996.49, 53; XVI. 2002.21.*

**89.** (1) Sakemm dan l-Att ma jipprovdix xort'oħra, kandidati u aġenti ta' kandidati għandu jkollhom dħul ħieles fl-imkien fejn ikun qed isir l-għadd tal-poloz tal-votazzjoni, u fis-sala ta' l-għadd tal-poloz tal-votazzjoni, f'kull waqt.

(2) Kull partit politiku għandu barra minn hekk ikollu jedd jinnomina għadd ta' aġenti li jkun daqs għaxra iktar mid-doppju ta' l-għadd ta' kandidati preżentati minnu sabiex jikkontestaw l-elezzjoni u dawk l-aġenti għandhom f'kull waqt ikunu jistgħu jidħlu f'dak l-imkien u fis-sala ta' l-għadd tal-poloz tal-votazzjoni f'kull waqt. Dawk l-aġenti għandhom minn hawnhekk 'il quddiem f'dan l-Att jissejħu "aġenti għall-għadd".

Il-lista ta' dawk l-aġenti għandha tingħata lill-Kummissjoni mill-inqas wieħed u għoxrin jum qabel ma tibda l-votazzjoni; il-Kummissjoni għandha tinforma lill-partiti politiċi bl-aġenti kollha hekk nominati sabiex il-partiti politiċi msemmija jista' jkollhom opportunità li jressqu ilmenti quddiem il-Kummissjoni qabel ma din taċċettahom jew tiċħadhom; l-aġenti li jiġu hekk nominati għandhom ikunu ta' karattru tajjeb u li jiġu aċċettati mill-Kummissjoni.

Il-lista ta' dawk l-aġenti għandha, mill-inqas sebat ijiem qabel il-bidu tal-votazzjoni, tiġi pubblikata mill-Kummissjoni fil-Gazzetta tal-Gvern b'dan li turi l-isem, l-indirizz u n-numru tal-karta ta' l-identità ta' kull aġent u tal-partit li jkun qiegħed jagħmel in-nomina tiegħu.

Il-partiti politiċi li jkunu qegħdin jinnominaw lil dawk l-aġenti jistgħu sal-Ħamis qabel il-votazzjoni jissostitwixxu mhux iktar minn għaxra fil-mija mill-għadd ta' aġenti maħturin minn xi wieħed minnhom u l-proċedura stabbilita f'dan l-artikolu għandha tkun tapplika għan-nomina, l-oġġezzjoni u l-aċċettazzjoni ta' l-aġenti sostituti.

(3) Id-delegati ta' partit, kandidati u aġenti għall-għadd għandu jinħarġilhom dokument ta' l-identità li jkun juri d-dettalji meħtieġa għall-aġenti elettorali u dak id-dokument ta' l-identità għandu jintlibes f'kull waqt meta dawn il-persuni jidħlu u jkunu ġewwa l-imkien jew bini fejn ikunu qegħdin jingħaddu l-poloz tal-votazzjoni.

Id-dokumenti ta' identità għandhom jiġu stampati fuq karta b'element ta' sigurtà u għandhom ikunu jiddistingwu ċar bejn kull grupp ta' delegati u aġenti kif ukoll bejn delegati u aġenti nominati minn xi partit politiku u dawk nominati minn partiti politiċi oħra.

L-imkien fejn isir l-għadd tal-poloz tal-votazzjoni.
*Emendat: XV.1996.49, 54; XVI. 2002.22.*

**90.** Dwar l-imkien maħsub mill-Kummissjoni għall-għadd tal-poloz tal-votazzjoni l-Kummissjoni għandha tiżgura illi:

(*a*) it-toroq kollha li jwasslu għal dak l-imkien f'distanza ta' mill-inqas ħames mitt metru minnu għandhom ikunu magħluqin u kontrollati mill-Pulizija li għandhom iħallu jidħlu biss lil persuni awtorizzati u dan wara li jkunu aċċertaw ruħhom mill-identità tagħhom b'mod skrupluż għall-aħħar;

(*b*) id-dħul fl-imkien innifsu jew fil-perimetru tiegħu għandu jkun sorveljat kemm mill-Pulizija, mill-Kummissjoni kif ukoll mir-rappreżentati tal-partiti politiċi;

(*ċ*) għadd ta' kmamar kif jista' jkun meħtieġ, sew ġewwa jew kemm jista' jkun qrib il-bini li ġewwa fih tkun tinsab is-sala ta' l-għadd, għandhom ikunu provduti sabiex jiżguraw li jingħata rappurtaġġ sħiħ ta' l-istampa u tax-xandir ta' l-għadd u t-trasferiment ta' poloz tal-votazzjoni sakemm id-dħul f'dawk il-kmamar ikun f'kull waqt mgħasses mill-Pulizija li jħallu biss persunal tax-xandir u korrispondenti tal-ġurnali *bona fide* li jkunu qabel ġew akkreditati mill-Kummissjoni; il-Kummissjoni għandha l-jedd u d-dover li tassigura li l-persunal tax-xandir u l-korrispondenti tal-ġurnali akkreditati minnha jaqdu biss il-funzjoni professjonali tagħhom u fin-nuqqas il-Kummissjoni tikkanċella l-akkreditazzjoni lil min jonqos. Il-Kummissjoni għandha mhux aktar tard minn ħamest ijiem qabel jum il-votazzjoni, tagħti lid-delegati tal-partiti politiċi lista dettaljata tal-persunal kollu li jkun ġie akkreditat minnha sabiex iwettaq xi funzjoni fil-jiem ta' l-għadd tal-voti fl-imkien fejn isir l-għadd tal-voti;

(*d*) żona biswit is-sala ta' l-għadd tal-poloz tal-votazzjoni u li tkun imniffda magħha għandha tkun provduta għall-ħażna tal-kaxex tal-votazzjoni u li fil-waqt li l-kaxex ikunu maħżuna f'dik iż-żona dawn għandhom f'kull waqt ikunu jidhru mill-bnadi kollha tas-sala ta' l-għadd tal-poloz tal-votazzjoni u d-delegati tal-partiti w s-sostituti tagħhom ikollhom jedd ta' dħul f'dik iż-żona f'kull waqt;

(*e*) għadd ta' kmamar li kemm jista' jkun jinstabu qrib is-sala ta' l-għadd tal-poloz tal-votazzjoni għandhom jiġu provduti għal kull partit politiku li jkun qiegħed jikkontesta l-elezzjoni u għandhom jitgħammru b'dawk il-faċilitajiet li l-Kummissjoni tista' taħseb li jkunu xierqa wara li tkun ikkonsultat lill-partiti politiċi;

(*f*) fis-sala ta' l-għadd tal-poloz tal-votazzjoni nnifisha il-persuni li jgħoddu għandhom ikunu mifrudin mill-kandidati u mill-aġenti bi strixxa ta' materjal trasparenti li ma jinkisirx jew ta' dak il-materjal simili li jkun b'saħħtu u trasparenti ħlief għal mezz, inkluż kull apparat elettroniku xieraq, li jipprovdi komunikazzjoni ċara li tintuża sabiex wieħed jinstema' jitkellem minnha u li ħlief fil-każi espressament stabbiliti f'dan l-Att, id-dħul fiż-żona maħsuba mill-Kummissjoni għall-għadd tal-poloz tal-votazzjoni għandu jkun biss permess għal dawk il-kandidati u aġenti li jkollhom il-kunsens espress tal-Kummissjoni; b'dan li d-delegati tal-partiti u sitt sostituti tagħhom, li jkunu ġew nominati minn dawk id-delegati, għandu jkollhom dħul ħieles fiż-żona ta' l-għadd tal-poloz tal-votazzjoni f'kull waqt;

(*g*) l-għamla taż-żona ta' l-għadd tal-poloz tal-votazzjoni għandha tkun ta' dik is-sura li kemm jista' jkun il-proċess kollu ta' l-għadd tal-poloz tal-votazzjoni jkun jidher sew minn fejn jinstabu l-kandidati, aġenti u rappreżentanti tal-partiti politiċi;

(*h*) il-kmamar u l-kurituri kollha li ma jkunux qegħdin jintużaw għal xi għan maħsub mill-Kummissjoni jkunu imbarrati u kull żona li twassal lejhom tingħalaq;

(*i*) jiġu provduti biżżejjed faċilitajiet sussidjarji għal kull qtugħ ta' servizzi mogħtija, b'mod speċjali dak tad-dawl u elettriku;

(*j*) li jkun hemm sigurtà stretta f'kull waqt fl-imkien innifsu u madwaru, li d-dħul fih ikun ristrett biss għal persuni awtorizzati u li ebda strument li jweġġa' jew joqtol, jew strumenti li jistgħu jintużaw biex iweġġgħu jew joqtlu, ma jiddaħħlu fil-bini;

(*k*) mill-inqas tletin jum qabel ma tibda l-votazzjoni l-Kummissjonarji għandhom juru lid-delegati ta' partit kif ikunu bi ħsiebhom jallokaw u jifirdu ż-żoni differenti ta' l-imkien imsemmi u għandhom iqisu suġġerimenti li jsirulhom mid-delegati msemmija f'dan ir-rigward;

(*l*) minkejja kull ħaġ'oħra li tinsab f'dan l-Att, id-delegati ta' partit u s-sostituti tagħhom, għandhom f'kull waqt ikollhom kull dħul f'kull zona ta' l-imkien inkluża kull żona ristretta bil-għan li jiżguraw li d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ikunu qegħdin jitwettqu.

Rappurtaġġ tax-xandir.
*Emendat: XV. 1996.49.*

**91.** Il-Kummissjoni għandha tiżgura li sakemm ikun prattikabbli għandu jingħata rappurtaġġ tax-xandir sħiħ u kostanti ta' l-għadd u trasferiment tal-poloz tal-votazzjoni u għal dan il-għan għandha tippermetti lil persunal tax-xandir *bona fide* li jidħol f'dak l-imkien bl-apparat meħtieġ tagħhom.

Ħatra ta' persuni biex jiżguraw it-tmexxija sew tal-bini, eċċ.
*Sostitwit: XV. 1996.55.*

**92.** (1) Il-Kummissjoni għandha taħtar lil dawk il-persuni li tqis li jkunu adatti sabiex jiżguraw it-tmexxija u l-manutenzjoni sew tal-bini stabbilit għall-ħażna tal-kaxex tal- voti u għall-għadd tal-voti u lista ta' dawn il-persuni għandha tintbagħat lill-partiti politiċi mill-inqas sitt ijiem qabel il-votazzjoni.

Ċirkostanzi straordinarji.

(2) F'ċirkostanzi straordinarji, il-Kummissjoni għandha tħalli jidħlu fil-bini stabbilit għall-ħażna tal-kaxex tal-voti u għall-għadd tal-poloz tal-votazzjoni kull persuna oħra li tqis meħtieġa b'dan illi f'ebda każ ma għandha tħalli li jidħol il-pubbliku in ġenerali.

Biljetti ta' identità.

(3) Ħlief għall-uffiċjali tal-Pulizija u għall-membri tal-Forzi Armati ta' Malta, kull min jitħalla jidħol fil-bini stabbilit għall-ħażna tal-kaxex tal-voti u għall-għadd tal-poloz tal-votazzjoni għandu jingħata mill-Kummissjoni biljett ta' identità li jkun juri d-dettalji meħtieġa dwar l-aġent għall-għadd u għandu jilbes dak il-biljett ta' identità f'kull waqt meta jkun ġewwa dak il-bini jew fil-viċinanzi tiegħu.

Ilmenti lill-Kummissjonarji.
*Emendat: XV. 1996.56; XVI. 2002.23.*

**93.** Minkejja kull ħaġ'oħra li tinsab f'dan l-Att, il-kandidati u l-aġenti għall-għadd għandhom f'kull waqt jedd li jkellmu lill-Kummissjonarji bil-għan li jressqu l-ilmenti tagħhom f'isimhom proprju jew f'isem il-partit rappreżentat minnhom.

Tmexxija ta' l-imkien fejn isir l-għadd tal-poloz tal-votazzjoni.
*Emendat: XV. 1996.49.*

**94.** Il-Kummissjoni għandha tkun l-uniku korp li jkun responsabbli għat-tmexxija ta' l-imkien fejn ikollu jsir l-għadd u t-trasferiment tal-poloz tal-votazzjoni u jkollha l-jedd li tagħti dawk l-ordnijiet li jkunu meħtieġa għaż-żamma ta' l-ordni u s-sigurtà f'dak l-imkien.

## TAQSIMA XIV

### *Rikonċiljazzjoni tar-Rendikont ta' Poloz tal-Votazzjoni*

Rikonċiljazzjoni tar-rendikont ta' poloz tal-votazzjoni.
*Sostitwit: XV. 1996.57. Emendat: XVI. 2002.24.*

**95.** Minnufih wara li l-kaxex tal-voti jibdew jiġu depożitati fil-kamra stabbilita mill- Kummissjoni għall-ħażna tal-kaxex tal-voti skond ma hemm fl-artikolu 45, il-Kummissjoni għandha minnufih tgħaddi biex tirrikonċilja r-Rendikont ta' Poloz tal-Votazzjoni ta' kull kaxxa konsenjata mill-Assistenti Kummissjonarji ma' l-għadd attwali ta' poloz tal-votazzjoni li jkunu jinsabu f'dik il-kaxxa u għal dak l-għan għandhom jirrilaxxjaw minn dik il-kamra (minnufih wara li jaslu fiha sakemm ma tinħoloqx konfużjoni fuq l-imwejjed fejn isir l-għadd) il-kaxex tal-voti sabiex jittieħdu fuq l-imwejjed fejn isir l-għadd ta' kull distrett elettorali relattiv bil-għan li ssir dik ir-rikonċiljazzjoni.

Ġarr tal-kaxex tal-votazzjoni minn *strong room.*

**96.** (1) Qabel ma jsir il-ġarr ta' kull kaxxa tal-votazzjoni mill-kamra stabbilita mill-Kummissjoni sabiex fiha jitqegħdu l-kaxex tal-votazzjoni kollha skond l-artikolu 45, id-delegati ta' partit jew is-sostituti tagħhom għandu jkollhom il-jedd li jeżaminaw is-siġilli magħmulin fuq kull kaxxa tal-votazzjoni.

(2) Kull ilment li jsir mid-delegati ta' partit jew mis-sostituti tagħhom dwar is-sħubija ta' dawk is-siġilli għandu jiġi eżaminat mill-Kummissjoni li d-deċiżjoni tagħha fuq din il-ħaġa tkun waħda konklussiva u mhux suġġetta għal ebda appell.

Ftuħ ta' kull kaxxa tal-votazzjoni. *Emendat: XV. 1996.58.*

**97.** Il-Kummissjoni tista' tordna li jinfetħu flimkien f'kull distrett elettorali dak l-għadd ta' kaxex tal-votazzjoni li trid sakemm jittieħdu prekawzjonijiet adegwati sabiex jiġi żgurat li l-poloz tal-votazzjoni li jinħarġu minn kaxex tal-votazzjoni differenti jibqgħu mifrudin u qabel il-ftuħ ta' kull kaxxa tal-votazzjoni l-Kummissjoni għandha tieħu ħsieb li r-rendikont ta' poloz tal-votazzjoni għal dik il-kaxxa tal-votazzjoni jkun twaħħal b'dak il-mod li kemm il-kandidati u l-aġenti jkunu jistgħu jarawh sew u l-Kummissjoni għandha turi lill-kandidati u lill-aġenti s-siġilli fuq il-kaxxa tal-votazzjoni sabiex huma jkunu jistgħu jaċċertaw ruħhom li dawk is-siġilli jkunu sħaħ u mhux mimsusin.

Oġġezzjonijiet dwar il-ftuħ ta' kaxxa tal-votazzjoni.

**98.** Kull delegat ta' partit, kandidat jew aġent jista', qabel ma tinfetaħ il-kaxxa tal-votazzjoni, jagħmel ilment fejn jallega li s-siġilli tal-kaxxa jkunu tbagħbsu. Meta ssir oġġezzjoni bħal dik, il-kaxxa ma għandhiex tinfetaħ sakemm il-Kummissjoni Elettorali, wara li tikkonsulta d-delegati ta' partit jew is-sostituti tagħhom, tkun tat dawk id-direttivi u adottat dawk il-miżuri li tista' tqis li jkunu meħtieġa.

Verifika tar-rendikont ta' poloz tal-votazzjoni. *Emendat: XV. 1996.59.*

**99.** Meta ma jsirux oġġezzjonijiet u meta l-Kummissjoni tagħti direttiva bis-saħħa ta' l-artikolu ta' qabel dan ta' dan l-Att, il-kaxxa tal-votazzjoni għandha tinfetaħ u l-għadd ta' poloz tal-votazzjoni misjubin fiha għandhom jingħaddu, wiċċhom l-isfel, sabiex jiġi aċċertat li l-għadd tal-poloz tal-votazzjoni f'dik il-kaxxa tal-votazzjoni jkun jikkorrispondi mar-rendikont ta' poloz tal-votazzjoni.

Għadd ta' poloz tal-votazzjoni li ma jaqbilx mar-rendikont.

**100.** Il-Kummissjoni għandha titgħarraf meta l-poloz tal-votazzjoni fil-kaxxa tal-votazzjoni ma jkunux jaqblu mar-rendikont ta' poloz tal-votazzjoni, u l-Kummissjoni għandha, wara konsultazzjoni mad-delegati ta' partit, jew is-sostituti tagħhom, tagħti dawk id-direttivi kif tista' tqis xierqa u d-deċiżjoni tagħha tkun waħda konklussiva.

Qbil fl-għadd tal-poloz tal-votazzjoni mar-rendikont. *Emendat: XV. 1996.60.*

**101.** Meta l-poloz tal-votazzjoni fil-kaxxa tal-votazzjoni ikun jaqbel mar-rendikont ta' poloz tal-votazzjoni, il-poloz tal-votazzjoni għandhom jitqegħdu flimkien u klassifikati f'garżella li tkun turi n-numru tal-kaxxa tal-votazzjoni. Il-garżella u l-poloz tal-votazzjoni għandhom ikunu jidhru f'kull waqt mill-partiti, kandidati u aġenti. Il-poloz tal-votazzjoni f'kull garżella għandhom jitqegħdu f'pakketti ta' ħamsin polza kull wieħed b'dan illi kull polza li tifdal titqiegħed fil-qiegħ tal-mazz u l-persuna li tissorvelja għandha tiżgura li kull pakkett jingħadd sabiex tiġi verifikata l-eżattezza tiegħu minn iktar minn persuna waħda li jgħoddu.

Għandhom jinfetħu il-kaxex tal-votazzjoni kollha.

**102.** Il-proċess imsemmi fl-artikoli 95 sa 101 għandu jittenna sakemm il-kaxex tal-votazzjoni kollha jkunu nfetħu sabiex jiġi aċċertat li l-poloz tal-votazzjoni f'kull kaxxa tal-votazzjoni jkunu jaqblu mar-rendikont ta' poloz tal-votazzjoni relattiv għal dik il-kaxxa.

Poloz tal-votazzjoni ta' distretti oħra.

**103.** (*Imħassar bl-Att XVI.2002.25*).

Għadd ta' voti mitfugħin.

**104.** (1) Wara li l-kaxex tal-votazzjoni kollha tad-distretti elettorali kollha jkunu nfetħu u ġew rikonċiljati mar-rendikont ta' poloz tal-votazzjoni relattiv, il-Kummissjoni Elettorali għandha, qabel ma tgħaddi biex tikklassifika l-voti, tiddikjara xi jkun l-għadd kollu ta' voti mitfugħin u t-tqassim tagħhom skond kull kaxxa tal-votazzjoni u kull distrett elettorali.

(2) Il-Kummissjoni Elettorali għandha tieħu ħsieb li l-poloz f'kull distrett elettorali li jkunu jappartjenu għal distretti oħra għandhom jiġu trasferiti fid-distretti fejn proprjament ikunu jappartjenu.

(3) Il-Kummissjoni Elettorali għandha tħabbar l-għadd totali ta' voti ta' kull distrett elettorali li tkun qiegħda tittrasferixxi kif maqsumin skond id-distrett elettorali li tkun qiegħda tittrasferihom fih.

(4) Il-ġarr materjali tal-poloz minn distrett għall-ieħor għandu jsir jew mill-Kummissjonarji jew mill-persuni li jissorveljaw u b'dak il-mod li ma jagħtix lok għal konfużjoni.

## TAQSIMA XV

### *Klassifika tal-Voti, Elezzjonijiet Każwali u b'Għażla*

Klassifika tal-poloz tal-votazzjoni, elezzjonijiet każwali u b'għażla.

**105.** (1) Il-poloz tal-votazzjoni għandhom jiġu klassifikati skond dawk ir-regolamenti li l-Prim Ministru jista' jagħmel minn żmien għal żmien.

(2) Regolamenti li jsiru skond dan l-artikolu għandhom ukoll jirregolaw l-elezzjonijiet każwali u l-elezzjoni b'għażla ta' membri biex jimlew vaganzi li jinħolqu fost id-deputati tal-Kamra.

(3) Regolamenti magħmulin skond is-subartikolu (1) ma għandhomx jidħlu fls-seħħ sakemm u sa meta l-Kamra tad-Deputati ma tirrisolvix dwar dan b'riżoluzzjoni. Avviż ta' l-approvazzjoni ta' dik ir-riżoluzzjoni għandu jiġi pubblikat fil-Gazzetta mill-Iskrivan tal-Kamra.

(4) Ir-regolamenti li jinsabu fit-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandhom, sa dak iż-żmien meta jsiru regolamenti skond is-subartikoli (1) sa (3), jirregolaw il-klassifika tal-poloz tal-votazzjoni, elezzjonijiet każwali u b'għażla ta' membri biex jimlew il-vakanzi li jinħolqu fost id-deputati tal-Kamra.

## TAQSIMA XVI

### *Pubblikazzjoni ta' Riżultati*

Pubblikazzjoni tar-riżultat ta' l-elezzjoni u tad-dettalji ta' l-għadd.

**106.** (1) Il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard mill-ġurnata tax-xogħol ta' wara dik li fiha jiġi magħruf ir-riżultat ta' l-għadd tal-voti, tippubblika dikjarazzjoni li jkun fiha l-ismijiet tal-kandidati eletti u l-partikolaritajiet l-oħra li l-Kummissjoni Elettorali tista' tqis xieraq.

(2) Il-Kummissjoni għandha tiddepożita d-dikjarazzjoni hawn fuq imsemmija għand l-Iskrivan tal-Kamra u għandhom jieħdu l-ħsieb li kopja ta' dik id-dikjarazzjoni tiġi mingħajr dewmien maħruġa fil-Gazzetta.

(3) Kull kundidat li l-isem tiegħu jiġi ppubblikat fil-Gazzetta skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 54(1) jew li jiġi ddikjarat elett skond id-disposiz-zjonijiet ta' dan l-artikolu jitqies li hu Membru tal-Kamra.

(4) Il-Kummissjoni għandha tippubblika fil-Gazzetta mhux iktar tard minn sebat ijiem wara tmiem il-għadd, dikjarazzjoni tar-riżultat ta' l-elezzjoni li tkun tinkludi notamenti dwar l-għadd sħiħ ta' voti mitfugħin sew fuq livell nazzjonali u subdiviża skond il-kmamar tal-votazzjoni, l-għadd sħih ta' voti validi u invalidi, l-għadd sħiħ ta' voti akkreditati lil partit politiku, il-kwota għal kull distrett elettorali, notament u r-riżultat f'kull stadju ta' xi trasferiment ta' voti bejn partiti politiċi, l-ewwel preferenza akkreditat lil kull kandidat, kull trasferiment ta' voti magħmul, u ta' l-għadd sħiħ ta' voti akkreditat lil kull kandidat wara kull trasferiment, u kull tagħrif ieħor li l-Kummissjoni Elettorali tista' tqis meħtieġa. Dik id-dikjarazzjoni għandu jkollha dik l-għamla li l-Kummissjoni Elettorali tista' tistabbilixxi bħala li faċilment tagħti dak it-tagħrif kollu li jista' jenħtieġ mill-pubbliku.

(5) Fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni tar-riżultati uffiċjali ta' l-elezzjoni l-Kummissjoni Elettorali għandha tippubblika rapport li jkun jispjega fid-dettall x'passi jkunu ittieħdu minnhom sabiex iwettqu d-diversi dmirijiet tagħhom li joħorġu minn dan l-Att, sabiex jagħtu kull statistika rilevanti li għandha x'taqsam ma' l-elezzjoni magħduda l-pubblikazzjoni ta' kull statistika dwar eletturi eliġibbli, l-istampar u t-tqassim ta' dokumenti għall-votazzjoni u poloz tal-votazzjoni, l-għadd ta' eletturi f'kull post tal-votazzjoni, kull tagħrif jew għadd magħmul mill-Assistenti Kummissjonarji u ħwejjeġ oħra bħal dawn, u sabiex jagħmlu dawk is-suġġerimenti li jistgħu jidhrulhom xierqa li jagħmlu.

Konservazzjoni ta' dokumenti.
*Emendat: XV. 1996.61; XVI. 2002.26.*

**107.** (1) Il-Kummissjoni għandha tikkonserva sa meta jiġi ippubblikat ir-riżultat uffiċjali ta' l-elezzjoni ġdida li jkun imiss, il-poloz kollha ta' kull distrett elettorali f'pakketti għalihom u siġillati skond kif ġej:

(*a*) il-poloz imħassra;

(*b*) il-poloz li ma jiswewx;

(*ċ*) il-poloz tal-pakkett ta' kull kandidat elett u ta' kull wieħed mill-kandidati li ma ġiex elett u li l-poloz tiegħu baqgħu ma għaddewx fuq ħaddieħor;

(*d*) il-poloz kollha mhux trasferibbli li ma nżammewx fil-pakkett ta' kandidat elett.

(2) Il-Kummissjonarji għandhom jiktbu fuq kull pakkett x'poloz hemm fih u d-data ta' l-elezzjoni u n-numru tad-distrett elettorali li fih tkun saret dik l-elezzjoni.

(3) Il-Kummissjoni għandha, barra minn dan, tikkonserva u żżomm sa l-istess żmien, għal kull distrett elettorali, kopja tad-

dikjarazzjoni tar-riżultat tal-votazzjoni u tad-dokumenti kollha li jixhdu x-xogħol li jkun sar fit-trasferiment tal-voti kollha żejda.

(4) Id-delegati ta' partit, kandidati u aġenti għall-għadd għandhom il-jedd iwaħħlu s-siġilli tagħhom fuq dawk il-pakketti u jiffirmaw fuqhom.

Il-qorti tista' tordna li jitneħħew is-siġilli.

**108.** Il-Qorti Kostituzzjonali, li quddiemha tinġieb kwistjoni dwar il-jedd ta' persuna biex tkun jew tibqa' Membru elettiv tal-Kamra tad-Deputati, u kull qorti li quddiemha jinbdew proċeduri skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jistgħu jordnaw il-ftuħ tal-pakketti msemmijin fl-artikolu 78(1) u fl-artikolu 107 u li jinġieb wieħed jew iżjed mid-dokumenti li jkunu jinsabu fihom taħt dawk il-kondizzjonijiet u prekawzjonijiet li jkunu meħtieġa biex jinżamm is-sigriet tal-votazzjoni kompatibbilment ma' l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja.

Kandidati eletti f'żewġ distretti.

**109.** (1) Kull min f'elezzjoni jiġi elett membru għal żewġ distretti, għandu b'kitba iffirmata minnu u kkunsinnata lill-Iskrivan tal-Kamra meta jidher jew qabel ma jidher biex jieħu l-ġurament jew jagħmel l-affermazzjoni kif stabbilit fl-artikolu 68 tal-Kostituzzjoni, jiddikjara liema miż-żewġ distretti huwa jagħżel li jirrappreżenta.

(2) Hekk kif persuna, li tkun telgħet għal żewġ distretti tiddikjara liema miż-żewġ distretti tagħżel li tirrappreżenta, dik il-persuna titqies li ħalliet battal fil-post tagħha fid-distrett l-ieħor.

## TAQSIMA XVII

### *Disposizzjonijiet Penali*

Piena għal min jagħti informazzjoni falza.
*Emendat: XVI. 2002.27; A.L. 425 ta' l-2007.*

**110.** Kull min xjentement jagħmel jew jiffirma dikjaraz-zjoni falza jew xort'oħra jagħti informazzjoni falza dwar ir-reġistrazzjoni, trasferiment jew tħassir ta' xi elettur ikun ħati ta' reat kontra dan l-Att, u meta jinsab hekk ħati, jeħel il-piena tal-priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn xahar jew multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) jew il-priġunerija u l-multa flimkien.

Piena għal imġieba ħażina f'post ta' votazzjoni, eċċ.
*Emendat: XVI. 2002.28; A.L. 425 ta' l-2007.*

**111.** Kull min iġib ruħu ħażin f'post ta' votazzjoni u kull min jikser xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 66 jew 67 ta' dan l-Att u kull min jieħu sehem f'xi *meeting* pubbliku jew dimostrazzjoni pubblika li jsiru bi ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u kull min ma jobdix l-ordni leġittimu ta' l-Assistenti Kummissjonarji jew ta' awtorità leġittima oħra dwar elezzjoni, jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94).

Piena għal reati dwar formuli tan-nomina, eċċ.
*Emendat: XV. 1996.62; A.L. 425 ta' l-2007.*

**112.** (1) Kull min -

(*a*) jiffalsifika jew b'qerq jisfigura jew b'qerq jiddistruġġi formula ta' nomina jew jikkunsinna lill-Kummis-sjonarju formula ta' nomina li jkun jaf illi hija iffalsifikata; jew

(*b*) jiffalsifika jew jimita jew b'qerq jisfigura jew b'qerq

jiddistruġġi xi dokument għall-votazzjoni jew polza ta' votazzjoni jew it-timbru uffiċjali fuq polza ta' votazzjoni; jew

(*ċ*) mingħajr l-awtorizzazzjoni meħtieġa jagħti dokument għall-votazzjoni jew polza ta' votazzjoni lil xi persuna; jew

(*d*) jiffalsifika jew jimita jew ikun fil-pussess illeġittimu ta' boll jew siġill użat mill-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali jew mill-Kummissjonarji Elettorali jew mill-Assistenti Kummisjonarji; jew

(*e*) ikun fil-pussess illeġittimu ta' xi dokument għall-votazzjoni jew ta' polza ta' votazzjoni; jew

(*f*) b'qerq iqiegħed fil-kaxxa tal-votazzjoni xi ħaġa oħra ħlief il-polza tal-votazzjoni li huwa awtorizzat skond il-liġi li jitfa' ġewwa fiha; jew

(*g*) b'qerq joħroġ polza ta' votazzjoni mill-post tal-votazzjoni; jew

(*h*) mingħajr l-awtorizzazzjoni meħtieġa, jiddistruġġi, jieħu, jiftaħ jew xort'oħra jmiss kaxxa tal-votazzjoni jew pakkett tal-poloz tal-votazzjoni li f'dak il-waqt ikunu jiġu wżati għall-elezzjoni; jew

(*i*) jaċċetta dokument għall-votazzjoni, sew jekk dan ikun jappartjeni lilu jew lil xi persuna oħra, meta huwa jkun jaf li hu jew il-persuna l-oħra li lilha jkun jappartjeni d-dokument għall-votazzjoni jkunu tilfu l-jedd li jivvotaw; jew

(*j*) jivvota mentri jkun jaf li tilef il-jedd tiegħu li jivvota,

hu ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, multa ta' mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Kull min igħin jew iħajjar biex isir reat taħt dan l-artikolu jew jittenta jagħmel dak ir-reat jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għar-reat.

Piena għal min jikser is-sigriet dwar kif wieħed jivvota.
*Emendat: XVI. 2002.29; A.L. 425 ta' l-2007.*

**113.** Kull Assistent Kummissjonarju illi jgħid kif elettur ikun ivvota meta huwa jkun sar jaf kif dak l-elettur ivvotta fil-kors ta' l-esekuzzjoni tad-dmirijiet tiegħu taħt dan l-Att, hu ħati ta' reat, u jeħel, meta jiġi hekk misjub ħati, multa ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Projbizzjoni ta' attivitajiet li jistgħu jinfluwenzaw lill-eletturi.
*Emendat: A.L. 425 ta' l-2007.*

**114.** (1) Matul il-jum li fih tkun qed issir elezzjoni ta' Membri għall-Kamra u matul il-jum li jiġi minnufih qabel elezzjoni bħal dik, ħadd ma jista' jindirizza xi *meeting* pubbliku jew xi ġemgħa oħra tkun xi tkun f'xi post jew bini li fih ikun jista' jidħol il-pubbliku, jew fuq il-mezzi tax-xandir, dwar xi ħaġa maħsuba biex, jew li x'aktarx, tinfluwenza lill-eletturi fl-eżerċizzju tal-jedd tal-vot, jew jippubblika jew iġiegħel li tiġi pubblikata xi gazzetta, stampat jew mezz ieħor ta' komunikazzjoni lill-pubbliku li jkun

fihom xi ħaġa kif intqal qabel, jew joħroġ jew iġiegħel li toħroġ xi stqarrija jew dikjarazzjoni dwar xi ħaġa kif intqal qabel, jew xjentement iqassam xi gazzetta, stampat jew mezz ieħor ta' komunikazzjoni, jew xi stqarrija jew dikjarazzjoni kif intqal qabel, u kull min jikser xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Kull min igħin jew iħajjar l-egħmil ta' reat kontra dan l-artikolu jew jipprova jagħmel xi reat bħal dak, jeħel, meta jinsab ħati, l-piena provduta għar-reat.

Qrati kompetenti.

**115.** (1) Il-kwistjonijiet kollha dwar il-jedd ta' persuna li tkun jew li tibqa' Membru tal-Kamra għandhom jinġiebu quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u jiġu deċizi minn din il-qorti.

(2) Kull proċediment kriminali taħt dan l-att jinġieb quddiem il-Qrati tal-Maġistrati u bla ħsara għad-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, igħoddu għal dawn il-proċedimenti d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali.

Kap. 9.

Kap. 446.

(3) Minkejja kull ħaġa li tinsab fl-Att dwar il-*Probation*, persuna li tagħmel xi reat taħt dan l-Att għandha tinstab ħatja u tiġi kundannata dwar dak ir-reat u ma tistax titqiegħed taħt *probation* jew tiġi meħlusa taħt dak l-Att.

(4) Kull deċiżjoni tal-Qrati tal-Maġistrati dwar reat taħt dan l-Att, tista', fil-każijiet kollha, tiġi appellata mill-Avukat Ġenerali u mill-parti misjuba ħatja.

Projbizzjoni ta' wiri ta' kartelluni, eċċ.
*Emendat: XV.1996.63; Emendat: A.L. 425 ta' l-2007.*

**116.** (1) Ħlief kif provdut fis-subartikolu (2) ebda persuna ma tista', f'xi żmien bil-ħsieb jew minħabba li tkun waslet elezzjoni, turi jew iġġiegħel li jintwera f'xi post pubbliku, jew f'xi post fejn fih jista' jidħol il-pubbliku jew li jkun jidher minn xi post pubbliku, xi avviż, kartellun jew reklam ieħor li hu maħsub biex jinfluwenza jew li x'aktarx jinfluwenza lill-eletturi fil-votazzjoni tagħhom, jew tikteb jew tagħmel jew iġġiegħel li jinkiteb jew li jsiru fuq xi ħajt jew post ieħor li jkun jidher minn post pubbliku xi kelma jew sinjal maħsub biex jinfluwenza jew li x'aktarx jinfluwenza lill-eletturi fil-votazzjoni tagħhom.

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma japplikawx għal xi avviż, kartellun jew reklam ieħor li:

(*a*) ikun milbus jew jinġarr minn xi persuna; jew

(*b*) li jintwera fud in-naħa ta' ġewwa ta' bini privat ukoll jekk dan ikun jidher minn post pubbliku;

(*ċ*) ikun fuq *billboard* debitament awtorizzat; u

(*d*) ikun fuq *streamer* debitament awtorizzat.

(3) Kull persuna li tmur kontra xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu teħel meta tinsab ħatja dwar kull reat multa ta' mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur, u dwar it-tieni reat jew reat ieħor wara, dik il-

multa u priġunerija flimkien.

(4) Ikun id-dmir tal-Pulizija li tneħħi jew xort'oħra tikkanċella jew tħassar kull ħaġa għall-wiri, miktuba jew magħmula bi ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1).

TAQSIMA XVIII

*Riserva u Tħassir*

**117.** Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan l-Att li biha d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tiġi stabbilita bħala waħda finali u/jew li minnha ma jista' jsir ebda appell, dik id-disposizzjoni ma għandhiex teskludi applikazzjoni quddiem il-Qorti Kostituzzjonali minn persuna li taġixxi biex tħassar elezzjoni, sew f'xi distrett wieħed biss jew fid-distretti kollha. Jedd ta' azzjoni quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

**118.** Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni, l-Ordinanza Elettorali dwar il-Jedd tal-Vot, il-Metodu ta' l-Elezzjoni u r-Reġistrazzjoni ta' l-Eletturi, u l-Ordinanza Elettorali dwar il-Votazzjoni, ħlief għall-artikoli 41 sa 62, liema artikoli huma riprodotti fl-Erbatax-il Skeda għal dan l-Att, huma b'dan imħassrin. Tħassir. Kap. 249. Kap. 99. Kap. 102.

TAQSIMA XIX

*Riserva dwar il-Jedd ta' Partiti Politiċi*

**119.** Meta ma jitwettqux minn xi partit politiku, delegat, kandidat, aġent jew minn xi persuna nominata għall-ħatra minn partit politiku, xi jedd, setgħa jew privileġġ mogħtijin b'dan l-Att, dan ma għandux minnu nnifsu jinvalida xi azzjoni jew proċedura li dwarha l-jedd, setgħa jew privileġġ ikun ingħata b'dan l-Att. Meta ċerti jeddijiet ma jitwettqux.

## L-EWWEL SKEDA

(Artikolu 8)

*Formula ta' Ġurament ta' Kariga li jieħdu l-Kummissjonarji Elettorali*

Jien, ,*naħlef/niddikjara solennement li nagħmel bil-fedeltà d-dmirijiet ta' *Kummissjonarju Elettorali Prinċipali/Kummissjonarju Elettorali biex immexxi l-elezzjoni tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati skond il-ligi. (Hekk Alla jgħini).

*Ħassar kif meħtieġ.

IT-TIENI SKEDA

(Artikolu 21)

*Formula ta' Applikazzjoni għal Reġistrazzjoni bħala Eletttur*

Lill-Kummissjoni Elettorali, il-Belt Valletta, Malta.

Kunjom ...................................... Nru. tal-Karta ta' Identità ...............................

Isem ...........................................................................................................

Post tat-twelid ..........................................................................................

Data tat-twelid ..........................................................................................

Isem il-belt jew raħal ..............................................................................

Triq u numru tal-post ..............................................................................

Isem u kunjom ta' missier l-applikant ...................................................

Post tat-twelid tiegħu ................................... Nazzjonalità * ...............................

* *(jekk missier l-applikant ikun mejjet, agħti n-nazzjonalità tiegħu fi żmien mewtu)*

Isem u kunjom xbubit omm l-applikant ................................................

Post tat-twelid tagħha ................................... Nazzjonalità ** .............................

***(jekk omm l-applikant tkun mejta, agħti n-nazzjonalità tagħha fi żmien mewtha)*

Jiena hawnhekk napplika biex inkun reġistrat bħala elettur għal .................. (1) distrett elettorali skond l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali biex inkun reġistrat bħala elettur għall-elezzjoni tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati.

Data .......................................................

.......................................................

Firma jew marka ta' l-applikant

(1) Daħħal in-numru tad-distrett elettorali.

GĦALL-UŻU UFFIĊJALI BISS

Rimarki

Vtd. ......................................

Chd. ......................................

## IT-TIELET SKEDA

(Artikolu 23)

*Formula dwar Tibdiliet jew Trasferiment ta' Fejn Wieħed Joqgħod*

Lill-Kummissjoni Elettorali:

Jien (1) .................................. Nru. tal-Karta ta' Identità ...................... li dari kont noqgħod f'(2) ..........................................................................., hawnhekk ngħarraf illi mort noqgħod f'(3)..........................................................................

Data .............................. .................................................................

(4) Firma jew marka ta' min japplika

.....................................................................

Firma u Numru tal-Karta ta' Identità tax-xhud

Fejn joqgħod ix-xhud ...........................................................................................

(1) Isem u kunjom (kif ukoll il-laqam, jekk wieħed ikollu).

(2) L-indirizz ta' qabel kif jidher fir-Reġistru Elettorali.

(3) L-indirizz ta' issa.

(4) Jekk min jagħmel it-talba ma jafx jikteb, min jimlielu l-formula għandu jiffirma u jikteb l-indirizz tiegħu sħiħ u Numru tal-Karta ta' Identità taħt is-sinjal ta' min jagħmel it-talba.

---

## IR-RABA' SKEDA

(Artikolu 23)

*Formula ta' Applikazzjoni għall-Korrezzjoni ta' Isem jew Indirizz*

Lill-Kummissjoni Elettorali:

Ismi (u/jew l-indirizz tiegħi*) li jidher fir-Reġistru Elettorali taħt (1) ................................................ tniżżel ħażin u għalhekk nitlob sabiex ismi (u/jew l-indirizz tiegħi*) jiġi korrett kif ġej, (2) ....................................................................

Data .................................. .......................................................................

(3) Firma jew marka ta' min japplika

.......................................................................

Firma u Numru tal-Karta ta' Identità tax-xhud

Fejn joqgħod ix-xhud ............................................................................................

(*) Il-kelmiet li ma jgħoddux għall-każ għandhom jitħassru.

(1) Post u indirizz sħiħ kif jidher fuq ir-Reġistru Elettorali.

(2) Il-korrezzjoni li wieħed irid li ssir.

(3) Jekk min japplika ma jkunx jista' jikteb, min jimlielu l-formula għandu jiffirma jew għandha tiffirma u jagħti jew tagħti l-indirizz sħiħ tiegħu jew tagħha u Numru tal-Karta ta' Identità taħt il-marka li jagħmel min japplika.

IL-ĦAMES SKEDA

(Artikolu 23)

*Applikazzjoni minn Eletturi Nisa għall-Korrezzjoni tal-Kunjom u l-Indirizz Wara Żwieġ*

Lill-Kummissjoni Elettorali:

Billi (1) f' .................................. iżżewwġit lil (2) .................................................

Nru. tal-Karta ta' Identità ................. jien (3) .............................. Nru. tal-Karta ta'

Identità ........................ li qabel kont noqgħod (4) ...................................................

.................................................... u rreġistrata bħala elettura b'dak l-indirizz, nitlob

li kunjomi (u/jew l-indirizz*) issa jkunu hekk (5) ....................................................

..............................................................................................................................

Data .........................................      ......................................................................

(6) Firma jew marka ta' min japplika

......................................................................

Firma u Numru tal-Karta ta' Identità tax-xhud

Fejn joqgħod ix-xhud ..................................................................................................

(*) Il-kelmiet li ma jgħoddux għall-każ għandhom jitħassru.

(1) Data taż-żwieġ.

(2) Isem, kunjom sħiħ u Numru tal-Karta ta' Identità ta' żewġ min japplika.

(3) Kunjom xbubit (laqam ukoll, jekk ikollha) u Numru tal-Karta ta' Identità ta' min japplika.

(4) Indirizz kif jidher fir-Reġistru Elettorali.

(5) Indirizz ta' issa.

(6) Jekk min japplika ma jkunx jista' jikteb, min jimlielu l-formula għandu jiffirma u jagħti jew tagħti l-indirizz sħiħ tiegħu jew tagħha u n-Numru tal-Karta ta' Identità taħt il-marka li jagħmel min japplika.

## IS-SITT SKEDA

(Artikolu 44)

*Formula ta'* Writ *maħruġ mill-President ta' Malta lill-Kummissjonarji Elettorali*

Lil

Kummissjonarji Elettorali maħtura biex imexxu l-elezzjoni ta' Membri tal-Kamra tad-Deputati.

Billi għandha ssir elezzjoni ta' Membri tal-Kamra tad-Deputati għad-distrett elettorali;

B'dan intom inkarigati sabiex tieħdu ħsieb li ssir elezzjoni ta' Membri tal-Kamra tad-Deputati skond il-liġi.

Mogħti mill-Palazz tal-Belt Valletta, fil-Gżira ta' Malta,

illum ta' 19

PRESIDENT

## IS-SEBA' SKEDA

(Artikolu 46)

*Formula ta' Dokument għall-Votazzjoni*


**BIEX TIVVOTA**

RITRATT

NUMRU TAL-KARTA
TA' L-IDENTITÀ

ISEM U INDIRIZZ

TWELID

SESS

Fejn Tivvota

DISTRETT ELETTORALI (Numru)

Nru. ta'
Reġistrazzjoni

**KUMMISSJONARJU ELETTORALI**

*Sostitwita: XV. 1996.64.*

# IT-TMIEN SKEDA
(Artikolu 49)

*Formula tal-Polza*

| **Għadd ta' Deputati li għandhom jiġu eletti ............ Distrett ............** | | |
|---|---|---|
| **Isem tal-Kandidati** | ***Badge* tal-Kandidat** | **Immarka skond il-preferenzi li tagħti** |
| **PARTIT TAL-FJURI** | | |
| **JONES,** (John Jones, of 52, Old Bakery Street, Valletta, Merchant) | | |
| **MAGRO,** (William David Magro, of 10, Tower Road, Sliema, Painter) | | |
| **MIFSUD,** (Joseph Mifsud, of 16, Victoria Avenue, Sliema, Labourer) | | |
| **MUSCAT,** (Francesco Muscat, of 1, St. Paul's Street, Żabbar, Driver) | | |
| **VELLA,** (James Vella, of 5, Republic Street, St. Julians, Architect) | | |
| **WILLIAMS,** (Francis Williams, of 85, Genuis Street, Żurrieq, Chemist) | | |
| **PARTIT TAL-GĦASFUR** | | |
| **AZZOPARDI,** (Spiro Azzopardi, of 13, Marina Street, Żejtun, Printer) | | |
| **BORG,** (Assuero Borg, of 69, Barbara Street, Mellieħa, Clerk) | | |
| **CASSAR,** (Lela Cassar, of "Dolores", Main Street, Cospicua, Housewife) | | |
| **MIZZI,** (Glormu Mizzi, of 70, Two Gates Street, Lija, Lawyer) | | |
| **ZARB,** (Fortunat Zarb, of 15, Strait Street, Luqa, Clerk) | | |
| **PARTIT TAS-SIĠAR** | | |
| **AZZOPARDI,** (Reginald Azzopardi, of 165, St. Domenic Street, Qormi, Clerk) | | |
| **ZAMMIT,** (Lawrence Zammit, of "Josdor", 188, Bwieraq Street, Ħamrun, Chemist) | | |
| **KANDIDATI INDIPENDENTI** | | |
| **BUHAGIAR,** (Louis Buhagiar, of 55, Republic Street, Żabbar, Merchant) | | |
| **GALEA,** (Ninu Galea, of 67, B'Kara Lane, Qrendi, Worker) | | |

IT-TMIEN SKEDA B
[Artikolu 68(3)]

**REGOLI LI FUQHOM JISTA' JIMXI L-ELETTUR META JIVVOTA**

1. Ivvota billi tikteb in-numru 1 ħdejn l-isem tal-kanditat li inti tixtieq tarah elett l-ewwel wieħed.

2. Inti mitlub (u tajjeb tagħmlu) sabiex tikteb in-numru 2 ħdejn l-isem tat-tieni għażla tiegħek (jew tat-tieni preferenza) u tikteb in-numru 3 ħdejn l-isem tat-tielet għażla tiegħek (jew tat-tielet preferenza) u hekk tibqa' tikteb in-numri ta' wara, skond il-preferenza li tagħti lil wieħed fuq l-ieħor.

3. Hija ħaġa tajba li inti tibqa' timmarka bin-numri dawk il-kandidati skond il-preferenza li trid tagħti lil wieħed fuq l-ieħor, sakemm tasal għall-isem ta' dawk il-kandidati li ma jinteressawkx.

4. Jekk fuq il-polza tiegħek ma tiktibx in-numru 1 , jew tikteb in-numru 1 ħdejn iżjed minn isem wieħed jew jekk tikteb in-numru 1 (li juri l-ewwel preferenza) u miegħu xi numru ieħor ħdejn l-istess isem, jew jekk tikteb in-numru 1 ħdejn l-isem ta' iktar minn kanditat wieħed, il-polza tiegħek ma tkunx tiswa u ma tingħaddx.
5. Timmarkax il-vot tiegħek bis-sinjal X.

6. Jekk bi żball għarraqt il-polza tiegħek inti tkun tista' terġa' tagħtiha lura lill-Assistent Kummissjonarju, illi, jekk jara li inti ħadt dan l-iżball mingħajr ma ridt, jerga' jagħtik polza oħra.

## ID-DISA’ SKEDA

(Artikolu 51)

*Formula tan-Nomina*

Lill-Kummissjoni Elettorali.

Aħna, hawn taħt iffirmati, billi aħna eletturi li għandna l-jedd li nivvotaw f’elezzjoni ta’ Membri tal-Kamra tad-Deputati, u billi aħna irreġistrati fir-reġistru elettorali għall- (1) Distrett Elettorali, ninnominaw (2) bħala kandidat għad-distrett, hawn fuq imsemmi, u f’isem (3)

Jien, (2) li noqgħod nagħti l-kunsens tiegħi għan-nomina hawn fuq imsemmija.

Data

Firma tal-kandidat (jew tar-rappreżentant tiegħu legittimu, skond il-każ)

(1) In-numru tad-distrett.

(2) Isem, kunjom u Numru tal-Karta ta’ Identità u indirizz tal-persuna nominata u x’tagħmel.

(3) Isem il-partit politiku.

L-GĦAXAR SKEDA

(Artikolu 56)

*Formula tal-Ġurament li jittieħed mill-Assistenti Kummissjonarji Elettorali*

Jien , Assistent Kummissjonarju Elettorali maħtur biex nissorvelja l-votazzjoni fl-elezzjoni ta' Membri tal-Kamra tad-Deputati naħlef/niddikjara solennement li nagħmel bil-fedeltà d-dmirijiet ta' din il-kariga skond id-disposizzjonijiet tal-liġi, u li għandi ngħarraf b'ittra indirizzata lill-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati kull irregolarità li nara waqt li tkun miexja l-elezzjoni.

Jien ukoll naħlef/niddikjara solennement li nżomm is-sigriet dwar il-vot mogħti minn kull elettur li nista' nkun naf bih. (Hekk Alla jgħini).

Data ......................................    Firma .....................................................

Numru tal-Karta
ta' Identità .............................................

IL-ĦDAX-IL SKEDA

(Artikolu 70)

*Formula ta' Ġurament li Assistent Kummissjonarju jista' jagħti lil Elettur*

Jien, (1) li noqgħod (2) naħlef/niddikjara solennement illi jien l-istess persuna li isimha jidher bħala A.B. fir-Reġistru Elettorali u li jien għadni ma ivvutajt la hawnhekk u lanqas band'oħra f'din l-elezzjoni ta' Membri tal-Kamra tad-Deputati. (Hekk Alla jgħini).

Data

Firma jew marka ta' l-elettur

Maħluf/Dikjarat solennement quddiemi llum

Firma ta' l-Assistent Kummissjonarju

Elettorali

(1) L-isem sħiħ

(2) L-indirizz u Numru tal-Karta ta' Identità ta' l-elettur

*Emendata:*
*A.L. 425 ta' l-2007.*

# IT-TNAX-IL SKEDA

(Artikolu 118)

(Artikolu 50, Kap. 102, ara l-Erbatax-il Skeda)

*Rapport ta' l-Ispejjeż ta' l-Elezzjoni*

1. Fil-kolonna tad-dħul għandu jkun hemm l-isem u d-deskrizzjoni ta' kull persuna (kompriż il-kandidat), każin, soċjetà jew assoċjazzjoni li minn għandhom daħlu flus, garanziji jew ekwivalent ta' flus, għall-ispejjeż li jsiru għall-elezzjoni, jew li jkollhom x'jaqsmu ma' l-elezzjoni jew inċidentali għall-elezzjoni, u l-ammont li jkun daħal minn għand kull persuna, każin, soċjetà jew assoċjazzjoni separatament.

2. Fil-kolonna ta' l-ispejjez għandhom jitniżżlu:

(*a*) l-ispejjeż personali tal-kandidat magħmulin jew imħallsin mill-kandidat jew mill-aġent elettorali tiegħu;

(*b*) l-isem u r-rata, u l-ammont kollu tal-ħlas ta' kull persuna impjegata bħala aġent (kompriż l-aġent elettorali), skrivan jew messaġġier;

(*ċ*) l-ispejjeż tat-traġitti u l-ispejjeż l-oħra kollha magħmulin mill-kandidat jew mill-aġent elettorali tiegħu akkont ta' aġenti (kompriż l-aġent elettorali), skrivani, jew messaġġieri;

(*d*) l-ispejjeż tat-traġitti ta' persuni, sew jekk imħallsin b'salarju jew le, li saru għall-kandidatura u sew jekk ikunu ġew imħallsin jew magħmulin mill-kandidat, mill-aġent elettorali tiegħu jew mill-persuna li tagħmel dak it traġitt;

(*e*) l-ispejjeż li tħallsu jew li saru, għal:

(i) stampa;

(ii) avviżi;

(iii) kartolerija;

(iv) pustaġġ;

(v) telegrammi;

(vi) kiri ta' kmamar għal *meetings* jew għal kumitati;

(*f*) spejjeż oħra diversi, li tħallsu jew li saru.

Nota:

(1) Għandhom jitniżżlu l-ispejjez kollha li jkunu saru dwar il-kandidatura sew jekk ikunu ġew imħallsa mill-kandidat, mill-aġent elettorali tiegħu jew minn persuni oħra, jew li jkunu għadhom m'humiex imħallsa fid-data tar-rapport.

(2) Għall-partiti kollha ta' iżjed minn tmienja u ħamsin ċenteżmu ħlief fil-każijiet (bħal pustaġġ) li għalihom ma tingħatax irċevuta, mar-rapport għandhom jiġu mdaħħla l-kontijiet.

(3) Is-somom kollha ta' flus imħallsa bla ma jkun hemm riċevuta tagħhom, għandhom jitniżżlu ħaġa b'ħaġa bid-data tal-ħlas.

(4) Is-somom kollha ta' flus li ma jkunux tħallsu għandhom jitniżżlu f'lista għaliha.

FORMULA TA' DIKJARAZZJONI LI SSIR MINN AĠENT ELETTORALI

Billi jiena aġent elettorali għa , kandidat għall-elezzjoni distrett elettorali, b'din naħlef/niddikjara solennement li dan ir-rapport ta' hawn fuq ta' spejjeż elettorali huwa veru sa fejn naf u nifhem jien, u li, barra mill-ispejjeż li huma mniżżlin fih, ma saru ebda xorta ta' spejjeż, sa fejn naf u nifhem jien, li għandhom x'jaqsmu mal-kandidatura jew għall-kandidatura ta' .

Aġent Elettorali.

Maħlufa/Dikjarata solennement quddiemi.

Maġistrat/Kummisjonarju b'setgħa
li jagħti Ġurament

FORMULA TA' DIKJARAZZJONI LI SSIR MINN KANDIDAT

Jien kandidat għa distrett elettorali, naħlef/niddikjara solennement li r-rapport ta' spejjeż elettorali ta' hawn fuq huwa veru sa fejn naf u nifhem jien, u illi, barra mill-ispejjeż li huma mniżżlin fih, ma saru ebda xorta ta' spejjeż sa fejn naf u nifhem jien li għandhom x'jaqsmu mal-kandidatura jew għall-kandidatura tiegħi.

Kandidat

Maħlufa/Dikjarata solennement quddiemi

Maġistrat/Kummissjonarju b'setgħa
li jagħti Ġurament

*Emendata: XV.1996.65; A.L. 178 ta' l-1996; XXI. 2007.7.*

## IT-TLETTAX-IL SKEDA

(Artikolu 105)

*Regolamenti ta' l-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Klassifika tal-Poloz tal-Votazzjoni, Elezzjonijiet Każwali u b'Għażla)*

### Taqsima I

*Preliminari*

Titolu.

**1.** Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (klassifika tal-Poloz tal-Votazzjoni, Elezzjonijiet Każwali u b'Għażla).

Tifsir. *Emendat: A.L. 178 ta' l-1996.*

**2.** F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

(1) Il-kelma "kandidat ta' wara" tfisser kandidat mhux elett u mhux eskluż mill-votazzjoni.

(2) Il-kelma "l-ewwel preferenza" tfisser in-numru "1" miktub waħdu ħdejn l-isem ta' kandidat; il-kelma "it-tieni preferenza" tfisser in-numru "2" miktub waħdu ħdejn l-isem ta' kandidat u l-kelma "it-tielet preferenza" tfisser in-numru "3" miktub waħdu ħdejn l-isem ta' kandidat, u hekk għall-bqija.

(3) Il-kelma "il-preferenza ta' wara" tfisser it-tieni jew preferenza ta' wara li tkun skond in-numri ta' wara xulxin favur il-kandidat ta' wara, u mingħajr ma jiġu ikkalkulati dawk il-preferenzi ta' wara miktubin fuq il-polza favur il-kandidati li jkunu diġà ġew eletti jew li jkunu esklużi mill-għadd tal-voti.

(4) Il-kelma "polza trasferibbli" tfisser polza li fuqha, wara l-ewwel preferenza, tinkiteb it-tieni jew preferenza ta' wara skond in-numri ta' wara xulxin għal kandidat ta' wara.

(5) Il-kelma "polza mhux trasferibbli" tfisser polza li fuqha ma jkun hemm imniżżla favur kandidat ta' wara ebda preferenza tat-tieni numru jew numri ta' wara:

Iżda l-polza ma tibqax iżjed trasferibbli, kemm-il darba:

(*a*) l-ismijiet ta' żewġ kandidati jew iżjed (sew jekk ikunu jew ma jkunux minn ta' wara) huma immarkati bl-istess numru u jaħbtu wara, skond l-ordni tal-preferenza; jew

(*b*) l-isem tal-kandidat ta' wara, skond l-ordni tal-preferenza (sew jekk ikun jew ma jkunx minn ta' wara) hu immarkat:

(i) b'numru li ma jiġix wara dak ta' xi numru ieħor miktub fuq il-polza; jew

(ii) b'żewġ numri jew iżjed; jew

(*ċ*) għal xi raġuni oħra li għaliha ma tistax taqta' sewwa għal liema wieħed mill-kandidati l-oħra ingħatat il-preferenza li baqgħet wara.

(6) Il-kelmiet "vot oriġinali" għal dak li hu kandidat, ifissru

vot li ġej minn polza li fuqha ingħatat lil dak il-kandidat l-ewwel preferenza.

(7) Il-kelmiet "vot trasferit" jew "vot imgħoddi minn fuq kandidat ieħor" għal dak li hu kandidat, ifissru vot li hu ġej minn polza li fuqha ingħatat lil dak il-kandidat it-tieni preferenza jew dik ta' warajha.

(8) Il-kelmiet "iż-żejjed" jew "voti żejda" ifissru n-numru ta' voti li bihom in-numru kollu ta' voti, sew oriġinali kemm trasferiti, mogħti lil kandidat ikun 'il fuq minn dak tal-kwota.

(9) Il-kelma "għadd" tfisser:

(*a*) ix-xogħol kollu li jsir fil-għadd ta' l-ewweI preferenzi mogħtijin favur il-kandidati; jew

(*b*) ix-xogħol kollu li jsir fit-trasferiment tal-voti żejda ta' kandidat elett; jew

(*ċ*) ix-xogħol kollu li jsir fit-trasferiment tal-voti ta' kandidat jew ta' żewġ kandidati jew iżjed esklużi flimkien mill-votazzjoni.

TAQSIMA II

*Klassifika tal-voti*

**3.** F'Elezzjoni Ġenerali, wara l-istadju imsemmi fit-Taqsima XIV ta' l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, il-Kummissjoni għandha tordna li l-poloz tal-votazzjoni jiġu klassifikati f'pakketti skond l-ewwel preferenza tagħhom kif tkun ġiet reġistrata għal kull kandidat, filwaqt li jiġu skartati dawk il-voti li jkunu invalidi. Klassifika ta' poloz tal-votazzjoni.

**4.** Il-klassifika tal-poloz tal-votazzjoni imsemmija fl-artikolu ta' qabel għandha ssir b'dan il-mod li ġej: Kif issir il-klassifika.

(1) il-persuna li tissorvelja kull mejda fejn isir l-għadd għandu jieħu l-ogħla mazz ta' poloz tal-votazzjoni minn kull garżella u, b'mod li jkun jidher sew mill-kandidati u mill-aġenti, iqiegħed il-mazz fuq xkaffa sabiex jgħaddihom lill-persuni li jgħoddu;

(2) meta jkun ittieħed pakkett poloz tal-votazzjoni minn kull garżella u tqiegħed fuq l-ixkaffa kif provdut fis-subartikolu ta' qabel ta' dan l-artikolu, il-persuna li tissorvelja għandha tgħaddi lil kull persuna li tgħodd pakkett wieħed kull darba sabiex il-poloz tal-votazzjoni jistgħu jiġu klassifikati;

(3) il-persuni li jgħoddu għandhom jiftħu kull pakkett li jkun fih il-poloz tal-votazzjoni u jivverifika jekk kull polza tkunx waħda valida jew invalida;

(4) jekk il-persuni li jgħoddu jiddeċiedu li hemm possibiltà illi, għal xi raġuni li toħroġ mill-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, polza tal-votazzjoni tista' tkun invalida, jew jekk ikun hemm xi kandidat jew aġent li għall-istess raġuni jgħid l-istess ħaġa, il-persuna li tgħodd għandha tqiegħed dik il-polza tal-votazzjoni f'kontenitur markat bil-kelma "Dubbjużi";

(5) jekk il-polza tal-votazzjoni titqies li tkun valida il-persuna li tgħodd għandha tqiegħed il-polza tal-votazzjoni f'kontenitur li

jkun hemm għal kull kandidat li jkun ingħatalu l-ewwel preferenza fuq dik il-polza tal-votazzjoni.

Tkomplija tal-proċess ta' klassifika.
*Emendat: XV.1996.65.*

**5.** (1) Meta persuna li tgħodd tkun hekk ħelset mill-pakkett ta' poloz tal-votazzjoni imsemmi fir-regolament ta' qabel, hija għandha tingħata pakkett ieħor x'tikklassifika bl-istess mod u tibqa' sejra hekk sakemm il-pakketti kollha fuq l-ixkaffa jkunu ingħaddu.

(2) Meta l-pakketti kollha ta' fuq l-ixkaffa jkunu ingħaddu, il-persuna li tissorvelja għandha tieħu l-ogħla pakkett ta' poloz tal-votazzjoni li jkun imiss minn kull garżella filwaqt li ttenni l-proċess ta' klassifika imsemmi fir-regolament 4 u fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament u tibqa' sejra hekk sakemm il-poloz tal-votazzjoni kollha ikunu, ftit ftit, tneħħew mill-garżelli, tqegħdu fuq l-ixkaffa, u ġew klassifikati.

Voti dubbjużi.

**6.** (1) Kull meta l-persuna li tissorvelja li tkun inkarigata mill-klassifika tal-voti ta' distrett elettorali taqtagħha li fil-kontenitur markat "Dubbjużi" jkun hemm għadd biżżejjed ta' poloz tal-votazzjoni, hija għandha ssejjaħ lil wieħed mill-Kummissjonarji Elettorali sabiex jiġbor dawk il-poloz.

(2) Il-poloz tal-votazzjoni dubbjużi jistgħu jitneħħew biss mill-kontenitur mill-Kummissjonarju Elettorali li jeħodhom fuq il-mejda tal-Kummissjoni Elettorali personalment.

(3) Il-Kummissjoni Elettorali, jew dak l-għadd ta' membri tagħha li ma jkunx inqas minn tlieta, għandhom, wara li jisimgħu l-ilmenti tad-delegati ta' partit, jew tas-sostituti tagħhom dwar kull polza, jaqtgħuha jekk polza tkunx valida jew invalida, u jekk jaqtgħuha li tkun invalida huma għandhom jittimbraw dik il-polza bħala tali fuq il-wiċċ tagħha.

(4) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Elettorali f'dan ir-rigward għandha tkun waħda konklussiva u mhux suġġetta għal ebda appell.

(5) Ġaladarba l-poloz tal-votazzjoni dubbjużi kollha jkunu ġew dikjarati validi jew invalidi mill-Kummissjoni Elettorali, dawn għandhom jitreġġgħu lura lejn id-distrett elettorali tagħhom proprju minn Kummissjonarju Elettorali li jgħaddihom lil persuna li tissorvelja dak id-distrett.

(6) Il-persuna li tissorvelja għandha tieħu ħsieb li l-poloz tal-votazzjoni invalidi jitqegħdu f'kontenitur markat "Invalidi" filwaqt li l-poloz tal-votazzjoni validi għandhom jiġu klassifikati skond ir-regolamenti ta' qabel.

Għadd tal-poloz.
*Emendat: XV.1996.65.*

**7.** (1) Il-Kummissjoni għandha mbagħad tgħodd in-numru tal-poloz fil-kontenitur ta' kull kandidat, u tagħti lil kull kandidat numru ta' voti li jkun jaqbel man-numru tal-poloz validi li fuqhom ingħatat l-ewwel preferenza lil dak il-kandidat, u għandha tiżgura ruħha min-numru kollu tal-poloz validi f'dak id-distrett.

(2) Fl-għadd tan-numru tal-poloz imqegħdin fil-kontenitur ta' kull kandidat, il-persuna li tissorvelja għandha tordna li dawk il-poloz jinġabru f'mazzi ta' ħamsin polza kull wieħed u li kull mazz mill-inqas jingħadd minn żewġ persuni li jgħoddu.

(3) Il-Kummissjoni Elettorali tista' tordna illi fl-istess distrett

elettorali jingħaddu l-poloz fl-istess ħin ta’ aktar minn kandidat wieħed sakemm huma jiżguraw li l-poloz tal-votazzjoni li jappartjenu lil kandidati differenti jinżammu mifrudin.

(4) Fi tmiem l-għadd f’distrett elettorali partikolari l-Kummissjoni għandha tiddikjara xi jkun l-għadd totali ta’ poloz tal-votazzjoni validi f’dak id-distrett u xi jkun l-għadd totali ta’ voti validi akkreditati lil kull kandidat f’dak id-distrett elettorali.

Kif issib il-kwota.

**8.** Il-Kummissjoni għandha mbagħad tiddividi n-numru kollu tal-poloz validi f’kull distrett b’numru ta’ wieħed ’l fuq minn dak tal-postijiet battala li għandhom jimtlew. In-numru li joħroġ, miżjud b’wieħed, (mingħajr ma tiġi ikkalkulata l-frazzjoni li tibqa’) ikun in-numru ta’ voti li jinħtieġu biex kandidat jiġi elett. Dan in-numru f’dawn ir-regolamenti hu msejjaħ il-"kwota".

Il-kandidat li jġib il-kwota jiġi elett.

**9.** Jekk, wara li jingħaddu l-voti li kandidat iġib, jinsab illi dan in-numru ta’ voti jlaħħaq il-kwota jew jaqbeż il-kwota, dan il-kandidat ikun b’daqshekk elett.

Trasferiment taż-żejjed ta’ voti. *Emendat: XV.1996.65.*

**10.** (1) Jekk, wara li jingħaddu l-voti, jinsab illi n-numru ta’ voti mogħtijin lil kandidat hu akbar mill-kwota, iż-żejjed imur, skond ma hu meħtieġ minn dan ir-regolament, fuq il-kandidati l-oħra li lilhom ingħataw il-preferenzi ta’ wara li jkun hemm immarkati fuq il-poloz tal-mazz tal-kandidat li ġie elett f’dak il-għadd.

Liema voti żejda għandhom jitqassmu l-ewwel.

(2) Iż-żejjed ta’ voti li jkun hemm f’kull għadd ta’ voti għandu jitqassam qabel dak iż-żejjed li jkun hemm fil-għadd ta’ wara.

(3) Jekk fl-istess għadd ikun hemm iktar minn kandidat wieħed li jġib numru ta’ voti żejda, l-ewwel ma għandu jitqassam dak iż-żejjed ta’ voti li hu l-akbar.

Meta l-voti żejda jkunu ndaqs.

(4) Jekk żewġ kandidati jew iżjed ikollhom kull wieħed, fl-istess għadd, numru ta’ voti żejda ndaqs, għandu l-ewwel jitqassam iż-żejjed ta’ dak il-kandidat li jkun ġieb l-akbar numru ta’ voti fl-ewwel għadd li fih dawn il-kandidati ma kellhomx numru ta’ voti ndaqs. Kemm-il darba in-numru ta’ voti miġjubin minn dawn il-kandidati ikun indaqs f’kull għadd li jkun sar, il-Kummissjoni taqta’ bix-xorti liema mill-voti żejda għandhom jitqassmu l-ewwel.

Meta l-kandidat hu elett bil-voti ewlenin biss.

(5) (*a*) Jekk il-voti mogħtija lil kandidat li ġie elett ikunu voti ewlenin biss, il-Kummissjoni għandha teżamina l-poloz kollha tal-mazz tal-kandidat li ġie elett illi iż-żejjed tiegħu għandu jmur fuq il-kandidati l-oħra.

Meta l-kandidat hu elett bil-voti ewlenin u b’dawk li marru fuqu.

(*b*) Jekk il-voti mogħtijin lil kandidat li ġie elett ikunu voti ewlenin u voti li marru fuqu, jew huma biss voti li marru fuqu, il-Kummissjoni għandha teżamina l-poloz ta’ l-aħħar mazz, li ngħataw lill-kandidat elett u li ż-żejjed tiegħu għandu jmur fuq il-kandidati l-oħra.

Għażla u taqsim ta’ poloz skond il-preferenza li jkun hemm wara.

(*ċ*) F’kull wieħed minn dawn iż-żewġ każijiet, il-Kummissjoni għandha tagħżel u tqassam il-poloz trasferibbli f’mazzi ġodda skond il-preferenza li jkun hemm mogħtija wara, immarkata fuq dawn il-poloz; jagħmlu mazz għalih ta’ dawk il-poloz li mhumiex trasferibbli u jaraw kemm hemm poloz f’kull mazz

ġdid ta' poloz trasferibbli u kemm hemm poloz fil-mazz ġdid ta' poloz li mhumiex trasferibbli.

Jekk in-numru ta' poloz trasferibbli hu ndaqs jew inqas mill-voti żejda.

(6) Jekk in-numru kollu ta' poloz fil-mazzi ġodda ta' poloz trasferibbli mhux akbar minn dak tal-voti żejda, il-Kummissjoni għandha tgħaddi l-mazz kollu ġdid tal-poloz trasferibbli lill-kandidat ta' wara li fihom ikollu immarkat in-numru tal-preferenza ta' wara mogħtija mill-eletturi, u dawk il-poloz, li mhumiex trasferibbli u li ma jinħtiġux għall-kwota tal-kandidat magħżul, għandhom jitwarrbu f'mazz għalihom. Dawn il-poloz speċjali li jitwarrbu għalihom ikunu dawk il-poloz li fl-aħħar jitqiegħdu fil-mazz ġdid ta' poloz li ma jkunux trasferibbli.

Jekk in-numru ta' poloz trasferibbli jkun 'l fuq miż-żejjed ta' voti isir it-trasferiment proporzjonali.

(7) (*a*) Jekk in-numru kollu ta' poloz trasferibbli jkun akbar mill-voti żejda, il-Kummissjoni minn kull mazz ġdid ta' poloz trasferibbli għandha, lill-kandidati li jibqa' bil-jedd tal-preferenza ta' wara mogħtija mill-eletturi, tgħaddilu dak in-numru ta' poloz bl-istess proporzjon man-numru ta' poloz fil-mazz ġdid, li kien hemm bejn in-numru ta' voti żejda u n-numru kollu tal-poloz trasferibbli.

Kif issib in-numru ta' poloz li għandhom jinxeħtu fuq il-kandidati l-oħra.

(*b*) In-numru tal-poloz li minn kull mazz ġdid għandhom igħaddu għal fuq kandidati oħra jinsab billi timmoltiplika in-numru tal-poloz li jkun hemm fil-mazz ġdid bin-numru ta' voti żejda u tiddividi r-riżultat bin-numru kollu ta' poloz trasferibbli. Għandha tinżamm nota tal-partijiet deċimali (sa erba' figuri deċimali), li jibqgħu, ta' kull numru ta' poloz li b'hekk jinsab.

Trasferiment tal-partijiet deċimali (sa erba' figuri deċimali).

(*ċ*) Jekk minħabba dawn il-partijiet deċimali (sa erba' figuri deċimali), in-numru tal-poloz li għandhom igħaddu għal fuq il-kandidati l-oħra jkun inqas miż-żejjed ta' voti, għandhom jingħaddu bħala numru sħiħ dawk il-partijiet deċimali (sa erba' figuri deċimali), li meħudin wieħed wara l-ieħor, skond liema minnhom hu l-akbar, tibda mill-akbar wieħed, ikun meħtieġ biex bihom iġġib in-numru kollu ta' poloz li għandhom igħaddu għal fuq il-kandidat jew kandidati l-oħra, numru li jkun jaqbel ma' dak tal-voti żejda, mingħajr ma tagħti każ tal-partijiet deċimali (sa erba' figuri deċimali) l-oħra li jibqgħu.

Meta l-partijiet deċimali (sa erba' figuri deċimali) huma ndaqs.

(*d*) Jekk żewġ partijiet deċimali (sa erba' figuri deċimali) jew iżjed huma ta' kobor wieħed, għandha titqies li hija l-akbar waħda dik il-parti deċimali (sa erba' figuri deċimali) li tkun ġejja mill-akbar mazz ġdid, u jekk il-mazzi ġodda li jkunu hemm fl-idejn ikun fihom l-istess numru ta' poloz, għandha titqies bħala l-akbar waħda dik il-parti deċimali (sa erba' figuri deċimali) li messet lil dak il-kandidat li fl-ewwel għadd kellu l-akbar numru ta' voti u li fih il-kandidati li jkunu hemm ma kellhomx l-istess numru ta' voti. Kemm-il darba fil-għadd kollu li jkun sar, in-numru ta' voti mogħtijin lil dawn il-kandidati ikun l-istess, il-Kummissjoni għandha itella' ix-xorti sabiex jaqtaw liema parti

deċimali (sa erba' figuri deċimali) minnhom kollha għandha titqies li hi l-akbar waħda.

(*e*) Dawk il-poloz li għandhom jingħażlu sabiex imorru fuq kandidat jew kandidati oħra minn kull mazz ġdid, ikunu dawk il-poloz li tqiegħdu fl-aħħar fuq dan il-mazz ġdid, u kull polza li tkun tqiegħdet b'dan il-mod għandha tiġi immarkata bin-numru ta' l-għadd li fih ikun sar dan it-trasferiment.

Trasferiment ta' poloz minn mazzi ġodda.

**11.** (1) Jekk fl-aħħar ta' l-għadd ebda kandidat ma jġib voti żejda u jibqa' battal post wieħed jew iżjed minn post wieħed, il-Kummissjoni tħalli barra mill-għadd tal-voti l-kandidat li jkun ġieb l-inqas numru ta' voti; teżamina l-poloz kollha ta' dan il-kandidat; tagħżlu u tiġbor il-poloz trasferibbli f'mazzi ġodda, skond il-preferenzi immarkati fuqhom li għandhom jingħataw llll-kandidati ta' wara; tgħaddi kull mazz ġdid lill-kandidat li lilu ġiet mogħtija din il-preferenza u tiġbor f'mazz wieħed għalih dawk il-poloz li mhumiex trasferibbli.

Meta l-kandidat jintafa' 'l barra mill-votazzjoni.

(2) Jekk il-voti kollha ta' żewġ kandidati jew iżjed, li jġibu l-inqas voti, huma inqas min-numru ta' voti mogħtijin lil dak il-kandidat li jiġi wara l-ewwel wieħed, il-Kummissjoni tista' fl-istess għadd tħalli barra mill-għadd dawn il-kandidati u tixħet il-voti tagħhom fuq il-kandidati l-oħra skond ma jingħad f'dan ir-regolament.

Żewġ kandidati jew iżjed maħruġin mill-votazzjoni.

(3) Jekk, meta għandu jiġi maħruġ kandidat mill-votazzjoni, ikun hemm żewġ kandidati jew iżjed, kull wieħed minnhom bl-istess numru ta' voti, u dawn ikollhom l-inqas numru ta' voti, għandu jmur barra dak il-kandidat li fl-ewwel għadd ikun ġieb l-inqas numru ta' voti u li fih dawn il-kandidati ma jkunux ġiebu l-istess f'kull għadd li sar, il-Kummissjoni taqta' bix-xorti min minnhom joħroġ mill-għadd.

Liema mill-kandidati għandu joħroġ barra mill-votazzjoni.

**12.** B'dak kollu li hemm imsemmi f'dawn ir-regolamenti:

Postijiet li fl-aħħar jibqgħu battala.

(1) Ma jsir ebda trasferiment ieħor ta' voti jekk wara li jingħaddu il-voti, in-numru tal-kandidati eletti ikun jaqbel man-numru ta' postijiet battala li jridu jimtlew.

(2) Jekk wara li kandidat jew iżjed minn kandidat jintafa' l-barra mill-għadd, in-numru tal-kandidati l-oħra li jibqgħu jkunu daqs in-numru ta' postijiet battala, dawn il-kandidati ta' wara jiġu minnufih eletti u ma jsir ebda trasferiment ieħor ta' voti.

**13.** (1) Meta jitgħaddew xi voti minn fuq kandidat għal ieħor kull mazz ġdid ta' poloz trasferuti għandu jitqiegħed fuq wiċċ il-mazz jekk ikun hemm tal-poloz tal-kandidat li fuqu jitgħadda l-vot u dak il-kandidat jieħu dak in-numru ta' voti li jkun jaqbel man-numru ta' poloz li jgħaddi għal fuqu.

X'għandu isir fit-trasferiment ta' poloz.

(2) Il-poloz li ma humiex trasferibbli (barra minn dawk li fit-trasferiment ta' voti żejda jistgħu jiswew għall-kwota tal-kandidat magħżul) għandhom jitqiegħdu għalihom, bħala mazz għalih flimkien ma' kull mazz ieħor ta' voti mhux trasferibbli u li jkun diġà mqiegħed għalih.

Poloz li ma humiex trasferibbli jingħażlu għalihom.

(3) Wara li jsir it-trasferiment tal-voti żejda ta' kandidat elett,

Poloz miżmumin għall-kwota.

il-poloz kollha li ma jkunux għaddew għal fuq il-kandidati l-oħra ta' wara u li ma jitqegħdux għalihom, kif hemm imsemmi fil-paragrafu ta' qabel, għandhom jitqiegħdu flimkien f'mazz wieħed bħala kwota tal-kandidat magħżul, u l-mazz jiġi immarkat bl-isem tal-kandidat elett.

Għadd mill-ġdid ta' xi poloz.

**14.** Kull kandidat, jew il-persuna li tidher floku, jista', wara kull għadd li jkun sar, jitlob lil-Kummissjoni sabiex terġa' teżamina u tgħodd il-poloz kollha jew polza li jkunu tlestew f'dak il-għadd, u l-Kummissjoni għandha minnufih teżamina u tgħodd mill-ġdid dawn il-poloz skond ma jiġi mitlub mingħajr ma tagħmel ebda tibdil fit-taqsim tal-poloz li jkun hemm f'dawk il-mazzi, ħlief meta jkun meħtieġ li jsir dan it-tibdil minħabba xi żball li jinsab fil-għadd li jkun raġa' sar. Il-Kummissjoni tista' wkoll skond il-fehma tagħha terġa' tgħodd il-poloz għal darba jew iżjed, kull meta ma tkunx żgura mill-għadd ta' qabel; għalkemm b'dan kollu il-Kummissjoni ma hijiex fid-dmir li tgħodd mill-ġdid il-poloz għal iktar minn darba.

Talba biex titħassar elezzjoni.

**15.** (1) Meta ssir talba sabiex titħassar elezzjoni, il-qorti tista' tordna biex il-poloz kollha jew biċċa minnhom jerġgħu jiġu magħdudin u sabiex jaraw sewwa r-riżultat ta' l-elezzjoni skond dawn ir-regolamenti.

(2) Meta jiġi li jerġa' jsir dan il-għadd, taħt dak it-tibdil li jkun meħtieġ minħabba xi ordni tal-qorti, kull polza li fil-bidu kienet mgħoddija b'valida, kemm-il darba jsir it-trasferiment ta' voti, għandha titmexxa bħal qabel fuq il-għadd tal-voti li jkun sar fil-bidu.

Deċiżjoni ta' l-uffiċjali inkarigati fuq it-trasferiment ta' voti.

**16.** (1) Jekk tqum xi kwistjoni fuq it-trasferiment ta' voti, id-deċiżjoni mogħtija mill-Kummissjoni tkun ta' l-aħħar, sew jekk din id-deċiżjoni tagħtiha bil-fomm kemm jekk tidher li tkun tatha bl-egħmil tagħha, kemm-il darba xi kandidat jew il-persuna li tidher floku ma jmurx kontra tagħha bil-miktub, qabel ma jingħata ir-riżultat tal-voti. F'dan il-każ id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tista' titraġġa' lura wara rikors li jsir il-qorti biex titħassar l-elezzjoni.

(2) Jekk id-deċiżjoni tal-Kummisjoni titraġġa' lura, it-trasferiment li hawn imsemmi u x-xogħol kollu li jkun sar minħabba f'dan it-trasferiment ma jibqgħux jiswew u l-qorti tordna xi trasferiment għandu jsir flok dan it-trasferiment li fuqu hemm kwistjoni, u għandha ġġiegħel li jitmexxa x-xogħol li jkun meħtieġ, u sabiex ir-riżultat ta' l-elezzjoni jittieħed skond dawn ir-regolamenti.

Riżultat ta' l-elezzjoni. Formola tad-dikjarazzjoni.

**17.** Meta jingħata r-riżultat tal-votazzjoni, fih għandu jkun hemm imsemmi t-trasferiment tal-voti li jkun sar skond dawn ir-regolamenti, kif ukoll għandu jkun hemm imsemmi it-total tal-voti mogħtijin lil kull kandidat, wara kull trasferiment, u dan għandu jsir skond il-formula li hemm fl-Iskeda ta' dawn ir-regolamenti jew skond formula bħalha.

Taqsima III

*Postijiet ta' Membri li jitbattlu*

**18.** Meta post ta' Membru jitbattal, il-Kummissjoni fi żmien ħamest ijiem mid-data li jasal il-*Writ* tal-President, tagħti avviż, li joħroġ fil-Gazzetta, li ser issir elezzjoni biex jimtela l-post battal. Avviż ta' postijiet battala.

**19.** Fi żmien ħamest ijiem wara li joħroġ dan l-avviż, kull persuna li: Nomini.

(*a*) f'elezzjoni ġenerali li tkun saret minnufih qabel ma' tbattal dan il-post kienet kandidat għall-għażla ta' Membru tal-Kamra għat-taqsima elettorali li fiha ikun tbattal il-post u ma kinetx telqet minn kandidat u lanqas ma ġiet magħżula, u

(*b*) li għad għandha l-kwalifikazzjonijiet meħtieġa sabiex tiġi eletta bħala Membru

tista', bil-kunsens tagħha, tiġi nominata bħala kandidat għal dak il-post battal.

**20.** Fi żmien tlitt ijiem tax-xogħol, wara l-aħħar ġurnata għad-dħul tan-nomini, il-Kummissjoni għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar il-validità tan-nomina tal-kandidati u toħroġ fuq il-formula stabbilita, l-ismijiet u partikolaritajiet tal-persuni nominati, u t-taqsima elettorali li fiha hemm il-post battal li jrid jimtela. Avviż ta' nomini.

**21.** Jekk ikun hemm kandidati illi n-nomina tagħhom tkun tiswa, il-Kummissjoni għandha f'jumejn żmien, li jkunu ġranet tax-xogħol, tibda teżamina l-poloz tal-mazz issiġillat ta' dak il-Membru illi l-post tiegħu tbattal u timxi fuq dak li hemm stabbilit hawn taħt: Jekk ikun hemm żewġ nomini jew iżjed, jiġu eżaminati l-poloz tal-membru illi l-post tiegħu hu battal.

(1) Għandhom jitqiesu li huma maħruġin mill-votazzjoni dawk kollha li fl-elezzjoni ġenerali kienu ħarġu bħala kandidati għal taqsima elettorali, ħlief dawk illi jkunu mressqin bi dritt bħala kandidati għal dak il-post battal.

(2) Il-poloz li jkunu merfugħin taħt is-siġill skond l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali fil-mazz ta' dak il-Membru li l-post tiegħu hu battal, għandhom jiġu eżaminati u mgħoddijin lil dawk li jkunu mressqin bi dritt bħala kandidati u li jistgħu minn ta' l-ewwel jieħdu l-preferenza skond l-ordni li tkun immarkata f'dawn il-poloz, u lil kull wieħed minn dawn li jkunu imressqin bħala kandidati jingħata vot għal kull polza li tgħaddi għal fuqhom.

(3) Fejn ikun hemm kandidat wieħed biss bin-nomina li tiswa, jekk dan il-kandidat ikollu numru ta' voti daqs in-nofs jew iżjed min-nofs tan-numru tal-poloz fil-mazz tal-Membru illi postu jkun battal, dana jiġi iddikjarat bħala elett.

(4) Fejn ikun hemm żewġ kandidati jew iżjed illi n-nomina tagħhom tkun tiswa, il-Kummissjoni għandha tħalli barra mill-votazzjoni dak il-kandidat li jkollu l-inqas numru ta' voti u tgħaddi l-voti tiegħu, skond il-preferenza tan-numri ta' wara li tibqa' kif tkun immarkata fuq il-poloz, għal fuq il-kandidat jew kandidati ta' wara. Il-proċedura biex jitħalla barra dak il-kandidat li jkun ġieb l-inqas numru ta' voti u biex jitgħaddew il-voti skond il-preferenzi li

jkun hemm, għandha titkompla sakemm jibqa' kandidat wieħed. Jekk in-numru ta' voti mogħtijin lil dan il-kandidat ikun daqs in-nofs jew iżjed min-nofs tan-numru ta' poloz fil-mazz tal-membru illi postu jkun battal, dan il-kandidat jiġi iddikjarat bħala elett:

Iżda kemm-il darba jkun hemm kandidat li jkollu numru ta' voti 'l fuq mis-somma totali tal-voti tal-kandidati l-oħra kollha u fl-istess ħin din is-somma tkun daqs in-nofs jew iżjed min-nofs tan-numru ta' poloz li jkun hemm fil-mazz tal-Membru illi postu jkun battal, dan il-kandidat jiġi iddikjarat bħala elett mingħajr ma jsir ebda trasferiment ieħor ta' voti.

F'każijiet speċjali l-elezzjoni ta' Membru ssir b'għażla.

**22.** (1) Jekk jitbattal post li jkun imtela skond din it-Taqsima ta' dawn ir-Regolamenti jew skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 54 ta' l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, jew jekk wara li jitbattal post ma jiġi mressaq bi dritt ebda kandidat, jew jekk wara li jiġu eżaminati l-poloz tal-Membru li jkollu postu battal ma jiġi elett ebda kandidat, il-post jiġi mimli bil-għażla tal-Membri tal-Kamra ta' wieħed li jkollu l-kwalifiki meħtieġa biex isir Membru tal-Kamra.

(2) Meta jiġi biex jimtela l-post ta' Membru bil-għażla, għandhom jitqiesu li kemm jista' jkun, ikun hemm l-istess interessi u fehmiet li kien jidher għalihom u li kellu dak il-Membru illi postu jkun tbattal.

TAQSIMA IV

Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni

Membri addizzjonali. *Miżjud: XXI. 2007.7.*

**23.** Għall-fini ta' l-elezzjoni tal-membri addizzjonali, jekk ikun hekk jenħtieġ, meħtieġa skond is-sub-paragrafi (i) u (ii) ta' l-ewwel proviso li hemm mas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u tas-subparagrafi (i) u (ii) tat-tieni proviso li hemm ma' l-istess subartikolu, il-Kummissjoni għandha:

(1) tistabbilixxi l-voti validi totali akkreditati fl-ewwel għadd lil kull wieħed mill-partiti li jkunu eleġġew membri fil-Kamra tad-Deputati;

(2) tistabbilixxi n-numru ta' membri eletti fil-Kamra tad-Deputati minn kull wieħed mill-partiti;

(3) għall-fini tas-subparagrafu (i) ta' l-ewwel proviso li hemm mas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni, meta jkun hemm iżjed minn partit wieħed li jkun kiseb inqas minn ħamsin fil-mija mill-voti validi kollha mitfugħin fl-ewwel għadd f'dik l-elezzjoni (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-partit li jkollu minoranza") il-Kummissjoni Elettorali għandha tgħodd flimkien it-totali tas-subregolamenti (1) u (2) ta' dan ir-regolament għall-partiti ta' minoranza kollha biex, għall-finijiet ta' dak is-subparagrafu, effettivament ikun hemm partit wieħed ta' minoranza;

(4) għal kull partit, tiddividi n-numru miksub konformement mas-subparagrafu (1) bin-numru miksub konformement mas-subparagrafu (2) biex hekk jinkiseb il-vot medju għal kull siġġu għal kull partit,

filwaqt li ma jingħatax każ ta’ kull frazzjoni li tibqa’;

(5) tadotta l-iktar vot medju baxx għal kull siġġu miksub skond is-subparagrafu (4) bħala l-marka ewlenija, hawn iżjed ’il quddiem imsejħa "il-medja baxxa", tiddividi n-numru ta’ voti li jinkisbu ma’ l-ewwel għadd akkreditati lill-partit li jkollu medja aktar għolja, hawn iżjed ’il quddiem imsejjaħ "il-partit żvantaġġat" bil-medja baxxa sabiex jinkiseb in-numru totali ta’ membri tal-Kamra tad-Deputati li għandhom jiġu akkreditati lill-partit żvantaġġat;

(6) ir-riżultat li jinkiseb meta jitnaqqas in-numru ta’ membri eletti fil-Kamra tad-Deputati mill-partit żvantaġġat min-numru ta’ membri totali miksub minn dak il-partit fis-subparagrafu (5) hawn qabel għandu jkun in-numru addizzjonali ta’ membri tal-Kamra tad-Deputati li għandhom jiġu dikjarati eletti skond il-Kostituzzjoni;

(7) il-komposizzjoni totali tal-Kamra tad-Deputati għandha tkun tikkonsisti f’dak in-numru ta’ siġġijiet li jiġi stabbilit fis-subparagrafu (6) ta’ dan il-paragrafu iżda jekk in-numru totali ta’ siġġijiet ikun jinkludi xi frazzjoni li tibqa’ dik il-frazzjoni għandha tiġi eliminata billi jew jiżdied jew jitnaqqas in-numru ta’ siġġijiet sa l-eqreb numru bil-fard.

Anness mat-Tlettax-il Skeda

Art. 52 tal-Kostituzzjoni

Regolament 23 tar-Regolamenti ta’ l-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Klassifika tal-Poloz tal-Votazzjoni, Elezzjonijiet Każwali u b’Għażla)

Eżempji ta’ kif jiġu kalkulati Deputati tal-Parlament addizzjonali skond l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni

**1. Eżempji skond is-subparagrafu (i) ta’ l-ewwel proviso li hemm mas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni**

**Eżempju A - meta żewġ partiti biss jeleġġu membri u l-partit li jkollu maġġoranza assoluta ta’ voti jeleġġi minoranza ta’ membri**

Partit A jiġi akkreditat b’150,000 vot validu ma’ l-ewwel għadd u jeleġġi 30 membru

Partit B jiġi akkreditat b’140,000 vot validu ma’ l-ewwel għadd u jeleġġi 35 membru

Partit Ċ jiġi akkreditat b’5,000 vot validu ma’ l-ewwel għadd u ma jeleġġi ebda membru

1. Ġaladarba jkun intemm kull għadd skond dawn ir-regolamenti u l-65 membru kollha kemm huma jkunu ġew dikjarati eletti, il-Kummissjoni Elettorali tistabbilixxi li Partit A ikollu aktar minn 50% tal-voti validi kollha ma’ l-ewwel għadd (150,000 versus 145,000) IMMA jkollu minoranza ta’ membri eletti (30 versus 35 ta’ Partit B);

2. Peress li Partit Ċ ma jkunx eleġġa kandidati, il-voti ma' l-ewwel għadd akkreditati lill-kandidati tiegħu jiġu eliminati minn kull kalkolu sussegwenti;

3. Partit A ikollu dritt li jżid in-numru tal-kandidati tiegħu li jiġu dikjarati eletti biex, f'dawk li huma perċentwali, l-istess proporzjon li jiġi użat għal Partit B meta dan ikun qiegħed jeleġġi l-membru tiegħu jintuża wkoll għal Partit A;

4. Bil-għan li jiġi stabbilit dak il-proporzjon, il-Kummissjoni tgħaddi biex tistabbilixxi n-numru ta' voti medju użat minn kull wieħed mill-partiti biex jeleġġi kull wieħed mill-kandidati tiegħu u tagħmel dan billi tiddividi n-numru totali ta' voti akkreditati ma' l-ewwel għadd lill-kandidati kollha ta' kull partit li jkun eleġġa kandidati, bin-numru ta' kandidati li jiġu dikjarati eletti f'isem dak il-partit, bla ma jitqiesu ebda frazzjonijiet li jibqgħu, hekk kif jidher f'dan l-eżempju:

• Partit A - 150,000/30 = 5,000

• Partit B - 140,000/35 = 4,000

5. Il-Kummissjoni tadotta l-iktar numru baxx hekk miksub (4000) bħala l-medja ta' voti għal kull siġġu li għandha tiġi applikata sabiex jiġi stabbilit in-numru finali ta' kandidati eletti li għandhom jiġu akkreditati lil Partit A u tasal għan-numru totali billi tiddividi l-voti totali miksuba ma' l-ewwel għadd akkreditati lill-kandidati kollha tiegħu (150,000) bil-voti tal-medja l-aktar baxxa li jirriżultaw għal kull siġġu (4000), u dak ir-riżultat ikun jirrappreżenta n-numru totali ta' kandidati li għandhom jiġu eletti minn Partit A:

• Partit A - 150,000/4000 = 37.5

6. Mir-riżultat hekk miksub, li jkun jirrappreżenta n-numru totali ta' kandidati li għandhom jiġu dikjarati eletti għal Partit A (37.5), il-Kummissjoni tnaqqas in-numru ta' kandidati ta' dak il-Partit li jkun diġà ġie dikjarat elett (30) u riżultat ta' dan (7.5) jirrappreżenta n-numru addizzjonali ta' membri li għandhom jiġu dikjarati eletti f'isem Partit A.

7. In-numru totali ta' siġġijiet akkreditati lil Partit A (37.5 siġġijiet) flimkien man-numru totali ta' siġġijiet akkreditati lil Partit B (35 siġġijiet) jagħti total ta' 72.5 siġġu u peress li n-numru totali ta' siġġijiet skond il-Kostituzzjoni għandu jkun bil-fard l-għadd totali ta' siġġijiet isir 73 li hu l-eqreb numru bil-fard għas-siġġijiet totali (72.5 siġġu ) u l-aħħar siġġu assenjat lill-Partit li jkollu l-ogħla frazzjoni li tibqa', li f'dan il-każ ikun Partit A (Partit A = 37.5 siġġu, Partit B = 35 siġġu).

8. Ir-riżultat finali għandu għaldaqshekk ikun: Partit A 38 siġġu u Partit B 35 għal Kamra tad-Deputati ta' 73 siġġu

**Eżempju B - meta żewġ partiti biss jeleġġu membri u l-partit li jkollu maġġoranza assoluta tal-voti jeleġġi maġġoranza assoluta ta' membri li ma tkunx proporzjonata mas-sehem tal-voti miksub minn dak il-partit**

Partit A jiġi akkreditat b'160,000 vot validu ma' l-ewwel għadd u jeleġġi 33 membru

Partit B jiġi akkreditat b'140,000 vot validu ma' l-ewwel għadd u jeleġġi 32 membru

Partit Ċ jiġi akkreditat b'5,000 vot validu ma' l-ewwel għadd u ma jeleġġi ebda membru

1. Ġaladarba kull għadd ikun intemm skond dawn ir-regolamenti u l-65 membru kollha jkunu ġew dikjarati eletti, il-Kummissjoni Elettorali tistabbilixxi li Partit A ikollu aktar minn 50% mill-voti validi kollha ma' l-ewwel għadd (160,000 versus 145,000);

2. Peress li Partit Ċ ma jkunx eleġġa kandidati, il-voti ma' l-ewwel għadd akkreditati lill-kandidati tiegħu jiġu eliminati minn kull kalkolu sussegwenti li jsir;

3. Partit A għandu dritt iżid in-numru tal-kandidati tiegħu biex jiġi dikjarat elett sabiex, f'dawk li huma perċentwali, l-istess proporzjon li jiġi użat għal Partit B meta jkun qiegħed jeleġġi l-membri tiegħu nnifsu jiġi wkoll użat għal Partit A;

4. Sabiex jiġi stabbilit dak il-proporzjon, il-Kummissjoni tgħaddi biex tistabbilixxi n-numru ta' voti medju li jkun ġie użat minn kull partit biex jeleġġi kull wieħed mill-kandidati tiegħu u tagħmel dan billi tiddividi n-numru totali ta' voti akkreditat ma' l-ewwel għadd lill-kandidati kollha ta' kull partit li jkun eleġġa kandidati, bin-numru ta' kandidati dikjarati eletti f'isem dak il-partit, bla ma jitqiesu ebda frazzjonijiet li jibqgħu, hekk kif jidher f'dan l-eżempju:

• Partit A - 160,000/33 = 4,848

• Partit B - 140,000/32 = 4,375

5. Il-Kummissjoni tadotta n-numru l-aktar baxx li jinkiseb b'dak il-mod (4375) bħala l-voti medji għal kull siġġu li għandu jiġi applikat sabiex jiġi stabbilit in-numru finali ta' kandidati eletti li għandu jiġi akkreditat lil Partit A u tasal għan-numru totali billi tiddividi l-voti totali ma' l-ewwel għadd akkreditati lill-kandidati kollha tiegħu (160,000) bil-voti medji l-aktar baxxi li jirriżultaw għal kull siġġu (4375), u dak ir-riżultat ikun jirrappreżenta n-numru totali ta' kandidati li għandhom jiġu eletti minn Partit A:

• Partit A - 160,000/4375 = 36.57

6. Mir-riżultat hekk miksub, li jirrappreżenta n-numru totali ta' kandidati li għandhom jiġu dikjarati eletti minn Partit A (36.57), il-Kummissjoni tnaqqas in-numru ta' kandidati ta' dak il-Partit li jkun diġà ġie dikjarat elett (33) u r-riżultat ta' dan (4.75) ikun jirrappreżenta n-numru addizzjonali ta' membri li għandhom jiġu dikjarati eletti f'isem Partit A.

7. In-numru totali ta' siġġijiet akkreditati lil Partit A (36.57 siġġu) flimkien man-numru totali ta' siġġijiet akkreditat lil Partit B (32 siġġu) jagħti total ta' 68.57 siġġu peress li n-numru totali ta' siġġijiet skond il-Kostituzzjoni għandu jkun bil-fard in-numru totali ta' siġġijiet isir 69 li hu l-eqreb numru bil-fard għas-siġġijiet totali (68.57 siġġu) u l-aħħar siġġu assenjat lill-Partit bl-akbar frazzjoni li tibqa, li f'dan il-każ hu Partit A (Partit A = 36.57 siġġu, Partit B = 32 siġġu).

8. Ir-riżultat finali ikun għaldaqstant: Partit A 37 siġġu u Partit B 32 għal Kamra tad-Deputati b'69 siġġijiet.

**Eżempju Ċ - meta tliet partiti (jew aktar) jeleġġu membri**

Partit A jiġi akkreditat b'150,000 voti validi ma' l-ewwel għadd u jeleġġi 29 membru

Partit B jiġi akkreditat b'140,000 voti validi ma' l-ewwel għadd u jeleġġi 35 membru

Partit Ċ jiġi akkreditat b'5,000 voti validi ma' l-ewwel għadd u jeleġġi 1 membru

1. Ġaladarba jkun intemm kull għadd skond dawn ir-regolamenti u l-65 membru kollha jkunu ġew dikjarati eletti, il-Kummissjoni Elettorali tistabbilixxi li Partit A jkollu aktar minn 50% tal-voti validi kollha ma' l-ewwel għadd (150,000 versus 140,000) IMMA jkollu minoranza ta' membri eletti (29 versus 36 ta' Partit B + Partit Ċ);

2. Partit A għandu dritt iżid in-numru tal-kandidati tiegħu li jiġu dikjarati eletti u, meta jkun qed jagħmel dan, jiġi użat l-istess proporzjon ta' voti użat biex jiġu eletti l-membri għall-partiti kollha;

3. Peress li jkun hemm iżjed minn partit wieħed ta' minoranza, il-Kummissjoni żżid flimkien il-voti totali ma' l-ewwel għadd taż-żewġ partiti f'minoranza (140,000 + 5,000 = 145,000) kif ukoll is-siġġijiet miksuba mit-tnejn li huma (35 + 1 = 36) u tikkunsidrahom bħala partit ta' minoranza wieħed.

4. Sabiex jiġi stabbilit il-proporzjon li hemm provdut dwaru fis-subregolament 2, il-Kummissjoni tgħaddi biex tistabbilixxi n-numru medju ta' voti użat minn kull wieħed mill-partiti biex jeleġġi kull wieħed mill-kandidati tiegħu u tagħmel dan billi tiddividi n-numru totali ta' voti akkreditati ma' l-ewwel għadd lill-kandidati kollha ta' kull partit li jkun eleġġa kandidati, bin-numru ta' kandidati dikjarati eletti f'isem dak il-partit, bla ma jitqiesu ebda frazzjonijiet li jibqgħu, hekk kif jidher f'dan l-eżempju:

- Partit A - 150,000/29 = 5172
- Partit B + Ċ - 145,000/36 = 4027

5. Il-Kummissjoni tadotta l-aktar numru baxx hekk miksub (4027) bħala l-medja ta' voti għal kull siġġu li għandu jiġi applikat sabiex jiġi stabbilit in-numru finali ta' kandidati eletti li għandu jiġi akkreditat lil Partit A u tasal għan-numru totali billi tiddividi il-voti totali ma' l-ewwel għadd akkreditati lill-kandidati kollha ta' Partit A (150,000) bil-voti medji l-aktar baxxi li jirriżultaw għal kull siġġu (4027), u dak ir-riżultat ikun jirrappreżenta n-numru ta' kandidati li għandhom jiġu eletti minn Partit A:

- Partit A - 150,000/4027 = 37.2

6. Mir-riżultat hekk miksub, li jirrappreżenta n-numru totali ta' kandidati li għandhom jiġu dikjarati eletti għal Partit A (37.2), il-Kummissjoni tnaqqas in-numru ta' kandidati ta' Partit A li jkunu diġà ġew dikjarati eletti (29) u r-riżultat ta' dan (8.2) ikun jirrappreżenta n-numru ta' membri addizzjonali li għandhom jiġu

dikjarati eletti f'isem Partit A.

7. In-numru totali ta' siġġijiet akkreditat lil Partit A (37.2) siġġu flimkien man-numru totali ta' siġġijiet akkreditat lil Partit B (35) u dawk akkreditati lil Partit Ċ (1) jagħti total ta' 73.2 siġġu u peress li n-numru totali ta' siġġijiet għandu, skond il-Kostituzzjoni, ikun bil-fard in-numru totali ta' siġġijiet jitnaqqas għal 73 li hu l-eqreb numru bil-fard għas-siġġijiet totali (73.2 siġġu).

8. Ir-riżultat finali għandu għaldaqstant ikun: Partit A 37 siġġu, Partit B 35 u Partit Ċ siġġu wieħed għal Kamra tad-Deputati bi 73 siġġijiet.

**Eżempju D - Meta tliet partiti jew aktar jeleġġu membri u l-partit li jkollu maġġoranza assoluta ta' voti jeleġġi maġġoranza assoluta ta' membri li ma tkunx proporzjonata mas-sehem ta' voti miksub minn dak il-partit**

Partit A jiġi akkreditat b'160,000 voti validi ma' l-ewwel għadd u jeleġġi 33 membru

Partit B jiġi akkreditat b'140,000 voti validi ma' l-ewwel għadd u jeleġġi 31 membru

Partit Ċ jiġi akkreditat b'5,000 voti validi ma' l-ewwel għadd u jeleġġi 1 membru

1. Ġaladarba jkun intemm kull għadd skond dawn ir-regolamenti u l-65 membru kollha jkunu ġew dikjarati eletti, il-Kummissjoni Elettorali tistabbilixxi li Partit A ikollu aktar minn 50% tal-voti validi kollha ma' l-ewwel għadd (160,000 versus 145,000);

2. Partit A jkollu dritt iżid in-numru tal-kandidati tiegħu li jiġu dikjarati eletti u, meta jagħmel dan, l-istess proporzjon ta' voti użat biex jeleġġi l-membri għandu jiġi użat għall-partiti kollha kemm huma;

3. Peress li hemm iżjed minn partit wieħed ta' minoranza, il-Kummissjoni żżid flimkien il-voti totali ma' l-ewwel għadd taż-żewġ partiti ta' minoranza (140,000 + 5,000 = 145,000) kif ukoll is-siġġijiet miksuba mit-tnejn li huma (31 + 1 = 32) u tqishom bħala partit ta' minoranza wieħed.

4. Sabiex jiġi stabbilit il-proporzjon li hemm provdut dwaru fis-subregolament 2, il-Kummissjoni tgħaddi biex tistabbilixxi n-numru medju ta' voti użat minn kull wieħed mill-partiti biex jeleġġi lil kull wieħed mill-kandidati tiegħu u tagħmel dan billi tiddividi n-numru totali ta' voti akkreditat ma' l-ewwel għadd lill-kandidati kollha ta' kull partit li jkun eleġġa kandidati, bin-numru ta' kandidati dikjarati eletti f'isem dak il-partit, bla ma jitqiesu ebda frazzjonijiet li jibqgħu, hekk kif jidher f'dan l-eżempju:

- Partit A - 160,000/33 = 4,848
- Partit B + Ċ - 145,000/32 = 4,531

5. Il-Kummissjoni tadotta l-aktar numru baxx hekk miksub (4531) bħala l-voti medja għal kull siġġu li għandhom jiġu applikati sabiex jiġi stabbilit in-numru finali ta' kandidati eletti li għandu jiġi akkreditat lil Partit A u tasal għan-numru totali billi

jiddividi l-voti totali ma' l-ewwel għadd akkreditati lill-kandidati kollha ta' Partit A (160,000) bil-voti ta' l-iktar medja baxxa li jirriżultaw għal kull siġġu (4531), u dak ir-riżultat ikun jirrappreżenta n-numru totali ta' kandidati li għandhom jiġu eletti minn Partit A:

• Partit A - 160,000/4531 = 35.31

6. Mir-riżultat hekk miksub, li jkun jirrappreżenta n-numru totali ta' kandidati li għandhom jiġu dikjarati eletti għal Partit A (35.3), il-Kummissjoni tnaqqas in-numru ta' kandidati ta' Partit A li jkunu diġà ġew dikjarati eletti (33) u r-riżultat ta' dan (2.3) ikun jirrappreżenta n-numru addizzjonali ta' membri li għandhom jiġu dikjarati eletti f'isem Partit A.

7. In-numru totali ta' siġġijiet akkreditat lil Partit A (35.31) siġġu flimkien man-numru totali ta' siġġijiet akkreditat lil Partit B (31) u dawk akkreditati lil Partit Ċ (1) jagħti total ta' 67.31 siġġu u peress li n-numru totali ta' siġġijiet għandu, skond il-Kostituzzjoni, ikun bil-fard in-numru totali ta' siġġijiet jitnaqqas għal 67 li huwa l-eqreb numru bil-fard għas-siġġijiet totali (67.31 siġġu).

8. Ir-riżultat finali għaldaqstant ikun: Partit A 35 siġġu, Partit B 31 u Partit Ċ siġġu 1 għal Kamra tad-Deputati b'67 siġġu.

**2. Eżempju skond is-subparagrafu (ii) ta' l-ewwel proviso mas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni**

Eżempju 1A hawn qabel għandu japplika iżda l-voti ta' Partit Ċ ma' l-ewwel għadd għandu jitqies bħala 15,000 u dan xorta ma jwassal għall-elezzjoni ta' ebda kandidat.

**3. Eżempju skond is-subparagrafu (i) tat-tieni proviso mas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni**

Partit A jiġi akkreditat b'150,000 vot validu ma' l-ewwel għadd u jeleġġi 35 membru

Partit B jiġi akkreditat b'140,000 vot validu ma' l-ewwel għadd u jeleġġi 30 membru

Partit Ċ jiġi akkreditat b'5,000 vot validu ma' l-ewwel għadd u ma jeleġġi ebda membru

1. Ġaladarba jkun intemm kull għadd skond dawn ir-regolamenti u l-65 membru kollha jkunu ġew dikjarati eletti, il-Kummissjoni Elettorali tistabbilixxi li Partit A jkollu iżjed minn 50% tal-voti validi kollha ma' l-ewwel għadd (150,000 versus 145,000);

2. Peress li Partit Ċ ma jkunx eleġġa kandidati, il-voti ma' l-ewwel għadd akkreditati lill-kandidati tiegħu jiġu eliminati minn kull kalkolu li jsir wara;

3. Il-Kummissjoni tgħaddi biex tistabbilixxi jekk Partit B ikollux sehem mis-siġġijiet li jkun sproporzjonatament iktar baxx billi tistabbilixxi n-numru medju ta' voti użati minn kull wieħed mill-partiti biex jeleġġi lil kull wieħed mill-kandidati tiegħu u tagħmel dan billi tiddividi n-numru totali ta' voti akkreditat ma' l-ewwel għadd lill-kandidati kollha ta' kull partit li jkun eleġġa kandidati, bin-numru ta' kandidati dikjarati eletti f'isem dak il-

partit, bla ma jitqiesu ebda frazzjonijiet li jibqgħu, hekk kif jidher f'dan l-eżempju:

- Partit A - 150,000/35 = 4,285
- Partit B - 140,000/30 = 4,666

4. Partit B għandu dritt iżid in-numru tal-kandidati tiegħu li jiġu dikjarati eletti biex, f'dawk li huma perċentwali, jiġi użat l-istess proporzjon għal Partit B meta jkun qiegħed jeleġġi l-membri tiegħu stess bħal dak użat ukoll għal Partit A;

5. Il-Kummissjoni tadotta n-numru l-aktar baxx li jiġi hekk miksub (4285) bħala voti medji għal kull siġġu li għandhom jiġu applikati sabiex jiġi stabbilit in-numru finali ta' kandidati eletti li għandu jiġi akkreditat lil Partit B u tasal għan-numru totali billi tiddividi l-voti totali ma' l-ewwel għadd akkreditati lill-kandidati kollha tiegħu (140,000) bil-voti medji l-aktar baxxi li jirriżultaw għal kull siġġu (4285), u dak ir-riżultat ikun jirrappreżenta n-numru totali ta' kandidati li għandhom jiġu eletti minn Partit A:

- Partit A - 140,000/4285 = 32.6

6. Mir-riżultat li jiġi hekk miksub, li jkun jirrappreżenta n-numru totali ta' kandidati li għandhom jiġu dikjarati eletti għal Partit B (32.6), il-Kummissjoni tnaqqas in-numru tal-kandidati tiegħu li jkunu diġà ġew dikjarati eletti (30) u r-riżultat ta' dan (2.6) ikun jirrappreżenta n-numru addizzjonali ta' membri li għandhom jiġu dikjarati eletti f'isem Partit B.

7. In-numru totali ta' siġġijiet akkreditati lil Partit A (35) siġġu flimkien man-numru totali ta' siġġijiet akkreditati lil Partit B (32.6) jagħti total ta' 67.6 siġġu, u peress li n-numru totali ta' siġġijiet għandu, skond il-Kostituzzjoni, ikun bil-fard in-numru totali ta' siġġijiet jitnaqqas għal 67 li hu l-eqreb numru bil-fard għas-siġġijiet totali (67.6).

8. Ir-riżultat finali għaldaqstant ikun: Partit A 35 siġġu u Partit B 32 għal Kamra tad-Deputati b'67 siġġu.

**4. Eżempju skond is-subparagrafu (ii) tat-tieni proviso mas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni**

Eżempju 3 hawn qabel għandu japplika iżda l-voti ta' Partit Ċ ma' l-ewwel għadd għandhom jitqiesu li huma 15,000 u xorta dawn ma jeleġġu ebda kandidat.

## SKEDA

*Dikjarazzjoni tar-Riżultat tal-Votazzjoni*

*Isem tat-Taqsima Elettorali*

Elezzjoni tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati biex jidhru għal Distrett Elettorali hawn fuq imsemmi li saret fis-sena

Aħna li ffirmajna isimna hawn taħt, Kummissjunarji Elettorali fil-votazzjoni tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati għad-Distrett Elettorali hawn fuq imsemmi li saret fi ġurnata ta' tas-sena , sejrin hawnhekk ingħarrfu illi r-riżultat tal-Votazzjoni u tat-trasferiment tal-voti huwa dan:

Numru ta' voti validi ..........................................................................

Numru ta' membri li għandhom jingħażlu ..............................................

Kwota (numru ta' voti li huma meħtieġa biex
kandidat jiġi elett) ....................................................................................

| Ismijiet tal-Kandidati | 1 Għadd | 2 Għadd | | 3 Għadd | | 4 Għadd | | 5 Għadd | | 6 Għadd | | Ismijiet tal-Kandidati eletti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Voti | Trasferiment ta' | Riżultat | Trasferiment ta' | Riżultat | Trasferiment ta' | Riżultat | Trasferiment ta' | Riżultat | Trasferiment ta' | Riżultat | |
| Poloz li mhumiex trasferibbli | | | | | | | | | | | | |
| Total ............ | | — | | — | | — | | — | | — | | |

U aħna hawnhekk ingħarrfu illi dawn li huma msemmijin hawn fuq ġew kif jistħoqq eletti Membri tal-Kamra tad-Deputati għal dan id-Distrett Elettorali.

Illum, il ta' tas-sena

....................................................

Kummissjonarji Elettorali

## EŻEMPJU TA' KIF GĦANDHOM JINGĦADDU L-POLOZ TAL-VOTAZZJONI F'ELEZZJONI MAGĦMULA SKOND IS-SISTEMA TA' RAPPRESENTANZA PROPORZJONALI B'VOT WIEĦED LI JGĦADDI MINN KANDIDAT GĦAL IEĦOR

(*Ara l-Ewwel Taqsima tar-Regolamenti*)

Nagħmlu li għandhom jingħażlu sitt membri u li hemm ħdax-il-kandidat A, B, C, D, E, F, G, H, I, K, L.

### L-EWWEL GĦADD

Wara li jitħalltu flimkien u jimtlew il-poloz kollha u minnhom jitneħħew dawk li mhumiex validi, u wara li dawk il-poloz li huma validi jitqassmu f'mazzi għalihom, skond l-ismijiet tal-kandidati li ħdejhom ikun hemm miktub in-numru 1, kull mazz għalih għandu jingħadd u lil kull kandidat jingħata n-numru ta' voti li jaqbel man-numru ta' poloz li fuqhom, favur tiegħu, hemm imniżżla l-ewwel preferenza.

Nagħmlu li r-riżultat ta' l-għadd huwa dan ta' hawn taħt:

| | Voti |
|---|---|
| B | 140 |
| F | 62 |
| H | 50 |
| C | 25 |
| L | 24 |
| G | 14 |
| I | 12 |
| D | 10 |
| A | 7 |
| E | 4 |
| K | - |
| B'kollox | 348 |

### IL-KWOTA

Mill-għadd tal-poloz jidher illi t-total tal-poloz tal-votazzjoni validi huwa 348. Wara li niddividu it-total bin-numru sebgħa (jiġifieri bin-numru ta' postijiet battala, u miegħu nżidu wieħed) insibu li għandna 50 (jiġifieri n-numru 49 li ħareġ mid-diviżjoni u 1 iżjed, bla ma nagħtu kas tal-frazzjoni). Dan in-numru ta' 50 huwa l-"kwota", jew in-numru ta' voti meħtieġa għall-għażla ta' membru.

Il-voti li ħadu B, F u H huma 'l fuq mill-kwota jew daqsha, u għalhekk dawn il-kandidati għandhom jitqiesu li ġew eletti.

### IT-TIENI GĦADD

B għandu 90 vot iżjed (jiġifieri total ta' 140, nieqes il-50 tal-kwota) u billi dana huwa l-akbar fost in-numri ta' voti li ħadu l-oħrajn, l-ewwel ma għandu jitqassam u jitgħadda fuq il-kandidati l-oħra huwa ż-żejjed ta' B.

Il-140 polza ta' B jiġu eżaminati kollha u mqassmin f'mazzi ġodda għalihom skond il-preferenzi li baqgħu għall-kandidati ta' wara kif ġew immarkati fuq l-istess poloz.

Aktarx dejjem il-preferenzi li jkun hemm wara tkun dik tat-tieni numru. Imma dawk il-poloz li fihom ġiet mogħtija t-tieni preferenza lil F jew lil H, billi dawn huma diġà eletti, igħaddu għal fuq il-preferenzi l-oħra ta' wara dawn il-kandidati. Il-polza li fiha jkun hemm immarkata in-numru 1 quddiem B, 2 quddiem H, 3 quddiem F, 4 quddiem I tiġi mqiegħda fil-mazz ġdid ta' I.

Isir mazz ġdid għalih ukoll ta' dawk il-poloz li fihom ma jkunx hemm immarkata il-preferenza li tibqa' wara, jiġifieri ta' dawk il-poloz li fihom ma jkunx hemm immarkata il-preferenza li tibqa' favur kandidat ta' wara u li għalhekk ma humiex trasferibbli.

Insibu li r-riżultat hu dan:

Hemm immarkata preferenza ta' wara għal D fuq 80 polza

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| " | " | " | " | " | " | E | " | 2 | poloz |
| " | " | " | " | " | " | I | " | 25 | polza |
| " | " | " | " | " | " | K | " | 29 | polza |

Total ta' poloz *trasferibbli* ........................... 136 "

Total ta' poloz *li m'humiex trasferibbli* ................ 4 poloz

Total ta' poloz ta' B ............................. 140

Billi n-numru kollu ta' poloz trasferibbli (li hu ta' 136) hu 'l fuq mill-voti żejda (ta' 90), minn kull mazz ġdid tista' tittieħed u tgħaddi għal fuq ħaddieħor porzjon biss, u n-numru ta' poloz li għandhom jittieħdu minn kull mazz ġdid biex jingħataw lil ħaddieħor, għandu jkollu, man-numru kollu tal-poloz fil-mazzi ġodda, dik il-proporzjon li hemm bejn iż-żejjed u n-numru kollu ta' poloz trasferibbli.

Fi kliem ieħor, in-numru ta' poloz li għandhom jittieħdu u jgħaddu għal fuq ħaddieħor minn kull mazz ġdid insibuh billi nimmultiplikaw in-numru tal-poloz li hemm f'kull wieħed minn dawn il-mazzi bin-numru 90 (li hu in-numru ta' poloz żejda) u niddividu dak li jiġina bil-136 (li hu n-numru totali ta' poloz trasferibbli) li jiġi 0.6617647.

Il-kalkolu għandu jsir hekk:

| | |
|---|---|
| Il-mazz ta' D fih 80 polza, u s-sehem li jmissu mill-poloz żejda hu għalhekk ..................................................... | 80 x 0.6617647 jew 52.9412 |
| Il-mazz ta' E fih 2 poloz u s-sehem li jmissu mill-poloz żejda hu għalhekk ..................................................... | 2 x 0.6617647 jew 1.3235 |
| Il-mazz ta' I fih 25 polza u s-sehem li jmissu mill-poloz żejda hu għalhekk ..................................................... | 25 x 0.6617647 jew 16.5441 |
| Il-mazz ta' K fih 29 polza u s-sehem li jmissu mill-poloz żejda hu għalhekk ..................................................... | 29 x 0.6617647 jew 19.1912 |
| B'kollox ................................................................. | 90 |

In-numri tal-poloz li għandhom jittieħdu u jgħaddu fuq il-kandidati ta' wara skond il-kalkolu ta' hawn fuq, fihom partijiet deċimali u billi ma jistgħux jittieħdu ħlief poloz sħaħ, għalhekk għandhom jitqiesu bħala waħdiet sħaħ dawk il-partijiet deċimali li huma l-akbar, meħudin wieħed wara l-ieħor skond il-kobor tagħhom, u li jkunu biżżejjed biex iġibu total ta' poloz trasferibbli li jkun jaqbel maż-żejjed ta' voti.

Għalhekk billi n-numri sħaħ li ħarġu minn dan il-kalkolu jġibu s-somma ta' 88 biss, jiġifieri (52+1+16+19), jew tnejn inqas miż-żejjed ta' 90, iż-żewġ partijiet

deċimali .9412 u .5441, li huma l-akbar fost l-oħrajn, inqisuhom bħala numri sħaħ ta' wieħed u għalhekk in-numri ta' poloz li għandhom igħaddu fuq l-oħrajn huma bħal ma ser nuru hawn taħt:

Lil D ........................................................................ 53 polza

Lil E ........................................................................ 1 polza

Lil I ........................................................................ 17-il polza

Lil K ........................................................................ 19-il polza

Total ta' poloz li huma ż-żejjed ta' poloz ta' B ..... 90 polza

Il-poloz speċjali li għandhom igħaddu fuq D, E, I u K huma dawk miżjudin fl-aħħar fuq il-mazzi ġodda ta' kull wieħed minn dawn il-kandidati, u għalhekk huma dawk li fil-mazzi jinsabu fuq nett. Il-poloz imgħoddija jiġu mmarkati bin-numru ta' l-għadd li fih isir it-trasferiment.

Dawn il-poloz jiżdiedu f'mazzi għalihom mal-mazzi ta' D, E, I u K. (Niftakru li K ma kellu ebda mazz b'voti ewlenin).

Għalhekk it-total ta' dawn il-voti mogħtijin lil dawn il-kandidati jsiru:

D ........................................................................ 10 + 53 = 63

E ........................................................................ 4 + 1 = 5

I ........................................................................ 12 + 17 = 29

K ........................................................................ 0 + 19 = 19

Il-bqija tal-poloz fil-mazzi ġodda (jiġifieri dawk il-poloz li ma għaddewx fuq l-oħrajn) flimkien mal-poloz, li fuqhom ma kien hemm immarkata ebda preferenza ta' wara, jinġabru f'mazz wieħed. Dan il-mazz huma l-poloz li jġibu l-kwota ta' B (50).

Dan il-mazz fih :

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-bqija tal-mazz ġdid ta' | D, | 80 | neqsin 53 | = | 27 |
| " " " " | E, | 2 | neqsin 1 | = | 1 |
| " " " " | I, | 25 | neqsin 17 | = | 8 |
| " " " " | K, | 29 | neqsin 19 | = | 10 |
| Poloz li mhumiex trasferibbli ................ | | | | | 4 |
| Total li hu l-kwota ta' "B" .................... | | | | | 50 |

Il-kalkoli li saru f'dan it-trasferiment huma miġjubin fil-qosor u mdaħħlin fit-tabella ta' hawn taħt:

Għadd Nru. 2.

TRASFERIMENT TAŻ-ŻEJJED TA' "B"

Żejjed ........................................................................ 90

Numru ta' poloz trasferibbli ................................................ 136

Proporzjon ta' poloz li għandhom igħaddu fuq kandidati oħra =

$$\frac{\text{Żejjed}}{\text{Numru ta' poloz trasferibbli}} = \frac{90}{136} = 0.6617647$$

| Ismijiet ta' Kandidati li lilhom hi mogħtija l-preferenza li tibqa' wara | Numru ta' Poloz li ġew eżaminati | Numru ta' Poloz mgħoddijin fuq il-kandidati | | | Numru ta' Poloz li nżammu għall-Kwota ta' B |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Kif ingħaddew | | Numri li ġew imgħoddija (wara li l-akbar partijiet deċimali tqiesu bħala numri shah) | |
| | | Numri shah | Partijiet Deċimali | | |
| A | | | | | |
| C | | | | | |
| D ............ | 80 | 52 | .9412 | 53 | 27 |
| E ............ | 2 | 1 | .3235 | 1 | 1 |
| G | | | | | |
| I ............ | 25 | 16 | .5441 | 17 | 8 |
| K ............ | 29 | 19 | .1912 | 19 | 10 |
| L | | | | | |
| Numru totali ta' poloz trasferibbli ...... | 136 | 88 | 2.0000 | 90 | 46 |
| Numru ta' Poloz mhux trasferibbli... | 4 | — | — | † | 4 |
| TOTALI | 140* (Total) | — | — | 90* (Żejjed) | 50* (Għall-Kwota) |

*Twissijiet lill-Kummissjonarji Elettorali*

* Qabel ma wieħed jibda jgħodd, jaqbel, u tkun ħaġa tajba, li timtela t-tabella tat-trasferimenti billi jitniżżel it-total fil-vojt li hu mmarkat bi stilla żgħira. Dawn it-totali nafuhom qabel ma jibda l-għadd.

† Meta jitgħaddew il-poloz żejda lill-kandidati l-oħra, il-poloz *kollha*, li mhumiex trasferibbli, aktarx dejjem jinżammu bħala biċċa mill-kwota, *imma meta n-numru ta' poloz trasferibbli hu inqas miż-żejjed ta' voti*, id-differenza għandha titniżżel fil-vojt immarkat bi stallett, u fil-kaxxa tal-poloz li mhumiex trasferibbli għandu jitqiegħed l-istess numru ta' poloz li mhumiex trasferibbli. Għaldaqshekk dawn il-poloz li mhumiex trasferibbli għandhom jittieħdu mill-wiċċ tal-mazz, u in-numru ta' poloz li jittieħdu għandu jidher fuq it-Tabella tar-Riżultat fil-linja mħollija għall-poloz li mhumiex trasferibbli.

Wara li jsir il-għadd, insibu li s'issa għandna dan ir-riżultat ta' votazzjoni:

| | Voti |
|---|---|
| B ........................................ | 50 (elett) |
| F ........................................ | 62 (elett) |
| H ........................................ | 50 (elett) |
| D ........................................ | 63 (elett) |
| I ........................................ | 29 |
| C ........................................ | 25 |
| L ........................................ | 24 |
| K ........................................ | 19 |
| G ........................................ | 14 |

| | | |
|---|---|---|
| A | ........................................................................... | 7 |
| E | ........................................................................... | 5 |
| | B'kollox ................................................. | 348 |

D b'dan il-mod għandu 63 vot, jiġifieri numru ta' voti 'l fuq mill-kwota. Għalhekk jitqies li ġie magħżul.

IT-TIELET GĦADD

Issa baqgħu żewġ riżultati b'żejjed ta' voti jew b'numri 'l fuq mill-kwota, li huma dak ta' F (12) u dak ta' D (13). L-ewwel li jitgħadda għal fuq il-kandidati li jibqgħu huwa ż-żejjed ta' F, għax għalkemm hu l-iċken, ġej minn għadd ta' qabel. Iż-żejjed ta' F jiġi mqassam bil-proporzjon fost il-preferenzi li baqgħu wara, skond ma huma mmarkati fuq it-62 polza ewlenija ta' F, u bl-istess mod bħal ma ġew imqassmin fil-każ ta' B. B'hekk insibu li 9 poloz igħaddu fuq L, 2 poloz fuq C u 1 fuq A.

Il-poloz li jagħmlu l-kwota ta' F jinġabru f'mazz wieħed li jiġi mmarkat bl-isem ta' F.

Il-poloz li jagħmlu l-kwota ta' H (li fl-ewwel għadd ġieb il-kwota sewwa) jinġabru bl-istess mod f'mazz wieħed, li jiġi mmarkat bl-isem ta' H.

IR-RABA' GĦADD

Issa għandu jitqassam iż-żejjed ta' D (13). Għaldaqshekk għandu jittieħed biss il-mazz ġdid li ġie mgħoddi fl-aħħar u li fih 53 polza. Dawn jiġu eżaminati u jitqassmu f'mazzi ġodda, skond il-preferenzi li hemm għall-kandidati l-oħra u b'hekk insibu dan ir-riżultat:

Lil I ġiet mogħtija preferenza li baqgħet wara ................. 42 polza

Lil K ġiet mogħtija preferenza li baqgħet wara ............... 10 poloz

Total ta' poloz *trasferibbli* ................................ 52 polza

F'polza waħda m'hemm mogħtija ebda preferenza ... 1 polza

B'kollox ................................ 53

In-numru ta' poloz li għandhom jittieħdu u jgħaddu minn kull mazz insibuh billi nimmultiplikaw in-numru ta' poloz fil-mazzi ġodda bi 13 (li hu ż-żejjed ta' voti) u niddividu dak li jiġina bi 52 (in-numru kollu ta' poloz trasferibbli); għalhekk

Is-sehem miż-żejjed ta' voti li jmiss lil I hu ..... 42 x 0.25 = 10.5

Is-sehem miż-żejjed ta' voti li jmiss lil K hu .... l0 x 0.25 = 2.5

Billi l-partijiet deċimali huma ndaqs, għandha titqies li hi l-akbar parti deċimali dik li hi ġejja mill-akbar mazz. Għalhekk is-sehem miż-żejjed ta' voti ta' D li jmiss lil I hu ta' 11-il vot, u dak li jmiss lil K hu ta' 2 voti.

Biex jiftehmu aħjar, in-numri ta' voti li ġew mgħoddija u li ġew miżmuma huma miġjubin f'din it-tabella tat-trasferiment:

GĦADD Nru. 4

TRASFERIMENT TAŻ-ŻEJJED TA' "D"

Żejjed ........................................................................... 13

Numru ta' poloz trasferibbli ................................................ 52

Proporzjon ta' voti li għandhom igħaddu fuq kandidati oħra =

$$\frac{\text{Żejjed}}{\text{Numru ta' poloz trasferibbli}} = \frac{13}{52} = 0.25$$

| Ismijiet ta' kandidati li lilhom hi mogħtija l-preferenza li baqgħet wara | Numru ta' Poloz li ġew miflija | Numru ta' Poloz imgħoddija lill-kandidati oħra | Numru ta' Poloz li nżammu għall-Kwota ta' D |
|---|---|---|---|
| I ....................................<br>K .................................... | 42<br>10 | (10.5) 11<br>( 2.5) 2 | 31<br>8 |
| Numru totali ta' Poloz trasferibbli ................ | 52 | ( 13 ) 13 | 39 |
| Numru ta' Poloz li ma humiex trasferibbli .... | 1 | — | 1 |
| Totali ................ | 53<br>(Totali) | 13<br>(Żejda) | 40<br>(Għall-Kwota) |

Il-mazzi ġodda ta' 11-il polza u ta' 2 poloz, li huma mmarkati bin-numru ta' l-għadd li fih ikun sar it-trasferiment, jiġu miżjudin mal-mazzi ta' I u K, dak li fih 11-il polza mal-mazz ta' I u dak li fih 2 poloz, mal-mazz ta' K. Il-bqija (31 u 8) flimkien mal-polza li mhix trasferibbli u mal-10 poloz li ħa D fl-ewwel għadd, (li b'kollox jagħmlu 50 polza) jinġabru f'mazz wieħed biex igħaqqdu l-kwota ta' voti ta' D.

Wara li jsir il-għadd insibu li issa għandna dan ir-riżultat ta' votazzjoni:

| | Voti |
|---|---|
| B ........................................................................... | 50 (elett) |
| F ........................................................................... | 50 (elett) |
| H ........................................................................... | 50 (elett) |
| D ........................................................................... | 50 (elett) |
| I ........................................................................... | 40 |
| L ........................................................................... | 33 |
| C ........................................................................... | 27 |
| K ........................................................................... | 21 |
| G ........................................................................... | 14 |
| A ........................................................................... | 8 |
| E ........................................................................... | 5 |
| B'kollox .......................................... | 348 |

IL-ĦAMES GĦADD

Billi m'hemmx iżjed voti żejda x'jitqassmu, il-Kummissjonarju Elettorali jibda biex igħaddi u jqassam il-voti tal-kandidati li ġiebu l-inqas numri ta' voti.

Il-kandidat li għandu l-inqas voti hu E, li ġieb 5 voti; imma billi l-voti ta' A u E flimkien (5 + 8 = 13) huma inqas minn 14, li hu t-total ta' G, (il-kandidat li jaħbat warajhom skond in-numru ta' voti), il-Kummissjonarju Elettorali iqassam il-poloz ta' E u A fl-istess għadd.

Il-poloz tal-mazzi ta' E u A (illi b'kollox għandhom 13) jiġu eżaminati u fihom jinsab illi:

| | | |
|---|---|---|
| Hemm preferenza ta' wara lil C f'polza waħda | | = 1 |
| " " " | G f'7 poloz | = 7 |
| " " " | I f'4 poloz | = 4 |
| Poloz li ma humiex trasferibbli | | 1 |
| B'kollox | | 13 |

Dan il-għadd jagħlaq billi jingħataw: polza lil C, 7 poloz lil G, 4 poloz lil I, u polza li mhix trasferibbli titwarrab għaliha bla ma titqassam.

Insibu għalhekk illi għandna dan ir-riżultat ta' voti:

| | Voti |
|---|---|
| B | 50 (elett) |
| F | 50 (elett) |
| H | 50 (elett) |
| D | 50 (elett) |
| I | 44 |
| L | 33 |
| C | 28 |
| G | 21 |
| K | 21 |
| Polza mhix trasferibbli | 1 |
| B'kollox | 348 |

IS-SITT GĦADD

Bil-ħames għadd ma jiġi magħżul ebda kandidat u għalhekk jeħtieġ li jitkompla x-xogħol bil-għadd ta' wara, il-kandidati G u K għandhom kull wieħed l-istess numru ta' voti (21) u l-inqas li għandhom voti. L-ewwel ma jitqassmu l-poloz ta' K billi dan, fl-ewwel għadd, kien ġieb voti inqas minn G.

Meta jitqassmu l-poloz ta' K (21 ), 3 poloz jingħataw lil C, 15 lil I, u 1 lil L, u 2 jibqgħu bla ma jitqassmu billi huma poloz li mhumiex trasferibbli. B'dan il-mod I iwassal it-total ta' 59 vot u għalhekk jitqies bħala elett.

Insibu għalhekk li s'issa r-riżultat tal-votazzjoni hu dan:

| | Voti |
|---|---|
| B | 50 (elett) |
| F | 50 (elett) |
| H | 50 (elett) |
| D | 50 (elett) |
| I | 59 (elett) |
| L | 34 |
| C | 31 |
| G | 21 |
| Poloz li mhumiex trasferibbli | 3 |
| B'kollox | 348 |

IS-SEBA' GĦADD

Issa wasalna biex inqassmu ż-żejjed ta' voti (9) li għandu I.

Għaldaqshekk għandu jittieħed biss il-mazz ġdid ta' poloz li kienu dan l-aħħar mgħoddija lil I (15-il polza).

Dawn jinġabru f'mazzi ġodda favur il-kandidati li jibqgħu u b'hekk insibu li għandna dan ir-riżultat:

F'4 poloz hemm preferenza ta' wara mogħtija lil C = 4

Fi 3 poloz hemm preferenza ta' wara mogħtija lil L = 3

Total ta' poloz trasferibbli ... ... ... 7

Poloz li ma humiex trasferibbli ... ... 8

B'kollox .. 15

F'dan il-każ it-total ta' poloz trasferibbli (7) hu inqas miż-żejjed ta' voti (9) u għalhekk il-Kummissjonarju Elettorali igħaddi l-mazzi ġodda kollha ta' poloz trasferibbli lill-kandidati l-oħra li huma mmarkati bil-preferenza li tibqa'. B'dan il-mezz jingħataw 7 voti miż-żejjed ta' 9 voti żejda. Hemm differenza ta' 2 poloz. Il-mazz ġdid ta' poloz li mhumiex trasferibbli jiġi għalhekk maqsum fi tnejn, wieħed fih 2 poloz (li jagħmlu miż-żejjed ta' voti) u l-ieħor fih 6 poloz (li huma meħtieġa għall-kwota ta' I). Il-porzjon li fiha 2 poloz titqiegħed għaliha flimkien mal-mazzi l-oħra ta' poloz li ma ħumiex trasferibbli, u l-porzjon li fiha 6 poloz tinżamm biex biha jkun hemm il-kwota ta' I (6 + 44 = 50).

In-numri ta' voti mgħoddija u miżmuma huma miġjubin fit-tabella li ġejja:

GĦADD NRU. 7

Trasferiment taż-żejjed ta' "I"

Żejjed ... 9

Numru ta' poloz trasferibbli ... 7

Proporzjon ta' poloz li għandhom igħaddu fuq kandidati oħra =

$$\frac{\text{Żejjed}}{\text{Numru ta' poloz trasferibbli}} = \frac{9}{7} \quad \text{(din tingħadd b' 1)}$$

| Ismijiet ta' Kandidati li ilhom hi moghtija l-preferenza li tibqa' wara | Numru ta' Poloz li ġew eżaminati | Numru ta' Poloz mghoddijin fuq il-kandidati | | | Numru ta' Poloz li nżammu għall-Kwota ta' I |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Kif inghaddew | | Numri li ġew imghoddija (wara li l-akbar partijiet deċimali tqiesu bhala numri shah) | |
| | | Numri shah | Partijiet Deċimali | | |
| C ............ | 4 | 4 | — | 4 | — |
| L ............ | 3 | 3 | — | 3 | — |
| Numru totali ta' poloz trasferibbli ...... | 7 | 7 | — | 7 | — |
| Numru ta' Poloz mhux trasferibbli... | 8 | — | — | 2 † | 6 |
| TOTALI | 15* (Total) | — | — | 9* (Żejjed) | 6* (Għall-Kwota) |

*Twissijiet lill-Kummissjonarji Elettorali*

* Qabel ma wieħed jibda jgħodd, jaqbel, u tkun ħaġa tajba, li timtela t-tabella tat-trasferimenti billi jitniżżel it-total fil-vojt li hu mmarkat bi stilla żgħira. Dawn it-totali nafuhom qabel ma jibda l-għadd.

† Meta jitgħaddew il-poloz żejda lill-kandidati l-oħra, il-poloz *kollha*, li mhumiex trasferibbli, aktarx dejjem jinżammu bħala biċċa mill-kwota, *imma meta n-numru ta' poloz trasferibbli hu inqas miż-żejjed ta' voti*, id-differenza għandha titniżżel fil-vojt immarkat bi stallett, u fil-kaxxa tal-poloz li mhumiex trasferibbli għandu jitqiegħed l-istess numru ta' poloz li mhumiex trasferibbli. Għaldaqshekk dawn il-poloz li mhumiex trasferibbli għandhom jittieħdu mill-wiċċ tal-mazz, u in-numru ta' poloz li jittieħdu għandu jidher fuq it-Tabella tar-Riżultat fil-linja mħollija għall-poloz li mhumiex trasferibbli.

Wara s-seba' għadd insibu li għandna dan ir-riżultat ta' votazzjoni:

| | Voti |
|---|---|
| B ........................................ | 50 (elett) |
| F ........................................ | 50 (elett) |
| H ........................................ | 50 (elett) |
| D ........................................ | 50 (elett) |
| I ........................................ | 50 (elett) |
| L ........................................ | 37 |
| C ........................................ | 35 |
| G ........................................ | 21 |
| Poloz li mhumiex trasferibbli ............ | 5 |
| B'kollox ................................. | 348 |

IT-TMIEN GĦADD

Billi m'hemmx iżjed voti żejda, il-voti ta' G, li għandu l-inqas voti, jiġu mqassmin.

Fil-mazz ta' G, ta' 21 polza, hemm 7 poloz li fihom hemm il-preferenza ta' wara mogħtija lil C, u 12-il polza li fihom hemm il-preferenza ta' wara mogħtija lil L u 2 poloz li mhumiex trasferibbli.

Għalhekk 7 poloz imorru fuq C u 12 fuq L, u 2 jitqiegħdu mazz għalihom mal-mazzi l-oħra ta' poloz li mhumiex trasferibbli.

Ir-Riżultat tal-Votazzjoni huwa dan:

| | Voti |
|---|---|
| B | 50 (elett) |
| F | 50 (elett) |
| H | 50 (elett) |
| D | 50 (elett) |
| I | 50 (elett) |
| L | 49 |
| C | 42 |
| Poloz li mhumiex trasferibbli | 7 |
| B' kollox | 348 |

Billi issa m'hemmx iżjed voti żejda, C, il-kandidat li għandu l-inqas numru ta' voti jiġi maħruġ mill-elezzjoni. Imma billi baqa' post battal u ma baqax iżjed kandidati, ħlief L, L jiġi magħżul mingħajr ebda trasferiment ta' voti.

Ir-riżultat ta' l-aħħar hu illi B, F, H, D, I u L jiġu eletti.

F'din it-"Tabella tar-Riżultat", li hi miżjuda ma' dawn l-Iskedi, hemm imfissrin u mogħtijin il-kalkoli kollha li saru f'din il-votazzjoni.

## TABELLA TAR-RIŻULTAT

Nru. ta' voti ... 348 Nru. ta' Postijiet ... 6 Kwota = $\frac{348}{7} + 1 = 50$

| Ismijiet ta' Kandidati | 1Għadd | 2 Għadd | | 3 Għadd | | 4 Għadd | | 5 Għadd | | 6 Għadd | | 7 Għadd | | 8 Għadd | | Membri Eletti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Trasferiment taż-żejjed ta' B | Riżultat | Trasferiment taż-żejjed ta' F | Riżultat | Trasferiment taż-żejjed ta' D | Riżultat | Trasferiment tal-Voti ta' A u E | Riżultat | Trasferiment tal-Voti ta' K | Riżultat | Trasferiment taż-żejjed ta' I | Riżultat | Trasferiment tal-Voti ta' G | Riżultat | |
| A .............. | 7 | — | 7 | +1 | 8 | — | 8 | -8 | — | — | — | — | — | — | — | — |
| B .............. | 140 | -90 | 50 | — | 50 | — | 50 | — | 50 | — | 50 | — | 50 | — | 50 | B |
| C .............. | 25 | — | 25 | +2 | 27 | — | 27 | +1 | 28 | +3 | 31 | +4 | 35 | +7 | 42 | — |
| D .............. | 10 | +53 | 63 | — | 63 | -13 | 50 | — | 50 | — | 50 | — | 50 | — | 50 | D |
| E .............. | 4 | +1 | 5 | — | 5 | — | 5 | -5 | — | — | — | — | — | — | — | — |
| F .............. | 62 | — | 62 | -12 | 50 | — | 50 | — | 50 | — | 50 | — | 50 | — | 50 | F |
| G .............. | 14 | — | 14 | — | 14 | — | 14 | +7 | 21 | — | 21 | — | 21 | -21 | — | — |
| H .............. | 50 | — | 50 | — | 50 | — | 50 | — | 50 | — | 50 | — | 50 | — | 50 | H |
| I .............. | 12 | +17 | 29 | — | 29 | +11 | 40 | +4 | 44 | +15 | 59 | -9 | 50 | — | 50 | I |
| K .............. | — | +19 | 19 | — | 19 | +2 | 21 | — | 21 | -21 | — | — | — | — | — | — |
| L .............. | 24 | — | 24 | +9 | 33 | — | 33 | — | 33 | +1 | 34 | +3 | 37 | +12 | 49 | L |
| Poloz mhux trasferibbli | — | — | — | — | — | — | — | +1 | 1 | +2 | 3 | +2 | 5 | +2 | 7 | — |
| TOTALI .... | 348 | — | 348 | — | 348 | — | 348 | — | 348 | — | 348 | — | 348 | — | 348 | — |

*Emendata: A.L. 425 ta' l-2007.*

## ERBATAX-IL SKEDA

(Artikolu 118)

*Artikoli 41 sa 62 ta' l-Ordinanza Elettorali dwar il-Votazzjoni (Kap.102)*

Kuntratti dwar spejjeż ta' elezzjoni.

**41.** Il-kuntratt, li bis-saħħa tiegħu jintefqu spejjeż għal elezzjoni jew dwar it-tmexxija jew direzzjoni ta' elezzjoni, ma jobbligax kandidat f'dik l-elezzjoni, ħlief jekk ikun magħmul mill-kandidat stess jew mill-aġent elettorali tiegħu; iżda l-fatt li taħt dan l-artikolu dak il-kuntratt ma jobbligax lill-kandidat, ma jeħlisx lill-kandidat mill-konsegwenzi ta' atti ta' korruzzjoni jew illegali magħmulin mill-aġent tiegħu.

Il-ħlas ta' l-ispejjeż isir bil-mezz ta' l-aġent elettorali.

**42.** (1) Barra minn fil-każijiet permessi f'din l-Ordinanza bis-saħħa tagħha, ebda ħlas jew antiċipu jew depożitu ma jista' jsir minn kandidat f'elezzjoni, jew minn aġent f'isem il-kandidat, jew minn persuna oħra, qabel, matul jew wara dik l-elezzjoni, għal spejjeż minfuqa għal elezzjoni, jew għat-tmexxija jew direzzjoni ta' elezzjoni ħlief mill-aġent elettorali tal-kandidat jew bil-mezz tiegħu, u kull somma ta' flus maħruġa minn persuna li ma tkunx il-kandidat għal spejjeż minfuqa għal elezzjoni jew għat-tmexxija jew direzzjoni ta' l-elezzjoni, sew bħala rigal, self, antiċipu jew depożitu, għandha titħallas lill-kandidat jew lill-aġent elettorali tiegħu u mhux xort'oħra; iżda dan l-artikolu ma jitqies li jgħodd għal ebda somma maħruġa minn persuna minn flusha għal spejjeż żgħar li tkun għamlet skond il-liġi, kemm-il darba din is-somma ma tiġix imħallsa lura liha.

(2) Kull min jikser dan l-artikolu billi jagħmel ħlas, antiċipu, jew depożitu jew iħallas flus maħruġa kif jingħad hawn fuq, ikun ħati ta' att illegali.

Żmien li fih għandhom jintalbu u jitħallsu spejjeż ta' elezzjoni. *Emendat: A.L. 425 ta' l-2007.*

**43.** (1) Kull ħlas magħmul minn aġent elettorali għal spejjeż li jkunu saru għal elezzjoni jew għat-tmexxija jew direzzjoni ta' elezzjoni barra minn meta s-somma tkun ta' anqas minn tmienja u ħamsin ċenteżmu, għandu jidher minn kont bid-dettalji kollha u minn irċevuta.

(2) Kull talba kontra kandidat f'elezzjoni jew l-aġent tiegħu għall-ħlas ta' spejjeż li jkunu saru għal elezzjoni jew għat-tmexxija jew direzzjoni ta' elezzjoni, li ma tiġix mibgħuta lill-aġent elettorali fi-żmien stabbilit f'din l-Ordinanza, tiġi preskritta u m'għandhiex tiġi mħallsa; u barra minn dawk l-eċċezzjonijiet li jista' jkun hemm bis-saħħa ta' din l-Ordinanza, kull aġent elettorali li jħallas kont b'kontravvenzjoni ta' dan l-artikolu jkun ħati ta' att illegali.

(3) Ħlief fil-każijiet permessi f'din l-Ordinanza, iż-żmien stabbilit f'din l-Ordinanza biex jintbagħtu talbiet għal ħlas huwa ta' erbatax-il ġurnata wara dik li fiha l-kandidat li tela' jiġi ddikjarat elett.

(4) L-ispejjeż kollha minfuqa minn kandidat f'elezzjoni jew f'ismu, u li jkunu ġew hekk minfuqa għall-elezzjoni jew għat-tmexxija jew direzzjoni ta' dik l-elezzjoni, għandhom jitħallsu fiż-żmien stabbilit f'din l-Ordinanza u mhux xort'oħra; u, barra minn

dawk l-eċċezzjonijiet li jista’ jkun hemm bis-saħħa ta’ din l-Ordinanza, kull aġent elettorali li jagħmel ħlasijiet b’kontravvenzjoni ta’ din id-disposizzjoni jkun ħati ta’ att illegali.

(5) Ħlief fil-każijiet permessi f’din l-Ordinanza, iż-żmien stabbilit f’din l-Ordinanza għall-ħlas ta’ dawn l-ispejjeż kif jingħad hawn fuq huwa tmienja u għoxrin ġurnata wara dik li fiha l-kandidat li tela’ jiġi ddikjarat elett.

(6) Meta jiġi ppruvat minn kandidat għas-sodisfazzjon tal-qorti li ħlas magħmul minn aġent elettorali b’kontrav-venzjoni ta’ dan l-artikolu sar mingħajr il-permess jew konnivenza ta’ dak il-kandidat, l-elezzjoni tiegħu ma tkunx nulla, u huwa ma jkun suġġett għal ebda inkapaċità taħt din l-Ordinanza minħabba biss li dak il-ħlas ikun sar b’kontravvenzjoni ta’ dan l-artikolu.

(7) Jekk l-aġent elettorali jikkontesta talba għall-ħlas mibgħuta lilu fiż-żmien stabbilit f’din l-Ordinanza, jew jirrifjuta jew jonqos li jħallasha fiż-żmien hawn fuq imsemmi ta’ tmienja u għoxrin ġurnata, dik it-talba għall-ħlas titqies li hija talba kkontestata.

(8) Min jagħmel talba għall-ħlas li tiġi kkontestata jista’, jekk irid, jaġixxi għall-ħlas fil-qorti ċivili kompetenti; u kull somma li titħallas mill-kandidat jew mill-aġent tiegħu skond is-sentenza jew digriet ta’ dik il-qorti titqies li ġiet imħallsa fiż-żmien stabbilit f’din l-Ordinanza, u titqies ukoll li hija eċċezzjoni għad-disposizzjonijiet ta’ din l-Ordinanza li jridu li l-kontijiet jitħallsu mill-aġent elettorali.

(9) Meta tiġi pprovata raġuni tajba għas-sodisfazzjon tal-qorti ċivili kompetenti, il-qorti fuq rikors ta’ min jagħmel it-talba għall-ħlas, jew tal-kandidat, jew ta’ l-aġent tiegħu tista’, b’digriet, tagħti permess li titħallas mill-kandidat jew mill-aġent elettorali tiegħu talba kkontestata, jew talba għal spejjeż kif jingħad hawn fuq, għalkemm tkun ġiet mibgħuta wara ż-żmien li fih skond dan l-artikolu għandhom jintbagħtu t-talbiet, jew għalkemm it-talba għall-ħlas tkun intbagħtet lill-kandidat u mhux lill-aġent elettorali.

(10) Kull somma speċifikata f’dak id-digriet tista’ titħallas mill-kandidat jew mill-aġent elettorali tiegħu, u meta tiġi mħallsa skond dak il-permess titqies li ġiet imħallsa fiż-żmien stabbilit f’din l-Ordinanza.

Ħlas ta’ kumpens lill-aġent elettorali.

**44.** Safejn iċ-ċirkostanzi jippermettu, din l-Ordinanza tgħodd għal talba ta’ kumpens magħmula minn aġent elettorali għax-xogħol tiegħu u għall-ħlas ta’ dak il-kumpens bħallikieku huwa kien xi kreditur ieħor, u jekk tinqala’ kwistjoni dwar l-ammont ta’ dik it-talba, din tkun talba kkontestata fis-sens ta’ din l-Ordinanza, u tiġi hekk ittrattata.

Spejjeż personali tal-kandidat u spejjeż żgħar.
*Emendat: A.L. 425 ta’ l-2007.*

**45.** (1) Il-kandidat f’elezzjoni jista’ jħallas l-ispejjeż personali li jagħmel huwa għall-elezzjoni jew li jkollhom x’jaqsmu ma’ l-elezzjoni jew li jkunu inċidentali għal dik l-elezzjoni sa ammont mhux iżjed minn sebgħa u għoxrin euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (27.95), iżda kull spiża oħra personali li jkun hekk għamel għandha titħallas mill-aġent elettorali tiegħu.

(2) Il-kandidat għandu jibgħat lill-aġent elettorali fiż-żmien li

fih skond din l-Ordinanza għandhom jintbagħtu t-talbiet għall-ħlas, dikjarazzjoni bil-miktub ta' l-ammont ta' l-ispejjeż personali mħallsin kif jingħad hawn fuq mill-kandidat.

(3) Fl-ispejjeż personali ta' kandidat jidħlu l-ispejjeż xierqa ta' trasport u l-ispejjeż xierqa għall-qagħad tiegħu f'lukandi jew band'oħra għall-finijiet ta' l-elezzjoni.

(4) Kull persuna tista', jekk tkun hekk awtorizzata bil-miktub mill-aġent elettorali tal-kandidat, tħallas l-ispejjeż meħtieġa ta' kartolerija, pustaġġ, telegrammi, u spejjeż żgħar oħra sa ammont li kollu kemm hu ma jiskorrix l-ammont imsemmi fl-awtorizzazzjoni, iżda kull somma 'l fuq minn dak l-ammont għandha titħallas mill-aġent elettorali.

(5) Dikjarazzjoni bid-dettalji tal-ħlasijiet magħmulin minn persuna hekk awtorizzata għandha tintbagħat lill-aġent elettorali fiż-żmien li fih skond din l-Ordinanza għandhom jintbagħtu t-talbiet għall-ħlas, u għandha tkun imwettqa b'kont bl-irċevuta ta' dik il-persuna.

Spiża li taqbeż il-*maximum* hija att illegali.
*Sostitwit: A.L. 425 ta' l-2007.*

**46.** (1) Barra minn dawk l-eċċezzjonijiet li jista' jkun hemm bis-saħħa ta' din l-Ordinanza, ebda somma ma tista' titħallas u ebda spiża ma tista' ssir minn kandidat f'elezzjoni jew mill-aġent elettorali tiegħu, sew qabel, matul, jew wara l-elezzjoni, għall-elezzjoni jew għat-tmexxija jew direzzjoni ta' dik l-elezzjoni, iżjed minn elf u erba' mitt euro (1,400):

Iżda f'dan l-ammont ma tidħolx l-ispiża magħmula mill-kandidat għall-ispejjeż tiegħu personali, lanqas il-kumpens (jekk ikun hemm) li jitħallas lill-aġent elettorali basta li dan il-kumpens ma jiskorrix mitejn u ħamsa u tletin euro (235).

(2) Fil-każ ta' kandidati li joħorġu għal elezzjoni fl-istess distrett bħala membri ta' l-istess partit politiku, l-ispejjeż ta' dawk il-kandidati jistgħu jingħaddu flimkien u ma jitqiesx li kien hemm kontravvenzjoni għal dan l-artikolu ħlief jekk l-ispejjeż kollha ta' dawk il-kandidati, magħdudin flimkien, jiskorru jew is-somma ta' elf u erba' mitt euro (1,400) moltiplikata bin-numru ta' dawk il-kandidati jew is-somma ta' sebat elef euro (7,000) skond liema minnhom tkun l-iżgħar: iżda jekk is-somma kollha ta' dawk l-ispejjeż tiskorri waħda mis-somom hawn fuq imsemmija, l-ispejjeż ta' l-oħrajn u jgħoddu d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1).

(3) Kull kandidat jew aġent elettorali li xjentement jikser dan l-artikolu jkun ħati ta' att illegali.

Ċerti spejjeż huma att illegali.

**47.** (1) Ebda ħlas jew kuntratt għall-ħlas bl-iskop li jgħin jew jipprokura li jitla' kandidat f'elezzjoni, ma jista' jsir -

(*a*) għat-trasport ta' eletturi għal post ta' votazzjoni jew minn dan il-post sew billi jinkrew vetturi jew xort'oħra; jew

(*b*) għall-użu ta' dar, art, bini jew lokal għall-esposizzjoni ta' appell, kartellun jew avviż, jew minħabba din l-esposizzjoni, lil xi elettur jew ma' xi elettur.

(2) Barra minn dawk l-eċċezzjonijiet li jista' jkun hemm taħt

din l-Ordinanza, jekk jiġi xjentement magħmul ħlas jew kuntratt għall-ħlas b'kontravvenzjoni ta' dan l-artikolu sew qabel, matul, jew wara elezzjoni, il-persuna li tagħmel dak il-ħlas jew kuntratt tkun ħatja ta' att illegali, u kull min jirċievi dak il-ħlas jew ikun parti f'dak il-kuntratt, meta jaf li hu b'kontravvenzjoni ta' dan l-artikolu, ikun ukoll ħati ta' att illegali:

Iżda meta l-mestier ordinarju ta' elettur bħala aġent ta' pubbliċità jew bħala editur huwa li jesponi bi ħlas kartelluni u avviżi, il-ħlas lil dak l-elettur jew il-kuntratt miegħu, jekk magħmul fil-kors ordinarju ta' dak il-mestier, ma jitqiesx li huwa att illegali fis-sens ta' dan l-artikolu.

Ċerti impiegi huma illegali.

**48.** (1) Ħadd ma jista', biex jgħin jew jipprokura li jitla' kandidat f'elezzjoni, jiġi mqabbad jew impjegat bi ħlas jew b'wegħda ta' ħlas għal ebda skop u f'ebda kwalità, ħlief għall-iskopijiet jew fil-kwalitajiet li ġejjin:

(*a*) aġent elettorali wieħed u mhux iżjed;

(*b*) numru raġonevoli ta' skrivani u messaġġieri, skond il-kobor tad-distrett elettorali u n-numru ta' eletturi mniżżlin fir-reġistru elettorali għal dak id-distrett.

(2) Barra minn xi eċċezzjoni li jista' jkun hemm taħt din l-Ordinanza, jekk persuna tiġi mqabbda jew impjegata b'kontravvenzjoni ta' dan l-artikolu, sew qabel, matul jew wara elezzjoni, il-persuna li tqabbadha jew li timpjegaha tkun ħatja ta' att illegali.

Riserva għal kredituri.

**49.** Id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza li jipprojbixxu ċerti ħlasijiet jew kuntratti għal ħlasijiet, u l-ħlas ta' somom, u l-infieq ta' spejjeż li jiskorru ċerti ammonti stabbiliti, ma jippreġudikawx il-jedd ta' ebda kreditur illi, meta saru l-kuntratt jew l-ispiża ma kienx jaf li saru b'kontravvenzjoni ta' din l-Ordinanza.

Rapport u dikjarazzjoni dwar spejjeż elettorali.

**50.** (1) Fi żmien wieħed u tletin ġurnata wara l-ħruġ tar-riżultat ta' elezzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, l-aġent elettorali ta' kull kandidat f'dik l-elezzjoni għandu jibgħat lill-kummissjonarju rapport ta' l-ispejjeż elettorali ta' dik il-persuna, li għandu jkun fih il-partikolaritajiet imsemmijin fis-Seba' Skeda li hawn ma' din l-Ordinanza, u għandu jkun iffirmat sew mill-kandidat kif ukoll mill-aġent elettorali tiegħu. Kemm-il darba l-kandidat ikun nieqes minn Malta, id-dmirijiet li jmissu lilu jistgħu jiġu esegwiti minn rappreżentant maħtur għaldaqshekk.

(2) Dan ir-rapport għandu jkun fih iddikjarati l-ħlasijiet kollha magħmulin mill-kandidat jew mill-aġent elettorali tiegħu, jew minn persuni oħra f'isem il-kandidat jew fl-interess tiegħu, għall-ispejjeż li jkunu saru għall-elezzjoni, jew għat-tmexxija jew direzzjoni ta' l-elezzjoni, u għandu jkun fih iddikjarat ukoll kull dejn ieħor li jkun għadu mhux imħallas, dwar dawk l-ispejjeż, li huwa jew l-aġent elettorali tiegħu jkun jaf bih.

(3) Ir-rapport għandu jkollu miegħu d-dikjarazzjonijiet li għandhom isiru bil-ġurament quddiem maġistrat mill-kandidat jew l-aġent elettorali tiegħu, fil-formola miġjuba fis-Seba' Skeda li hawn ma' din l-Ordinanza.

(4) Kull kandidat jew aġent elettorali illi jikser id-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu, ikun ħati, bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 56, ta’ att illegali.

Pubblikazzjoni ta’ avviż dwar ir-rapport ta’ spejjeż elettorali. *Sostitwit: A.L. 425 ta’ l-2007.*

**51.** Meta r-rapport ta’ l-ispejjeż elettorali, u d-dikjarazzjonijiet dwarhom jiġu ppreżentati lill-kummissjonarji, dawn għandhom, mill-iktar fis li jista’ jkun, jieħdu ħsieb li avviż tad-data li fiha ġew ippreżentati r-rapport u d-dikjarazzjonijiet, u tal-ħin u tal-lok li fihom jistgħu jiġu eżaminati jiġi mwaħħal f’post fejn jidher sewwa fl-uffiċċju tal-kummissjonarji u ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern, u kull min irid, bil-ħlas ta’ dritt ta’ tnax-il ċenteżmu (0.12), għandu l-jedd jara dak ir-rapport jew dawk id-dikjarazzjonijiet u, bil-ħlas ta’ erbatax-il ċenteżmu (0.14) għal kull faċċata ta’ mija u għoxrin kelma, jista’ jitlob kopja jew kopji ta’ kull parti tagħhom.

Piena għal min jinsab ħati ta’ att illegali. *Emendat: A.L. 425 ta’ l-2007.*

**52.** (1) Kull min jagħmel att illegali jeħel, meta jinsab ħati, multa ta’ mhux iżjed minn erba’ mija u ħamsa u sittin euro (465) u bħala konsegwenza talli jiġi hekk misjub ħati, isir inkapaċi, għal żmien ta’ erba’ snin mid-data li fiha jiġi misjub ħati, li jkun irreġistrat bħala elettur jew li jivvota f’elezzjoni jew li jkun elett membru, u jekk qabel dik id-data jkun ġie elett membru, il-post tiegħu, bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 55 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, jsir battal mid-data li huwa jiġi misjub hekk ħati.

(2) Ebda proċediment għal att illegali ma’ jista’ jinbeda mingħajr il-permess ta’ l-Avukat Ġenerali.

## TAQSIMA V

### ATTI TA’ KORRUZZJONI

Personifikazzjoni.

**53.** Kull min f’elezzjoni li ssir taħt din l-Ordinanza jitlob polza ta’ votazzjoni taħt l-isem ta’ persuna oħra, sew jekk dak l-isem ikun ta’ persuna ħajja jew mejta jew ta’ persuna ivvintata, jew, wara li jkun ġà ivvota darba f’dik l-elezzjoni, jitlob fl-istess elezzjoni polza ta’ votazzjoni f’ismu nnifsu, ikun ħati ta’ reat ta’ personifikazzjoni.

Trattament.

**54.** (1) Kull min, b’korruzzjoni, huwa nnifsu jew bil-mezz ta’ persuna oħra, qabel, matul jew wara elezzjoni, direttament jew indirettament, jagħti jew jipprovdi, jew iħallas l-ispiża kollha jew biċċa mill-ispiża biex jingħata jew jiġi pprovdut ikel, xorb, trattament, jew proviżjon lil persuna, jew għal xi persuna, bil-ħsieb li b’korruzzjoni jinfluwixxi fuq dik il-persuna jew fuq persuna oħra biex tagħti jew biex ma tagħtix il-vot tagħha f’elezzjoni, jew minħabba li dik il-persuna jew persuna oħra tkun tat jew ma tkunx tat il-vot, jew minħabba li tkun sejra tivvota jew sejra ma tivvotax f’elezzjoni, ikun ħati ta’ reat ta’ trattament.

(2) Kull elettur li b’korruzzjoni jaċċetta jew jieħu ikel, xorb, trattament, jew proviżjon, kif jingħad hawn fuq, ikun ħati ta’ reat ta’ trattament.

Użu ta' influwenza illegali.

**55.** Kull min, direttament jew indirettament, huwa nnifsu jew bil-mezz ta’ ħaddieħor għalih, juża jew ihedded li juża forza,

vjolenza jew restrizzjoni, jew jikkaġuna jew ihedded li jikkaġuna, huwa nnifsu jew bil-mezz ta' ħaddieħor, offiża, dannu, ħsara jew telf temporali jew spiritwali fuq persuna jew kontra persuna sabiex iħajjar jew iġiegħel lil dik il-persuna tivvota jew ma tivvotax, jew minħabba li dik il-persuna tkun ivvotat jew ma tkunx ivvotat f'elezzjoni, u kull min b'serq tal-persuna, bi vjolenza, jew b'att jew mezz qarrieqi, jimpedixxi jew ma jħallix l-eżerċizzju liberu tal-jedd tal-vot ta' elettur, jew b'hekk iġiegħel, iħajjar jew jipperswadi elettur biex jagħti jew biex ma jagħtix il-vot tiegħu f'elezzjoni, ikun ħati tar-reat ta' użu ta' influwenza illegali.

**56.** Hu ħati tar-reat ta' korruzzjoni: Korruzzjoni.

(*a*) kull min, direttament jew indirettament, huwa nnifsu jew bil-mezz ta' ħaddieħor għalih, jagħti, jislef jew jiftiehem li jagħti jew jislef, jew joffri, iwiegħed jew iwiegħed li jipprokura jew li jfittex li jipprokura, flus jew xi ħaġa li tiswa flus lil jew għal xi elettur; jew lil jew għal persuna oħra fl-interess ta' elettur, jew lil jew għal xi persuna oħra, biex iħajjar elettur jivvota jew ma jivvotax, jew b'korruzzjoni jagħmel xi att kif jingħad hawn fuq minħabba li dan l-elettur ikun ivvota jew ma jkunx ivvota f'elezzjoni taħt din l-Ordinanza;

(*b*) kull min, direttament jew indirettament, huwa nnifsu jew bil-mezz ta' ħaddieħor għalih, jagħti jew jipprokura, jew jiftiehem li jagħti jew li jipprokura, jew joffri, iwiegħed jew iwiegħed li jipprokura jew li jfittex li jipprokura kariga, post jew impieg lil jew għal xi elettur jew lil jew għal xi persuna fl-interess ta' elettur jew lil jew għal xi persuna oħra biex iħajjar elettur jivvota jew ma jivvotax, jew jagħmel b'korruzzjoni xi att kif jingħad hawn fuq minħabba li elettur ikun ivvota jew ma jkunx ivvota f'elezzjoni taħt din l-Ordinanza;

(*ċ*) kull min direttament jew indirettament huwa nnifsu jew bil-mezz ta' ħaddieħor għalih, jirregala, jislef, joffri, iwiegħed, jipprokura jew jiftiehem, bil-mod fuq imsemmi, lil jew ma' xi persuna sabiex iħajjar lil din il-persuna li tipprokura jew li tfittex li tipprokura l-elezzjoni ta' xi ħadd bħala membru tal-Kamra, jew li tipprokura jew tfittex li tipprokura l-vot ta' xi elettur f'elezzjoni li ssir taħt din l-Ordinanza;

(*d*) kull min, wara jew minħabba dak ir-rigal, self, offerta, wegħda, prokurament jew ftehim kif jingħad hawn fuq, jipprokura jew jobbliga ruħu, iwiegħed jew ifittex li jipprokura l-elezzjoni ta' persuna bħala membru tal-Kamra jew il-vot ta' xi elettur f'elezzjoni li ssir taħt din l-Ordinanza;

(*e*) kull min joħroġ flus jew iħallas jew iġiegħel li jitħallsu flus lil persuna oħra jew għall-użu ta' persuna oħra sabiex dawk il-flus jew biċċa minnhom jintefqu f'korruzzjonijiet f'elezzjoni li ssir taħt din l-Ordinanza, jew xjentement iħallas jew iġiegħel li

jitħallsu flus lil xi persuna bi ħlas jew b'radd ta' flus li ntefqu kollha jew biċċa minnhom f'korruzzjonijiet f'dik l-elezzjoni;

(*f*) kull elettur illi, qabel jew matul elezzjoni taħt din l-Ordinanza, direttament jew indirettament, huwa nnifsu jew bil-mezz ta' ħaddieħor għalih, jirċievi flus, rigal, self, jew xi ħaġa li tiswa flus, kariga, post jew impieg, jew jiftiehem jew jikkuntratta fuqhom għalih jew għal persuna oħra, biex jivvota jew biex jobbliga ruħu li jivvota jew biex ma jivvotax jew biex jobbliga ruħu li ma jivvotax f'dik l-elezzjoni;

(*g*) kull min, wara elezzjoni taħt din l-Ordinanza, direttament jew indirettament, huwa nnifsu jew bil-mezz ta' ħaddieħor għalih, jirċievi flus jew xi ħaġa li tiswa flus minħabba li persuna tkun ivvotat jew ma tkunx ivvotat jew minħabba li jkun ġiegħel persuna oħra li tivvota jew li ma tivvotax f'dik l-elezzjoni.

Piena u inkapaċità minħabba atti illegali.
*Emendat: A.L. 425 ta' l-2007.*

**57.** (1) Kull min jikkommetti r-reat ta' personifikazzjoni, ta' trattament, ta' użu ta' influwenza illegali jew ta' korruzzjoni jew igħin, iħajjar, jagħti parir jew jipprokura biex isir ir-reat ta' personifikazzjoni u kull kandidat jew aġent elettorali li xjentement igħid il-falz fid-dikjarazzjoni meħtieġa fl-artikolu 50 dwar l-ispejjeż elettorali, ikun ħati ta' att illegali u jeħel, meta jinsab ħati, fid-diskrezzjoni tal-qorti, multa ta' mhux iżjed minn elf u mija u sittin euro (1,160), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien, u, minħabba li jkun ġie hekk misjub ħati, isir inkapaċi, għaż-żmien ta' seba' snin, mid-data li jkun ġie misjub ħati, li jkun irreġistrat bħala elettur u li jivvota f'elezzjoni taħt din l-Ordinanza, jew li jkun elett bħala membru, u jekk f'dik id-data huwa jkun ġie elett membru, l-elezzjoni tiegħu, bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 55 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, titħassar mid-data li huwa jiġi hekk misjub ħati.

(2) Ebda proċediment dwar att ta' korruzzjoni ma jista' jinbeda mingħajr il-permess ta' l-Avukat Ġenerali.

(3) Għall-finijiet ta' din it-Taqsima ta' din l-Ordinanza, riferenzi għal "tivvota" jew għal "ma tivvotax", jew għal "tagħti" jew għal "ma tagħtix il-vot", jinkludu riferenzi għal "tivvota" jew għal "ma tivvotax" b'mod partikolari.

## TAQSIMA VI

### SKUŻA F'KAŻ TA' ATTI TA' KORRUZZJONI U TA' ATTI ILLEGALI

Raġunijiet li jiskużaw lill-kandidat f'xi każijiet ta' atti ta' korruzzjoni jew illegali magħmulin mill-aġenti tiegħu.

**58.** L-elezzjoni ta' kandidat, li kien ħati fil-persuna ta' l-aġenti tiegħu, tar-reat ta' trattament u ta' użu ta' influwenza illegali, u ta' atti illegali, jew ta' xi reati minn dawn, dwar dik l-elezzjoni, ma tiġix, minħabba dawk ir-reati, iddikjarata nulla, u lanqas il-kandidat ma jaqa' taħt ebda inkapaċità taħt din l-Ordinanza, jekk il-qorti tkun sodisfatta, wara li tagħti lill-Avukat Ġenerali l-

opportunità li jiġi mismugħ, illi l-kandidat għamel il-prova -

(*a*) li ebda att ta’ korruzzjoni jew illegali ma sar f’dik l-elezzjoni mill-kandidat jew mill-aġent elettorali tiegħu u r-reati hawn fuq imsemmija saru kontra l-ordnijiet u mingħajr il-kunsens jew il-konnivenza ta’ dak il-kandidat jew ta’ l-aġent elettorali tiegħu; u

(*b*) illi dak il-kandidat u l-aġent elettorali tiegħu għamlu kull mezz raġonevoli sabiex ma jħallux li jsiru atti ta’ korruzzjonijiet u atti illegali f’dik l-elezzjoni; u

(*ċ*) illi r-reati hawn fuq imsemmija kienu ta’ natura ħafifa, bla importanza u limitati; u

(*d*) illi mill-bqija fl-elezzjoni ma kien hemm ebda att ta’ korruzzjoni jew att illegali min-naħa ta’ dak il-kandidat u ta’ l-aġenti tiegħu.

Il-qorti tista’ ma tqisx bħala att illegali, att innoċenti.

**59.** Meta, fi proċedimenti, jiġi ippruvat lill-qorti, bi provi li l-qorti jidhrilha li huma biżżejjed -

(*a*) illi att jew nuqqas ta’ kandidat f’elezzjoni, jew ta’ l-aġent elettorali tiegħu jew ta’ aġent ieħor jew ta’ persuna oħra, li jikkonsisti fi ħlas ta’ somma jew spiża magħmula f’ammont li jiskorri l-*maximum* permess f’din l-Ordinanza, jew li jikkonsisti fi ħlas, obbligu, impieg, jew kuntratt magħmul b’kontravvenzjoni ta’ din l-Ordinanza, jew li b’mod ieħor sar b’kontravvenzjoni tad-disposizzjonijiet ta’ din l-Ordinanza, kien ikun, li kieku ma kienx hemm dan l-artikolu, att illegali; u

(*b*) illi dak l-att jew nuqqas kien ġej min-nuqqas ta’ attenzjoni jew minħabba kalkolu ħażin mhux apposta jew minħabba kawża oħra raġonevoli ta’ l-istess xorta, u illi, f’ebda każ, ma ġie minn nuqqas ta’ bona fidi,

u taħt iċ-ċirkostanzi l-qorti jkun jidhrilha, wara li tagħti lill-Avukat Ġenerali l-opportunità li jiġi mismugħ, li hi ħaġa sewwa li l-kandidati f’dik l-elezzjoni u l-aġent u persuna oħra jew xi ħadd minnhom, m’għandhomx ikunu suġġetti għall-konsegwenzi taħt din l-Ordinanza, il-qorti tista’ tqis dak l-att jew nuqqas bħala eċċezzjoni għad-disposizzjonijiet ta’ din l-Ordinanza, għad illi, skond dawn id-disposizzjonijiet dak l-att jew nuqqas kien ikun att illegali, u b’hekk il-kandidat, aġent jew persuna hawn fuq imsemmija ma jkunux suġġetti minħabba dak l-att jew nuqqas għal ebda waħda mill-konsegwenzi taħt din l-Ordinanza.

Skuża ammissibbli fil-każ ta’ nuqqas ta’ tħaris mid-disposizzjonijiet dwar ir-rapport u d-dikjarazzjoni ta’ spejjes elletorali.

**60.** (1) Meta r-rapport u d-dikjarazzjoni dwar spejjeż elettorali ta’ kandidat f’elezzjoni ma jiġux mibgħuta kif jinħtieġ f’din l-Ordinanza, jew, jekk jiġu mibgħuta, ikun fihom xi żball jew dikjarazzjoni falza, f’dan il-każ -

(*a*) jekk il-kandidat fi proċediment ċivili jew kriminali taħt din l-Ordinanza, jipprova għas-sodisfazzjon tal-qorti, illi l-fatt li dak ir-rapport jew dawk id-disposizzjonijiet, jew il-wieħed jew l-oħra jew parti minnhom, ma ġewx mibgħuta, jew li fihom xi żball

jew dikjarazzjoni falza, ġara minħabba li huwa kien marid jew minħabba l-assenza, mewt, mard jew imġieba ħażina ta' l-aġent elettorali tiegħu jew ta' skrivan jew ta' uffiċjal ta' dan l-aġent, jew minħabba nuqqas ta' attenzjoni, jew għal xi raġuni oħra tajba ta' din ix-xorta, u mhux minħabba nuqqas ta' bona fidi min-naħa tal-kandidat; jew

(*b*) jekk l-aġent elettorali tal-kandidat jipprova għas-sodisfazzjon tal-qorti illi l-fatt li ma bagħatx ir-rapport u d-dikjarazzjonijiet li kien imissu jibgħat jew xi parti minnhom, jew li kien fihom xi żball jew dikjarazzjoni falza, ġara minħabba li kien marid jew minħabba l-mewt jew mard ta' l-aġent elettorali li l-kandidat kellu qabel, jew minħabba l-assenza, mewt, mard jew imġieba ħażina ta' skrivan jew uffiċjal ta' aġent elettorali tal-kandidat, jew minħabba nuqqas ta' attenzjoni jew għal xi raġuni oħra tajba ta' din ix-xorta, u mhux minħabba nuqqas ta' bona fidi min-naħa ta' l-aġent elettorali,

il-qorti, wara li tagħti l-opportunità lill-Avukat Ġenerali li jigi mismugħ, tista', skond ma jidhrilha xieraq, tagħti digriet li bih tilqa' skuża ammissibbli għall-fatt li r-rapport u d-dikjarazzjonijiet hawn fuq imsemmija ma ġewx mibgħuta jew għall-fatt li kien fihom żball jew dikjarazzjoni falza.

(2) Meta fi proċediment jiġi ippruvat lill-qorti illi persuna li hija jew li kienet aġent elettorali irrifjutat jew naqset li tagħmel dak ir-rapport jew li tagħti dawk il-partikolaritajiet sabiex il-kandidat jew l-aġent elettorali tiegħu, rispettivament, ikunu jistgħu iħarsu d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza dwar ir-rapport u d-dikjarazzjoni ta' l-ispejjeż elettorali, il-qorti, qabel ma tagħti d-digriet u tilqa' l-iskuża, kif jingħat f'dan l-artikolu, tordna lil dik il-persuna biex tidher, u, kemm-il darba hija tonqos li tidher u li tipprova l-kuntrarju, tordnalha li tagħmel ir-rapport u d-dikjarazzjoni, jew li tikkunsinna prospett tal-partikolaritajiet li għandu jkun fih ir-rapport, kif il-qorti jidhrilha sewwa, u li tagħmel jew tikkunsinna dawn f'dak iż-żmien, u lil dik il-persuna u b'dak il-mod li l-qorti tordna, jew tista' tordna li tiġi eżaminata dwar dawk il-partikolaritajiet, u kemm-il darba tonqos li tesegwixxi dak l-ordni, hija tkun ħatja ta' att illegali.

(3) Il-qorti tista' tilqa' l-iskuża taħt il-kondizzjoni li jsir rapport u dikjarazzjoni f'forma mbiddla jew fi żmien imġedded, u li jiġu mħarsa dawk il-kondizzjonijiet l-oħra illi l-qorti jidhrilha li huma l-aħjar sabiex iseħħu l-finijiet ta' din l-Ordinanza; u d-digriet li jilqa' skuża ammissibbli jeħles lill-kandidat jew lill-aġent elettorali, skond il-każ, minn kull responsabbiltà jew konsegwenza taħt din l-Ordinanza għall-fatt skużat bid-digriet; u meta jiġi ippruvat lill-qorti mill-kandidat illi att jew nuqqas ta' aġent elettorali dwar ir-rapport u d-dikjarazzjoni rigward l-ispejjeż elettorali sar mingħajr il-kunsens jew il-konnivenza tal-kandidat u li l-kandidat għamel il-mezzi kollha raġonevoli sabiex jevita dak l-att jew nuqqas, il-qorti teħles lill-kandidat mill-konsegwenzi ta' l-att jew nuqqas ta' l-aġent elettorali tiegħu.

(4) Id-data tad-digriet, jew jekk ikollhom jiġu osservati kondizzjonijiet u pattijiet, id-data li fiha r-rikorrent jesegwihom għal kollox, hija magħrufa f'din l-Ordinanza bħala d-data li fiha ġiet milqugħa l-iskuża.

TAQSIMA VII

NULLITÀ TA' ELEZZJONIJIET

Nullità minħabba li l-kandidat jiġi misjub ħati.

**61.** Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 55 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-elezzjoni ta' kandidat bħala membru tal-Kamra tiġi annullata meta huwa jiġi misjub ħati ta' korruzzjoni jew ta' att illegali.

Nullità ta' elezzjoni għal raġunijiet oħra.

**62.** Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 55 tal-Kostituzzjoni ta' Malta meta applikabbli, l-elezzjoni ta' kandidat bħala membru tal-Kamra tiġi ddikjarata nulla meta tiġi pprovata għas-sodisfazzjon tal-qorti xi waħda jew oħra mir-raġunijiet li ġejjin:

(*a*) jekk minħabba korruzzjoni ġenerali, trattament ġenerali, jew intimidazzjoni ġenerali, jew imġieba oħra ħażina, jew ċirkostanzi oħra, il-biċċa l-kbira ta' l-eletturi kienu jew setgħu jkunu impeduti li jtellgħu l-kandidati li kienu jridu;

(*b*) nuqqas ta' tħaris tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza dwar l-elezzjonijiet jew tar-regolamenti dwar il-votazzjoni jekk il-qorti jidhrilha li l-elezzjoni ma ġietx immexxija skond il-prinċipji stabbiliti f'dawk id-disposizzjonijiet u li dan in-nuqqas kellu effett fuq ir-riżultat ta' l-elezzjoni;

(*ċ*) illi fl-elezzjoni sar att ta' korruzzjoni jew att illegali mill-kandidat innifsu jew minn aġent tal-kandidat bil-konoxxenza jew kunsens tal-kandidat;

(*d*) illi l-kandidat qabbad personalment persuna bħala aġent elettorali tiegħu, jew bħala galoppin jew aġent meta kien jaf li dik il-persuna, matul is-seba' snin ta' qabel ma ġiet hekk imqabbda minnu, kienet ġiet misjuba ħatja ta' att ta' korruzzjoni;

(*e*) illi l-kandidat kien, fiż-żmien li ġie elett, persuna skwalifikata għall-elezzjoni bħala membru.

*Miżjuda: XV.1996.66.*

## IL-ĦMISTAX-IL SKEDA

(Artikolu 72)

*Formola tal-Ġurament li Assistent Kummissjonarju Elettorali għandu jagħti lil elettur*

Jiena (1) ............................................. Nru. ta' l-I.D. ......................... li noqgħod (2) ...................................... naħlef/niddikjara solennement illi jiena qiegħed nitlob l-għajnuna ta' l-Assistenti Kummissjonarji Elettorali sabiex inkun nista' nivvota peress li ma nistax nimmarka l-polza tal-votazzjoni. (U hekk Alla jgħinni).

Data ......................     Firma jew marka ta' l-Elettur

.............................................

Maħluf/Dikjarat quddiemi llum .....................................................

............................................

Firma ta' l-Assistent
Kummissjonarju Elettorali

(1) Isem sħiħ

(2) Indirizz ta' l-elettur